A.L. 58 ta' l-2004

ATT TA L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' 2001)

Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Prevenzjoni, Kontroll u Eradikazzjoni ta' Ċerti *Spongiform Encephalopathies* li Jittieħdu.

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 4, 6, 7, 8, 10, 11 u 12 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Kapitolu I
DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Titlu, skop u applikazzjoni

1. (1) It-titlu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolament ta' l-2004 dwar il-Prevenzjoni, Kontroll u Eradikazzjoni ta' Ċerti *Spongiform Encephalopathies* li jistgħu jittieħdu.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Parliament u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (EC) No. 999/2001 dwar ir-regoli fuq il-Prevenzjoni, Kontroll u Eradikazzjoni ta' Ċerti Spongiform Encephalopathies li jistgħu jiġu trasmessi. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' *spongiform encephalopathies* li jittieħed (TSEs) f'annimali. Għandu japplika għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' annimali ħajjin u prodotti ta' oriġini ta' annimali u f'ċerti każi speċifiċi għall-esportazzjoni tagħhom.

(3) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal -

(a) prodotti, kożmetiċi jew mediċinali jew *devices* mediċi jew għal *starting materials* jew prodotti ntermedjarji tagħhom;

(b) prodotti li ma jkunux maħsubin għall-użu f'ikel għall-bnedmin, ikel jew fertilizzanti ta' l-annimali, jew għal *starting materials* jew prodotti intermedjarji tagħhom;

(ċ) prodotti ta' oriġini ta' annimali maħsuba għall-wiri, għat-tagħlim, riċerka xjentifika, studji jew analiżi speċjali kemm-il darba dawk il-prodotti ma jkunux eventwalment ikkunsmati jew użati mill-bendmin jew minn annimali, barra minn dawk li jkunu miżmuma għal proġetti ta' riċerka konċernati;

(d) annimali ħajjin użati f'riċerka jew maħsuba għal riċerka.

Separazzjoni ta' annimali ħajjin ta' prodotti ta' oriġini ta' annimali sabiex jiġu evitati *cross-contamination* jew sostituzzjoni

2. Separazzjoni ta' annimali ħajjin ta' prodotti ta' oriġini ta' annimali sabiex jiġu evitati *cross-contamination* jew sostituzzjoni bejn l-annimali ħajjin jew tal-prodotti ta' oriġini ta' annimal riferiti fir-regolament 1 (2) u l-prodotti ta' oriġini ta' annimal riferiti fir-regolament 1, (3) (a), (b) u (c), jew ta' l-annimali ħajjin riferiti fir-regolament 1 (3) (d), għandhom jinżammu separatament f'kull ħin sakemm l-annimali ħajjin bħal dawn jew il-prodotti ta' oriġini ta' annimal ma jkunux prodotti ta' l-anqas bl-istess kundizzjoni ta' protezzjoni ta' saħħa fir-rigward TSEs. Regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2) u skond ir-regoli mniżżla fl-artikolu 4 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Tifsir

3. (1) Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin -

(a) "annimal suspettat li ġie nfettat b'TSE" tfisser annimali ħajjin, maqtula jew mejta, li juru jew ikunu wrew xi diżordni newroloġika jew fl-imġieba tagħhom jew li marru lura progressivament fil-kundizzjoni ġenerali marbuta ma' ħsara fis-sistema nervuża ċentrali u li għaliha l-informazzjoni miġbura fuq il-bażi ta' eżami kliniku, kif wieġeb għat-trattament, l-awtopsja jew analiżi meħuda qabel inqatlu jew waqt l-awtopsja ma jippermettux dijanjożi alternattiva li għandha tkun stabbilita. *Spongiform encephalopathies* taċ-ċanga (BSE) għandha tkun suspettata f'annimali bovini li jkunu pproduċew riżulatat pożittiv minn test rapidu li jkun speċifikament għall-BSE;

(b) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru kompetenti biex jiżgura konformità mal-ħtiġiet ta' leġislazzjoni li tikkorrispondi ma' dawn ir-regolamenti jew kull awtorità li lilha dik l-awtorità ċentrali tkun iddelegat dik il-kompetenza, b'mod partikulari għall-kontroll ta' prodotti ta' l-ikel; għal Malta l-awtorità kompetenti hi s-Servizz Veterinarju; għandha tinkludi wkoll, fejn ikun xieraq, l-awtorità korrispondenti ta' pajjiż terz;

(ċ) "fertiliżżanti" tfisser kull sustanza li fiha prodotti ta' oriġini annimali utiliżżata fuq l-art biex tgħin fit-tkabbir tal-veġetazzjoni; tista' jinkludi fdalijiet mid-diġestjoni minn produzzjoni jew kompost ta' *biogas*;

(d) "fondi" g]andha tfisser kull post li fih jinżammu, jitrabbew, jitqandlu jew jintwerew lill-pubbliku annimali li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti;

(e) "kategorija" tfisser wieħed mill-kategoriji ta' klassifikazzjoni riferiti fil-Kapitolu Ċ ta' l-Iskeda II;

(f) "materjal b'riskju speċifikat" tfisser it-tessuti speċifikati fl-Iskeda V; sakemm ma jkunx indikat bi mod ieħor, ma jinkludix prodotti li jkun fihom jew li jkunu ġejjin minn dawk it-tessuti;

(ġ) "prodotti ta' oriġini ta' annimali" tfisser kull prodott li jkun ġie minn jew ikun fih xi prodotti ġejjin minn xi annimal kopert bid-disposizzjonijiet tal-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/662/EEC dwar verifiki veterinarji fil-kummerċ intra-kommunitarju bil-ħsieb li jkun kompletat is-suq intern jew tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC dwar verifiki veterinarji jew zootekniċi għall-kummerċ intra-kommunitarju ta' annimali ġejjin u prodotti bil-ħsieb li jkun kompletat is-suq intern;

(ħ) "sieħeb fil-kummerċ" skond l-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji tfisser -

(i) Stati Membri tal-Komunita Ewropea;

(ii) Pajjiżi Terzi għall-Komunita Ewropea;

fejn meħtieġ;

(i) "*starting materials"* tfisser materjali mhux maħduma jew kull prodott ieħor ta' oriġini ta' annimali li minnu, jew bl-għajnuna tiegħu, jiġu prodotti riferiti fir-regolament 1 (3) (a) u (b);

(j) "teħid ta' kampjuni" tfisser it-teħid ta' kampjuni, li jiżguraw rappreżentazzjoni statistikament korretta, minn annimali jew mill-ambjent tagħhom, jew minn prodotti ta' oriġini ta' l-annimali, bl-iskop li jistabbilixxi dijanjożi ta' marda, relazzjonijiet familjari, għas-sorveljanza tas-saħħa, u għall-monitoraġġ tan-nuqqas ta' aġenti mikrobijoloġiċi jew ta' ċertu materjal fi prodotti ta' oriġini ta' annimal;

(k) "test alternattiv" tfisser it-testijiet riferiti fir-regolament 8 (2) li jintużaw bħala alternattiva biex jinżamm materjal b'riskju speċifikat;

(l) "testijiet rapidi" tfisser il-metodi ta' analiżi riferiti fl-Iskeda X, Kapitolu Ċ, punt 4, u li għalihom ir-riżultati jkunu magħrufa fi żmien 24 siegħa;

(m) "tqegħid fis-suq" tfisser kull operazzjoni li l-iskop tagħha hu li jinbiegħu annimali ħajjin jew prodotti ta' oriġini ta' annimali li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti għal xi grupp terz fit-territorju ta' Malta jew fi Stati Membri, jew kull forma oħra ta' provediment bil-ħlas jew bla ħlas lill-grupp terz bħal dan jew ħażna, bil-ħsieb li jiġu provduti lil grupp terz bħal dan;

(n) "TSEs" tfisser *spongiform encephalopathies* trażmissibbli kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk li jaqbdu lill-bnedmin.

(2) Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet speċifiċi mniżżla fl-Iskeda I.

(3) Meta xi kliem jew frażijiet f'dan ir-regolament mhumiex definiti fis-sub-regolament (1) jew fl-Iskeda I, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet relevanti mogħtija fir-Regolament tal-Parlament u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja (EC) No. 1760/2000 u dawk mogħtija skond jew fid-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/432/EEC, 89/662/EEC, 90/425/EEC u 91/68/EEC, sakemm issir referenza għalihom f'dan it-test.

Miżuri ta' salvagwardja

4. (1) Rigward l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja, għandhom japplikaw il-prinċipji u d-disposizzjonijiet imfassla fl-artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/662/EEC, l-artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425, l-artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/496/EEC u l-artikolu 22 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC.

(2) Għandhom ikunu adottati l-miżuri ta' salvagwardja skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2) u r-regoli mniżżla taħt l-artikolu 4 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji. Dawn il-miżuri għandhom ikunu notifikati fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew, filwaqt li jingħataw ir-raġunijiet.

KAPITOLU II
DETERMINAZZJONI TA' STATUS TAL-BSE

Klassifikazzjoni

5. (1) L-istatus tal-BSE fit-teritorju ta' Malta, ta' Stat Membru, ta' pajjiż terz, jew ta' wieħed mir-reġjuni tagħhom (hawn aktar il-quddiem msejħa pajjiżi jew reġjuni) ikun determinat biss abbażi ta' kriterji rikonoxxuti internazzjonalment li huma mfassla fl-Iskeda II, Kapitolu A, u dak li joħroġ minn analiżi tar-riskju abbażi tal-fatturi kollha potenzjali biex titfaċċa l-marda *spongiform encephalopathy* fil-bovini kif definit fl-Iskeda II, Kapitolu B, u l-iżvilupp relattiv matul iż-żmien. It-territorju ta' Malta, Stati Membri u pajjiżi terzi li jixtiequ jibqgħu fuq il-lista ta' pajjiżi terzi approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunita ta' annimali ħajjin jew prodotti mniżżla f'dawn ir-regolamenti, għandu jissottometti lill-Kummissjoni Ewropea applikazzjoni biex ikun determinat l-*istatus BSE*, akkumpanjata b'informazzjoni relevanti dwar il-kriterji mfassla fl-Iskeda II, Kapitolu A, u dwar il-fatturi ta' riskji potenzjali speċifikati fl-Iskeda II, Kapitlu B, u l-iżvilupp tagħom matul iż-żmien.

(2) Għandha tkun adottata deċiżjoni fuq kull applikazzjoni, li tqiegħed it-territorju ta' Malta, Stat Membri u pajjiż terz jew reġjun ta' Stat Membru jew pajjiż terz li jkun applika f'xi waħda mill-kategoriji mniżżla fl-Iskeda II, Kapitolu Ċ, billi jitqiesu il-kriterji u l-fatturi ta' riskju potenzjali mniżżla fis-subregolament (1), skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2).

Din id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien sitt xhur minn meta tkun mogħtija l-applikazzjoni u fuq l-informazzjoni relevanti mniżżla fis-subregolament (1). Jekk il-Kummissjoni ssib li l-evidenza ma tinkludix l-informazzjoni mniżżla fl-Iskeda II, Kapitoli A u B, għandha ssaqsi għall-informazzjoni addizjonali li għandha tkun provduta fil-perjodu mniżżel. Id-deċiżjoni finali għandha mbagħad tiġi meħuda fi żmien sitt xhur minn meta tiġi mogħtija l-informazzjoni kollha.

Wara li l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epizootiku (OIE) stabbilixxa l-proċedura għall-klassifikazzjoni ta' pajjiżi skond il-kategorija u fil każ fejn il-pajjiż applikant tqiegħed f'wieħed minn dawn il-kategoriji, għandu jsir *reassessment* mill-Komunita Ewropea dwar il-kategoriji tal-pajjiż ikkonċernati skond l-ewwel subparagrafu ta' dan is-subregolament u jista jkun deċiż, jekk jaqbel, skond il-proċedura mnizzla fir-regolament 24(2).

(3) Jekk il-Kummissjoni Ewropea ssib li l-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru jew mill-Pajjiż Terz skond l-Iskeda II, Kapitoli A u B, m'hijiex suffiċjenti jew mhux ċara, tista', skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2), tiddetermina l-istatus tal-BSE fit-territorju ta' Malta, Stat Membru ieħor jew pajjiż terz ikkonċernat fuq il-bażi ta' kull analiżi ta' riskju.

Analiżi ta' riskju ta' dan it-tip għandha tinkludi *survey* konklussiv dwar l-istatistika tas-sitwazzjoni epidemjoloġika dwar it-TSEs fl-Istat Membru jew pajjiż terz li jkunu għamlu applikazzjoni, u dan għandu jsir fuq il-bażi ta' użu, fi proċedura ta' *sceening* ta' testijiet mgħaġġla. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tqis il-kriterji dwar il-klassifikazzjoni użati mill-OIE.

It-testijiet mgħaġġla għandhom ikunu appruvati għall-dak l-iskop skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2) u mniżżla fil-lista msemmija fl-Iskeda, X, Kapitolu C, punt 4.

Din il-proċedura ta' *screening* tista' tiġi wżata wkoll mill-Istati Membri jew pajjiżi terzi li jixtiequ jkollhom il-klassifika li wettqu fuq il-bażi approvata mill-Kummissjoni Ewropea skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2).

Il-prezz ta' din il-proċedura ta' *screening* għandha titħallas mill-Istat Membru jew mill-pajjiż terz ikkonċernat.

(4) Is-Servizz Veterinarju għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropeja mill-aktar fis possibli dwar xi evidenza epidemjoloġika jew informazzjoni oħra li tista ġġib bdil fl-istatus tal-BSE, l-aktar fir-riżultat ta' programmi ta' monitoraġġ mniżżla fir-regolament 6.

(5) Iż-żamma ta' pajjiż terz fuq waħda mil-listi provduti mir-regoli tal-Komunita Ewropea għall-iskop li jkunu permessi li jesportaw annimali ħajjin u prodotti ta' oriġini ta' annimali lejn il-Komunita Ewropea li għalihom dawn ir-regolamenti jipprovdu regoli speċifiċi għandha tkun deċiża taħt il-proċedura stabbilita fir-regolament 24(2) u għandha tkun magħmula b'kundizzjoni fid-dawl ta' l-informazzjoni disponibbli jew fejn ikun hemm ħsieb li teżisti l-preżenza ta' TSE fl-informazzjoni provduta fis-subregolament (1) li tkun qed tingħata. Fejn ikun rifjutat li tingħata dik l-informazzjoni fi żmien tlett xhur mid-data meta l-Kummissjoni Ewropeja tagħmel ir-rikjesta tagħha, il-leġislazzjoni tal-Komunita Ewropea għandha tapplika sakemm dik l-informazzjoni tkun mogħtija u tiġi evalwata skond is-subregolamenti (2) jew (3).

Il-pajjiżi terzi li jkunu eliġibbli għall-esportazzjoni lejn il-Komunita Ewropea ta' annimali ħajjin jew prodotti annimali li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti, taħt kundizzjonijiet ibbażati fuq il-kategorija tagħhom kif stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea, għandhom ikunu kondizzjonati li jinnotifikaw bil-kitba lill-Kummissjoni dwar xi evidenza epidemjoloġika jew evidenza oħra li tista' ġġib bidla fl-istat tal-BSE u dan għandu jsir mill-aktar fis possibli.

(6) Deċiżjoni tista' titieħed, skond il-proċedura misjuba taħt ir-regolament 24(2), li jbiddel il-klassifikazzjoni tal-BSE fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, jew f'xi reġjun tiegħu, skond ir-riżultati tal-verifiki mniżżla fir-regolament 21.

(7) Id-Deċiżjonijiet mniżżla fis-subregolamenti (2), (3), (5) u (6) għandhom ikunu bażati fuq *risk assessment* u għandhom jiġu kkunsidrati il-kriterji mogħtija taħt l-Iskeda II, Kapitoli A u B.

KAPITOLU III

PREVENZJONI TA' TSE

Sistema ta' Monitoraġġ

6. (1) Is-Servizz Veterinarju għandu jwettaq programm anwali għall-monitoraġġ tal-BSE u *scrapie* skond l-Iskeda III, Kapitolu A. Dak il-programm għandu jinkludi proċedura ta' *screening* billi jintużaw testijiet rapidi.

Testijiet rapidi għandhom ikunu dawk approvati għal dak l-iskop skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2) u elenkati fl-Iskeda X, Kapitolu Ċ, punt 4, kif ukoll skond l-artikolu 4 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(2) Is-Servizz Veterinarju għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-oħra, li jagħmlu parti min *Standing Veterinary Committee* meta titfaċċa emerġenza tat-TSE barra minn BSE.

(3) L-investigazzjonijiet uffiċjali kollha u l-eżami fil-laboratorju għandhom ikunu reġistrati skond l-Iskeda III, Kapitolu B.

(4) Is-Servizz Veterinarju għandu jippreżenta rapport annwali lill-Kummissjoni Ewropea li jkopri ta' l-anqas l-informazzjoni riferita fl-Iskeda III, Kapitolu B, Parti I. Ir-rapport għal kull sena kalendarja għandu jiġi ppreżentat l-aktar tard sal-31 ta' Marzu tas-

sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta sommarju tar-rapporti nazzjonali li jkopru ta' l-inqas l-informazzjoni mniżżla fl-Iskeda III, Kapitolu B, Parti II, tal-kumitat magħruf bħala *Standing Veterinary Committee* fi żmien tlett xhur minn meta jkunu ngħataw dawn ir-rapporti.

Projbizzjonijiet dwar l-għalf ta' l-annimali

7. (1) Huwa projbit it-tmigħ lil ruminanti ta' proteini li ġejjin minn mammiferi.

(2) Barra minn dan, il-projbizzjoni riferita fis-subregolament (1) għandha tkun estiża għal annimali u prodotti ta' oriġini ta' annimali skond punt 1 ta' l-Iskeda IV.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet imfassla f'punt 2 ta' l-Iskeda IV.

(4) (i) Stati Membri, jew reġjuni tagħhom, mniżżla fil-kategorija 5 huma projbiti milli jesportaw jew jaħżnu ikel maħsub għal annimali ta' fuq ir-razzett li jkun fih proteini ġejjin minn mammiferi jew ikel maħsub għal mammiferi, ħlief għal klieb u qtates, li jkun fih proteini pproċessati ġejjin minn mammiferi.

(ii) Pajjiżi terzi, jew reġjuni tagħhom, mniżżla fil-kategorija 5 huma projbiti li jesportaw lill-Komunita Ewropea ikel maħsub għal *livestock* li jkun fih proteini ġejjin minn mammiferi jew ikel maħsub għal mammiferi, ħlief klieb u qtates, li jkun fih proteini pproċessati meħuda minn mammiferi.

(5) Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari regoli dwar il-prevenzjoni ta' *cross-contamination* u dwar metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi meħtieġa biex jivverifikaw li dan ir-regolament jkun qiegħed jiġi segwit, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2) u skond ir-regoli mniżżla fl-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Materjal b'riskju speċifikat

8. (1) Il-materjal b'riskju speċifikat għandu jitneħħa u jinqered skond punti 2, 3, 4 u 8 ta' l-Iskeda V. Dak il-materjal b'riskju speċifikat jew il-materjal proċessat minnu jista' jitqiegħed is-suq jew, jekk ikun hemm bżonn, jiġi esportat biss għall-qerda finali skond punti 3 u 4 jew kif xieraq 7 (ċ) jew 8 ta' l-Iskeda V. Ma jistax jiġi importat fit-territorju ta' Malta. Tranżitu minn ġewwa il-Komunita Ewropea ta' materjal b'riskju speċfiku għandu jsir skond il-ħtiġiet ta' l-artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/496/EEC.

(2) Subregolament (1) ma għandux japplika għal tessuti minn annimali li jkunu għaddew minn test alternattiv approvat għal dak l-iskop distint skond ir-regoli mniżżla taħt l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2) u elenkat fl-Iskeda X, Kapitolu Ċ, punt 5, u applikat taħt il-kundizzjonijiet elenkati f'punt 5 ta' l-Iskeda V u fejn ir-riżultati tat-test kienu negattivi. Meta s-Servizz Veterinarju jawtorizza dak it-test alternattiv, għandu jinforma lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea.

(3) Fi Stati Membri, u reġjuni tagħhom, li jinsabu taħt il-kategoriji 2, 3 4 jew 5 riferiti fl-Iskeda II, Kapitolu Ċ, il-qatgħa, wara li jiġu sturduti, tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument twil b'għamla ta' virġa introdott fil-kavita' tal-kranju ma għandux jintuża fuq annimali bovini, ovini jew kaprini li l-laħam tagħhom ikun maħsub għall-konsum uman.

(4) L-informazzjoni li tirrelata ma' l-età mfassla fl-Iskeda V għandha tkun aġġustata regolarment. Dawn l-aġġustamenti għandhom ikunu bbażati fuq is-sejbiet xjentifiċi ppruvati li jikkonċernaw il-probabilità statistika ta' l-okkorrenza ta' TSE fi gruppi ta' età relevanti tal-popolazzjoni tal-bovini, ta' l-ovini u tal-kaprini tal-Komunita Ewropea.

(5) Rigward l-informazzjoni ta' inforzar effettiv tar-regolament 7 (1) jew, kif xieraq, fil-pajjiżi terzi, id-data ta' meta kien projbit l-użu ta' proteini ġejjin minn mammifi bħala ikel għal ruminanti f'kull pajjiż jew reġjun imqiegħed f'kategorija 3 jew 4, sabiex jillimita l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għal annimali li twieldu qabel id-data f'dawk il-pajjiżi jew reġjuni, jistgħu jkunu adottati derogi minn paragrafi 1 sa 4, skond -

(a) fejn jikkonċerna t-territorju ta' Malta, skond il-proċedura riferita fl-artikolu 11 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

(b) fejn jikkonċerna pajjiżi terzi skond il-proċedura riferita fl-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

B'mod simili, skond l-istess proċeduri, permezz ta' deroga minn subregolamenti (1) sa (4), wara konsultazzjoni ta' kumitati xjentifiċi xierqa u fuq il-bażi ta' valutazzjonidwar l-inċidenza, il-propagazzjoni u riskju ta' kemm ikun espost il-bniedem, tista tiġi adottata deċiżjoni skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2) u regoli mniżżla taħt l-Att dwar is-Servizz Veterinarju sabiex jista' jintuża bħala ikel, biex jiġi mitmugħ u bħala fertilizzant tal-kolonna vertebrali u tad-*dorsel root ganglia* minn annimali bovini jew ġewwa l-pajjiż jew reġjun imqiegħed f'kategorija 5.

(6) Għandhom jiġu adottati regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2) u -

(a) fejn ir-regoli jikkonċernaw t-territorju ta' Malta, skond il-proċedura riferita fl-artikolu 11 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji,

(b) fejn jikkonċerna l-pajjiżi terzi skond il-proċedura riferita fl-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Prodotti ta' oriġini ta' annimal meħuda jew li jkun fihom materjal ta' ruminant

9. (1) Fit-territorju ta' Malta, il-prodotti ta' oriġini ta' annimal elenkati fl-Iskeda VI ma għandhomx jiġu prodotti minn materjal ta' ruminant li ġej minn pajjiż jew reġjun imniżżel fil-kategorija 5, ħlief jekk huma jkunu prodotti skond il-proċess ta' produzzjoni approvat skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2) u skond l-artikolu 11 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(2) Għadam tar-ras, tal-kolonni vertebrali ta' annimali bovini, ovini u kaprini minn pajjiżi jew reġjuni tagħhom mniżżla fil-kategoriji 2, 3, 4 jew 5, ma għandhomx jintużaw għall-produzzjoni ta' laħam miġjub mekkanikament.

(3) Subregolamenti (1) u (2) ma għandhomx japplikaw, fid-dawl tal-kriterji mfassla f'punti 5 ta' l-Iskeda V, għal ruminanti li jkunu għaddew minn test alternattiv li ġie rikonoxxut skond ir-regoli ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2), fejn ir-riżultati tat-test kienu negattivi.

(4) Regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2) u jekk ir-regoli -

(a) jikkonċernaw it-territorju ta' Malta, skond il-proċedura riferita fl-artikolu 11 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji,

(b) jikkonċernaw l-pajjiżi terzi skond bil-proċedura riferita fl-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Programmi edukattivi

10. (1) It-territorju ta' Malta għandu jiżgura li l-ħaddiema tas-Servizz Veterinarju, ta' laboratorji dijanjostiċi u kulleġġi ta' agrikoltura u mediċina veterinarja, veterinarji uffiċjali, *tobba veterinarji*, ħaddiema fil-biċċeriji u dawk li jrabbu, jżommu jew jimmaniġġaw l-annimali, għandhom jingħataw taħriġ fis-sinjali kliniċi, epidemijoloġiċi u,

fil-każ ta' ħaddiema responsabbli biex iwettqu verifiki billi jinterpretaw is-sejbiet fil-laboratorji relatati mat-TSEs.

(2) Biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' programmi edukattivi provduti fis-subregolament (1), tista' tingħata għajnuna finanzjarja mill-Komunita Ewropea. L-ammont ta' din l-għajnuna għandha tkun determinata skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2).

KAPITOLU IV
KONTROLL U ERADIKAZZJONI TA' TSEs

Notifika

11. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 82/894/EEC, it-territorju ta' Malta għandu jiżgura li kull annimal suspettat li ġie nfettat b'TSE għandu jkun immedjatament notifikat lis-Servizz Veterinarju. Stati Membri għandhom jinformaw regolarment lil xulxin u lill-Kummissjoni Ewropea il-każijiet notifikati ta' TSE. Is-Servizz Veterinarju għandu mingħajr dewmien jieħu l-miżuri stabbiliti fir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti, flimkien ma' kull miżura oħra meħtieġa.

Miżuri dwar annimali suspettati

12. (1) Kull annimal suspettat li ġie infettat b'TSE għandu jitqiegħed taħt restrizzjoni ta' ċaqlieq uffiċjali sakemm ikunu magħrufa r-riżultati ta' eżami kliniku u epidemijoloġiku mwettqa mill-awtorita kompetenti, jew maqtul għal eżami fil-laboratorju taħt kontroll uffiċjali. Jekk ikun suspettat BSE f'annimal bovin ġewwa fond fit-territorju ta' Malta, l-annimali bovini l-oħra kollha minn dak il-fond għandhom jitqiegħdu taħt restrizzjoni ta' ċaqlieq uffiċjali sakemm ikunu disponibbli r-riżultati ta' l-eżami.

Jekk ikun suspettat BSE f'annimal ovin jew kaprin ġewwa fond fit-territorju ta' Malta fuq il-bażi ta' evidenza oġġettiva bħalma huma r-riżultati ta' testijiet li kapaċi jagħmlu

differenza b'mod prattiku bejn it-TSEs varji, l-annimali ovini u kaprini l-oħra kollha minn dak il-fond għandhom jitqiegħdu taħt restrizzjoni uffiċjali ta' ċaqlieq sakemm ikunu disponibbli r-riżultati ta' l-eżami.

Jekk ikun hemm evidenza li l-fond fejn kien preżenti l-annimal meta kienet suspettata BSE mhux probabbli li kien il-fond li fih l-annimal seta' ġie espost għal BSE, is-Servizz Veterinarju jista' jiddeċiedi li l-annimal biss suspettat li hu nfettat għandu jitqiegħed taħt restizzjoni uffiċjali ta' ċaqlieq. Jekk ikun kunsidrat meħtieġ, is-Servizz Veterinarju jista' wkoll jiddeċiedi li fondi oħra jew il-fond li jkun espost għandu jitqiegħed taħt kontroll uffiċjali kif ikun jiddependi mill-informazzjoni epidemijoloġika li tkun disponibbli.

Taħt il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2) u b'deroga mir-rekwiżiti tat-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi ta' dan ir-regolament, Stat Membru jista jiġi eżentat milli japplika għal restrizzjonijiet uffiċjali fuq il-moviment ta' annimali jekk dan japplika l-miżuri li joffru salvagwardji ekwivalenti.

(2) Meta s-Servizz Veterinarju jiddeċiedi li ma jistax jeskludi l-possibilità ta' infezzjoni b'TSE, l-annimal għandu jinqatel, jekk ikun għadu ħaj; il-moħħ tiegħu u t-tessuti l-oħra kollha għandhom skond kif jiddeċiedi s-Servizz Veterinarju, jitneħħew u jintbagħtu lejn laboratorju approvat uffiċjalment, laboratorju ta' referenza nazzjonali provdut fir-regolament 19 (1) jew tal-laboratorju ta' referenza tal-Komunità Ewropea provdut taħt ir-regolament 19(2), għal eżami skond il-metodi ta' t-testjar stabbiliti fir-regolament 20.

(3) Il-partijiet kollha tal-ġisem ta' l-annimal suspettat inkluż il-ġild għandhom jinżammu taħt kontroll uffiċjali sakemm tkun saret dijanjożi negattiva jew għandhom jinqerdu skond l-Iskeda V, punt 3 jew 4.

(4) Regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura fir-regolament 24(2) u skond l-artikolu 4 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Miżuri wara l-konferma tal-preżenza ta' TSE

13. (1) Meta tkun konfermata uffiċjalment il-preżenza ta' TSE fit-territorju għandhom ikunu applikati l-miżuri li ġejjin mill-aktar fis possibbli -

(a) il-partijiet kollha mill-ġisem ta' l-annimal għandhom jinqerdu kompletament skond l-Iskeda V apparti mill-materjal miżmum għar-*records* skond l-Iskeda III, Kapitolu B, III, 2;

(b) għandha ssir inkjesta sabiex tidentifika l-annimali kollha li jkunu f'riskju skond l-Iskeda VII, punt 1;

(ċ) l-annimali kollha u l-prodotti kollha ta' oriġini ta' annimal riferiti fl-Iskeda VII, punt 2, li ġew identifikati bħala li qegħdin f'riskju mill-inkjesta riferita f'(b), għandhom jinqatlu u jinqerdu kompletament skond l-Iskeda V, punti 3 u 4.

B'deroga minn dan is-subregolament, it-territorju ta' Malta jista' japplika miżuri oħra li joffru livell ta' protezzjoni ekwivalenti jekk dawk il-miżuri jkunu ġew approvati skond il-proċedura tar-regolament 24(2).

(2) Sakemm jiġu mplimentati il-miżuri riferiti fis-sub-regolament (1) (b) u (ċ), il-fond li fih l-annimal kien preżenti meta kienet konfermata l-preżenza tat-TSE, għandu jitqiegħed taħt kontroll uffiċjali u ċ-ċaqlieq kollu ta' l-annimali suxxettibbli għat-TSEs u l-prodotti ta' oriġini ta' annimal meħuda minnhom, minn jew lejn il-fondi, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni mis-Servizz Veterinarju, sabiex ikun żgurat immedjatament li jkunu traċċati u identifikati l-annimali u l-prodotti ta' oriġini ta' annimal konċernati.

Jekk ikun hemm evidenza li l-fond fejn l-annimal infettat kien preżenti meta kien konfermat it-TSE għandu mnejn mhuwiex il-fond fejn l-annimal kien espost għat-TSE, is-Servizz Veterinarju jista' jiddeċiedi li ż-żewġ fondi jew il-fond ta' espożizzjoni biss għandu jitqiegħed taħt kontroll uffiċjali.

(3) Fil-każ fejn it-territorju ta' Malta jiddeċidi li jimplimenta skeda sostitutiva li toffri salvagwardji ekwivalenti mniżżla fil-hames subparagrafu tar-regolament 12(1), jista b'deroga mir-rekwiżiti tas-subregolament (1)(b) u (ċ), jkunu eżentati skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2) mir-rekwiżiti li japplikaw għar-restrizjonijiet uffiċjali fuq il-moviment ta' annimali u mir-rekwiżiti biex jinqatlu u jinqerdu l-annimali.

(4) Is-sidien għandhom ikunu kumpensati mingħajr dewmien għat-telf ta' l-annimali li ġew maqtula jew ta' prodotti ta' oriġini ta' annimal li ġew meqruda skond ir-regolament 12 (2) u s-subregolament (1) (a) u (ċ) ta' dan ir-regolament.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 82/894/EEC, il-preżenza konfermata ta' kull TSE barra mill-BSE għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni Ewropea fuq bażi annwali.

(6) Regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2). Aktar min hekk għandhom japplikaw ir-regoli mniżżla fl-artikolu 4 (2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Pjan ta' kontinġenza

14. (1) Fit-territorju ta' Malta skond ir-regoli mniżżla fl-artikolu 4 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u skond il-kriterji generali tar-regoli tal-Komunita Ewropea fuq il-kontroll ta' mard ta' l-annimali għandhom jitfasslu gwidi li jispeċifikaw il-miżuri nazzjonali li għandhom ikunu mplimentati u jindika l-kompetenzi u r-responsabiltajiet fejn ikunu konfermati każijiet ta' TSE.

(2) Fejn ikun hemm il-bżonn li l-leġislazzjoni tal-Komunita Ewropea tiġi applikata uniformement, il-linji ta' gwida jistu jiġu armonizzati skond il-proċedura misjuba taħt ir-regolament 24(2).

KAPITOLU V
IT-TQEGĦID FIS-SUQ U ESPORTAZZJONI

Annimali ħajjin, is-semen, l-embrijoni u l-ova tagħhom

15. (1) It-tqegħid fis-suq, jew, jekk ikun hemm bżonn, l-esportazzjoni ta' annimali bovini, ovini jew kaprini u s-semen, l-embrijoni u l-ova tagħhom għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda VIII, jew fil-każ ta' importazzjonijiet, għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda IX. L-annimali ħajjin u l-embrijoni u l-ova tagħhom għandhom ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikati ta' saħħa ta' l-annimali xierqa skond ir-regolament 17, jew, fil-każ ta' importazzjonijiet, skond ir-regolament 18.

(2) It-tqegħid fis-suq ta' l-ewwel ġenerazzjoni ta' wild, semen, embrijoni u ova tas-suspett tat-TSE jew annimali konfermati għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda VIII, Kapitolu B.

(3) Regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2) u skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

It-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti ta' oriġini ta' annimali

16. (1) Il-prodotti li ġejjin ta' oriġini ta' annimali meħuda minn ruminanti b'saħħithom ma għandhomx ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq jew, jekk ikun hemm bżonn, ta' esportazzjoni, skond dan ir-regolament, l-Iskeda VIII, Kapitoli Ċ u D, u ta' l-Iskeda IX, Kapitoli A, Ċ, F u Ġ -

(a) prodotti ta' oriġini ta' annimal koperti permezz tar-regolament 15, b'mod partikulari s-semen l-embrijoni u l-ova;

(b) (i) ħalib mhux maħdum fil-kuntest tat-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/46/EEC;

(ii) ħalib għall-manifattura ta' prodotti magħmula mill-ħalib fil-kuntest tat-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/46/EEC;

(iii) ħalib tax-xorb trattat bis-sħana fil-kuntest tat-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/46/EEC;

(iv) *dicalcium phosphate* (mingħajr l-ebda traċċi ta' proteini jew xaħmijiet);

(v) ġild u ġlud fil-kuntest tat-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/118/EEC;

(vi) ġelatina fil-kuntest tat-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/118/EEC, meħuda mill-ġild u l-ġlud riferiti f'punt (v);

(vii) *collagen* meħud mill-ġild u l-ġlud riferiti f'punt (v).

(2) Prodotti ta' oriġini ta' annimal importati minn pajjiż terz imqiegħed f'kategoriji 2, 3, 4 u 5 għandhom jiġu minn annimali bovini, ovini u kaprini b'saħħithom li għadhom ma ġewx soġġetti għal-laċerazzjoni tat-tessut nervuż ċentrali kif riferit fir-regolament 8 (3) jew maqtula permezz ta' gass injettat fil-kavità kranika.

(3) Prodotti ta' oriġini ta' annimal li jkun fih materjal miksuba minn annimali bovini li joriġinaw fi Stat Membru, reġjun ta' Stat Membru jew pajjiż terz klassifikat f'kategorija 5 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jkunux ġejjin minn -

(a) annimali li twieldu wara d-data li fiha kienet inforzata effettivament il-projbizzjoni dwar it-tmigħ lil ruminanti ta' proteini ta' annimal meħuda minn mammiferi;

jew

(b) annimali li kienu twieldu, trabbew u jkunu qagħdu mal-merħla bi storja ċertifikata ta' ħelsien mill-BSE għal ta' l-anqas seba' snin.

Barra minn dan, prodotti ta' oriġini ta' annimali ma għandhomx jerġgħu jintbagħtu minn Stat Membru jew reġjun ta' Stat Membru li ġie klassifikat f'kategorija 5, lejn Stat Membru ieħor, jew ikun importat minn pajjiż terz klassifikat f'kategorija 5. Dik il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għal prodotti ta' oriġini ta' annimal elenkati fl-Iskeda VIII, Kapitolu Ċ, u li jsegwu l-ħtiġiet ta' l-Iskeda VIII, Kapitolu Ċ. Għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimali maħruġ minn veterinarju uffiċjali li jiċċertifika li dawn ikunu ġew prodotti f'konformità mad-disposizzjonijiet li jikkorrispondu ma' dawk stabbiliti permezz ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Meta annimal jiċċaqlaq minn pajjiż jew reġjun għal pajjiż jew reġjun inkluż f'kategorija oħra, għandu jkun klassifikat fl-ogħla kategorija tal-pajjiżi jew reġjuni li fihom ikun qagħad 'il fuq minn erbgħa u għoxrin siegħa sakemm ma jkunux ġew provduti garanziji adegwati li jiċċertifikaw li l-annimal ma jkunx ħa prodotti ta' l-ikel mill-pajjiż jew reġjun klassifikat fl-ogħla kategorija.

(5) Prodotti ta' oriġini ta' annimal li għalihom dan ir-regolament jfisser regoli speċifiċi, għandhom ikunu akkumpanjati permezz taċ-ċertifikati xierqa tas-saħħa ta' l-

annimali jew dokumenti kummerċjali kif meħtieġ mill-legislazzjoni tal-Komunita Ewropea skond ir-regolamenti 17 u 18 jew, jekk ċertifikati jew dokumenti bħal dawn mhumiex provduti fil-legislazzjoni tal-Komunita Ewropea, permezz ta' ċertifikat tas-saħħa jew dokument kummerċjali u l-kapjun tagħhom għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2) u skond kif hemm mniżżel fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(6) Għall-iskop ta' importazzjoni fil-Komunita Ewropea, prodotti ta' oriġini ta' annimali għandhom isegwu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda IX, Kapitolu A, Ċ, F u Ġ.

(7) Skond il-proċedura riferita fl-artikoli 10 u 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u l-proċedura riferita fir-regolament 24(2), id-disposizzjonijiet tas-subregolamenti (1) sa (6) jistgħu jkunu estiżi għal prodotti oħra ta' oriġini ta' annimal. Regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati permezz ta' l-istess proċedura.

Ċertifikati tas-saħħa

17. Skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u taħt il-proċedura riferita fir-regolament 24(2), iċ-ċertifikati tas-saħħa riferiti fl-Anness F tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/432/EEC, Mudelli II u III fl-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/68/EEC u ċ-ċertifikati xierqa tas-saħħa stipulati bil-legislazzjoni tal-Komunita Ewropea dwar il-kummerċ fis-semen, fl-embrijoni u fl-ova ta' annimali bovini, ovini jew kaprini għandhom ikunu supplimentati, fejn meħtieġ, permezz ta' referenza għall-kategorija li tispeċifika l-klassifikazzjoni ta' l-Istat Membru jew reġjun ta' oriġini mogħtija skond ir-regolament 5.

Dokumenti kummerċjali xierqa dwar il-kummerċ fi prodotti ta' oriġini ta' annimali għandhom ikunu supplimentati fejn meħtieġ, permezz ta' referenza għall-kategorija ta' l-Istat Membru jew reġjun ta' oriġini mogħtija mil-Kummisjoni Ewropea skond ir-regolament 5.

Ċertifikati xierqa tas-saħħa dwar l-importazzjoni

18. Iċ-ċertifikati xierqa ta' saħħa dwar importazzjonijiet maħaruġa taħt il-legislazzjoni tal-Komunita Ewropea għandhom, skond l-artikoli 8 u 12(2)(ċ) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2), ikunu supplementati f'rigward ta' pajjiżi terzi, u klassifikati f'kategorija skond ir-regolament 5, mir-rekwiżiti speċifiċi mniżżla fl-Iskeda IX, fil-waqt li dik id-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni tkun meħuda.

KAPITOLU VI
LABORATORJI TA' REFERENZA, TEĦID TA' KAMPJUNI, TESTJAR U KONTROLLI

Laboratorji ta' riferenza

19. (1) Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza ta' kull Stat Membru u l-funzjonjiet u d-dmirijiet tagħhom għandhom ikunu dawk indikati fl-Iskeda X, Kapitolu A.

(2) Il-laboratorju ta' referenza tal-Komunita Ewropea u l-Funzjonijiet u d-dmirijiet tiegħu ħandhom jkunu dawk indikati fl-Iskeda X, Kapitolu B.

Metodi ta' teħid ta' kampjuni u metodi tal-laboratorju

20. (1) Testjar tal-kampjuni u testjar fil-laboratorju għall-preżenza ta' TSE għandhom jitwettqu billi jintużaw il-metodi u l-protokolli stabbiliti fl-Iskeda X, Kapitolu Ċ.

(2) Fejn ikun neċessarju li tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-regolament, regoli li jiġu mplimentati, inkluż il-metodu li jikkonferma il-BSE f'annimali ovini u kaprini, għandhom jkunu adottati skond ir-regoli mnizzla taħt l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u il-proċedura riferita fir-regolament 24(2).

Kontrolli internazzjonali

21. (1) Esperti mill-Kummissjoni Ewropea jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post bil-kooperazzjoni tas-Servizz Veterinarju fit-territorju ta' Malta, sa fejn hu meħtieġ għall-applikazzjoni uniformi ta' dawn ir-regolamenti. Is-Servizz Veterinarju għandu jipprovdi lill-esperti bl-għajnuna kollha meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinforma lis-Servizz Veterinarju bir-riżultati tal-verifiki magħmula.

Ir-regoli għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, u b'mod speċjali dawk li jiggvernaw il-proċedura għal-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2).

(2) Il-Komunita Ewropea għandha tagħmel verifiki li jikkonċernaw pajjiżi terzi skond l-artikoli 20 u 21 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC.

KAPITOLU VII
DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI

Miżuri transitorji dwar materjal b'riskju speċifiku

22. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda XI, Parti A għandhom jieqfu milli japplikaw immedjatament wara d-data ta' adozzjoni ta' deċiżjoni skond ir-regolament 5 (2) jew (4), f'liema data għandu jidħol fis-seħħ ir-regolament 8.

(2) Għandhom jintużaw ir-riżultati ta' *survey* statistiku konklussiv imwettaq skond ir-regolament 5 (3) matul il-perjodu transitorju biex jikkonfermaw jew ibidlu l-konklużjonijiet ta' analiżi ta' riskju riferiti fir-regolament 5 (1), waqt li jittieħed kont tal-kriterji ta' klassifikazzjoni definiti mill-OIE.

(3) Wara il-konsulta magħmula mill-kumitat xjentifiku xieraq, regoli dettaljati dwar is-*survey* statistiku għandu jkun adottat skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2).

(4) Il-kriterji minimi li għandhom jiġu milqugħa minn dan is-survey statistiku għandhom jkunu dawk imniżżla fl-Iskeda XI, Parti B.

Emendi ta' l-Iskedi u miżuri tranżizzjonali

23. Wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq fuq xi domandi li għandhom impatt fuq is-saħħa pubblika, l-Iskedi għandhom jiġu emendati jew supplementati u kull miżura tranżizzjonali xierqa għandha tkun adottata skond ir-regoli mniżżla taħt l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u l-proċedura mniżżla taħt ir-regolament 24(2).

Kumitati

24. (1) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun assistita minn Kumita Permanenti fuq Affarijiet Veterinarji. Madankollu, għall-għanjiet li jikkonċernaw esklużivament oġġetti ta' tmigħ ta' l-annimali, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun assistita minn Kumitat Permanenti fuq Affarijiet Veterinarji dwar Oġġetti ta' tmigħ u għall-għanjiet li jikkonċernaw l-ikel, minn Kumitat Permanenti Veterinarju fuq Oġġetti ta' l-Ikel.

(2) Fejn issir referenza għal dan is-subregolament, regolamenti 5 u 7 tad-Deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea 1999/468/EC għandhom japplikaw, skond ir-regolament 8 tagħha.

Il-perjodu mniżżel fl-artikolu 5(6) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jkun ta' tlett xhur u, fil-każ ta' miżuri ta' salvagwardja riferiti fir-regolament 4(2) ta' dawn ir-regolamenti, ta' 15-il ġurnata.

(3) Kull Kumitat għandu jadotta ir-regoli tiegħu ta' proċedura.

Kunsultazzjoni mal-kumitati xjentifiċi

25. Il-kumitati xjentifiċi adatt għandhom jkunu konsultati fuq kull ħaġa li taqa' taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti u li jista' jkolla impatt fuq is-saħħa pubblika.

SKEDA I

Definizzjonijiet Speċifiċi

1. Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti t-tifsiriet li ġejjin imniżżla fir-Regolament tal-Kunsill u l-Parlament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002 (OJ L 273, 10.10.2002), fir-Regolament tal-Kunsill u l-Parlament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 178/2002 (OJ L 31, 1.2.2002) u fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 79/373/EEC(OJ L 86, 6.4.1979), għandhom japplikaw –

(a) Regolament (EC) Nru. 1774/2002 –

(i) "annimal fir-razzett" fl-artikolu 2(1)(f);

(ii) "ikel għall-*pets*" fil-punt 41 ta' l-Anness I;

(iii) "proteina annimali pproċessata" fil-punt 42 ta' l-Anness I;

(iv) "ġelatina" fi punt 26 ta' l-Anness I;

(v) "prodotti ta' demm" fil-punt 4 ta' l-Anness I;

(vi) "*bloodmeal*" fil-punt 6 ta' l-Anness I; u

(vii) "*fishmeal*" fil-punt 24 fl-Anness I.

(b) Id-definizzjoni ta' "*feedingstuff*" fl-artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 178/2002;

(ċ) Id-definizjoni ta' "*complete feedingstuff*" fl-artikolu 2(d) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 79/373/EEC.

2. Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti, id-definizjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll –

(a) "każ indiġenu ta' BSE" tfisser każ ta' *spongiform encephalitis* tal-bovini li ma kienx muri b'mod ċar li se jkun infettat qabel l-importazzjoni bħala annimal ħaj;

(b) "*discrete adipose tissue"* tfisser ix-xaħam intern u estern tal-ġisem li jitneħħa matul il-qatla u l-proċess tat-tqattigħ, b'mod partikulari xaħam frisk mill-qalb, il-borqom, il-kliewi u l-mesenterija ta' annimali bovini, u xaħam minn kmamar tat-tqattigħ;

(ċ) "*cohort"* tfisser grupp ta' annimali bovini li -

(i) jew twieldu fl-istess merħla bħal l-annimal bovin affettwat, u fi żmien 12-il xahar qabel jew wara t-twelid ta' l-annimal infettat; jew

(ii) imrobbija flimkien ma' l-annimal affettwat f' kull ħin matul l-ewwel sena ta' ħajjithom u li seta' kkonsma l-istess ikel bħal dak li kkonsma l-annimal affettwat matul l-ewwel sena ta' ħajtu.

SKEDA II

Determinazzjoni ta' Status ta' BSE

KAPITOLU A

L-istatus ta' BSE fi Stat Membru jew pajjiż terz jew ta' wieħed mir-reġjuni tagħhom, minn hawn 'l quddiem riferit bħala "pajjiż jew reġjun", g]andu jkun determinat fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin -

(a) dak li joħroġ mill-analiżi ta' riskju li jidentifika l-fatturi potenzjali kollha biex tidher il-BSE riferita fil-Kapitolu B u l-iżvilupp tagħhom matul iż-żmien;

(b) programm edukattiv għall-veterinarji, dawk li jrabbu u dawk li jġorru, jinnegozjaw f'annimali bovini u joqtluhom, sabiex iħeġġuhom jirraportaw il-kazijiet kollha ta' manifestazzjonijiet newroloġiċi fi annimali bovini adulti;

(ċ) ir-rapport u l-eżaminazzjoni ta' bil-fors ta' l-annimali bovini kollha li juru sinjali kliniċi ta' BSE;

(d) sistema ta' sorveljanza u monitoraġġ kontinwi ta' BSE b'riferenza partikulari għar-riskji deskritti fil-Kapitolu B, waqt li jitqiesu tal-linji ta' gwida fit-tabella tal-Kapitolu A ta' l-Iskeda III jew skond *standards* internazzjonali xierqa; rapporti dwar in-numru ta' eżami imwettqa u r-riżultati tagħhom għandhom jinżammu għal ta' l-anqas seba' snin;

(e) eżami f'laboratorju approvat ta' kampjuni ta' *encephala* u tessuti oħra miġbura taħt is-sistema ta' sorveljanza msemmija f'punt (d).

KAPITOLU B

L-analiżi ta' riskju riferit fil-Kapitolu A (a) għandu jkun bażat fuq il-fatturi li ġejjin -

- il-konsum minn annimali bovini ta' laħam u *bone meal* jew qrieqeċ meħuda minn ruminanti;

- l-importazzjoni ta' laħam u *bonemeal* jew qrieqeċ li jkunu potenzjalment kontaminati b'TSE jew ikel ta' l-annimali li jkun fih laħam u *bonemeal* jew qrieqeċ;

- l-importazzjoni ta' annimali jew ova, embrijoni potenzjalment infettati b'TSE;

- l-istatus epidemijoloġiku tal-pajjiż jew reġjun rigward TSEs f'annimali;

- sa fejn iwassal it-tagħrif dwar l-istruttura tal-popolazzjoni tal-bovini, ovini u kaprini fil-pajjiż jew fir-reġjun;

- is-sors ta' skart ta' l-annimali, il-parametri tal-proċessi għat-trattament ta' materjal bħal dan u l-metodi ta' produzzjoni ta' ikel ta' l-annimali.

KAPITOLU C

Definizzjoni ta' Kategoriji

L-istatus tal-BSE tal-Istati Membri jew pajjiżi terzi jew wieħed mir-reġjuni tagħhom għandu jkun determinat permezz ta' klassifikazzjoni fil-kategoriji li ġejjin -

A. KATEGORIJA 1 -

"Pajjiż jew reġjun ħieles minn BSE" huwa pajjiż jew reġjun fejn tkun saret analiżi ta' riskju bażat fuq l-informazzjoni mniżżla fil-Kapitolu B li turi li wara li ttieħdu l-miżuri xierqa għal perjodu ta' żmien relevanti, biex jimmaniġġja kull riskju definit u -

1. JEW ma kien rekordjat l-ebda każ ta' BSE u -

(i) jridu jiġu segwiti l-kriterji tal-Kapitolu A (b) sa (e) għal ta' l-anqas seba' snin, jew

(ii) iridu jiġu segwiti l-kriterji fil-Kapitolu A (ċ) għal ta' l-anqas seba' snin u jkun intwera li għal ta' l-anqas fi tmien snin, l-ebda laħam u *bonemeal* jew qrieqeċ meħuda minn ruminanti jew mammiferi ma jkun ġie mitmugħ lir-ruminanti;

2. JEW fejn il-każi kollha ta' BSE ikunu wrew b'mod ċar li oriġinaw direttament mill-importazzjoni ta' annimali bovini jew embrijoni, ova ta' bovini, u li l-annimali bovini kollha affettwati kif ukoll, jekk dawn ikunu ta' sess femminili, l-aħħar wild tagħhom twieled fi żmien sentejn qabel, jew wara, l-ewwel sinjali kliniċi li jidhru fil-bidu tal-marda, jekk ikunu ħajjin fil-pajjiż jew fir-reġjun, ikunu nqatlu u nqerdu kompletament u, jew -

(i) iridu jiġu segwiti l-kriterji fil-Kapitolu A (b) sa (e) għal ta' l-anqas seba' snin, jew,

(ii) iridu jkunu ġew segwiti l-kriterji fil-Kapitolu A (ċ) għal ta' l-anqas seba' snin u jkun intwera li għal ta' l-anqas fi tmien snin, l-ebda laħam u għadam bħala ikel jew qrieqeċ ma ġew mitmugħa lir-ruminanti;

3. JEW fejn l-aħħar każ indiġenu tal-BSE kien rappurtat aktar minn seba' snin ilu, ikunu ġew segwiti l-kriterji fil-Kapitolu A (b) sa (e) għal ta' l-anqas seba' snin u l-għalf ta' laħam u għadam u qrieqeċ bħala ikel lir-ruminanti kien projbit u miżmun u din il-projbizzjoni kienet infurzata effettivament għal ta' l-anqas tmien snin.

B. KATEGORIJA 2 -

Pajjiż jew reġjun ħieles mill-BSE b'mod temporanju fejn ma kien rappurtat l-ebda każ indiġenu, pajjiż jew reġjun fejn analiżi ta' riskju kif deskritt fil-Kapitolu B kien kondott u wera li ttieħdu l-miżuri xierqa għal perjodu relevanti ta' żmien biex ikun maniġġat kull riskju definit, u -

1. JEW fejn ma kien hemm l-ebda każ ta' BSE u -

(i) il-kriterji fil-Kapitolu A (b) sa (e) ġew segwiti, imma ma ġewx segwiti għal dawn l-aħħar seba' snin, jew

(ii) ikun intwera li għal ta' l-anqas fi tmien snin, l-ebda laħam u *bonemeal* jew qrieqeċ ma' ġie mitmugħ lir-ruminanti, imma l-kriterji fil-Kapitolu A (ċ) ma kienux segwiti għal seba' snin;

2. JEW fejn il-każijiet kollha ta' BSE ikunu wrew b'mod ċar li oriġinaw direttament mill-importazzjoni ta' annimali ħajjin bovini jew embrijoni, ova bovini, u l-annimali bovini affettwati kollha kif ukoll, jekk dawn kienu annimali ta' sess femminili, l-aħħar wild tagħhom li twieled fi żmien sentejn qabel, jew wara, l-ewwel sinjali kliniċi meta tfaċċat il-marda, jekk ikunu ħajjin fil-pajjiż jew reġjun ikunu nqatlu u nqerdu kompletament,u jew -

(i) ikunu ġew segwiti l-kriterji fil-Kapitolu A (b) sa (e) għal ta' l-anqas seba' snin, jew

(ii) ikun intwera li għal mill-anqas tmien snin, ir-ruminanti ma jkun ġew mitmugħa l-ebda laħam jew *bonemeal* jew qrieqeċ, Iżda l-kriterji fil-Kapitolu A (ċ) ma jkunux ġew segwiti għal seba' snin.

Ċ. KATEGORIJA 3 -

Pajjiż jew reġjun temporanjament ħieles mill-BSE fejn ikun rappurtat mill-anqas każ indiġenu wieħed. Kull pajjiż jew reġjun fejn analiżi ta' riskju bażat fuq l-informazzjoni riferita fil-Kapitolu B ikun ġie kondott u li jkun wera li jkunu ttieħdu miżuri xierqa għal perjodu relevanti ta' żmien biex jimmaniġġaw kull riskju identifikat u -

1. JEW l-aħħar każ indiġenu ta' BSE kien irrapurtat aktar minn seba' snin ilu, ikunu ġew segwiti l-kriterji fil-Kapitolu A (b) sa (e) u li ż-żamma ta' għoti bħala għalf lir-ruminanti ta' laħam u *bonemeal* u qrieqeċ meħuda minn ruminanti, jkun infurzat b'mod effettiv, imma -

(i) ma jkunux ġew segwiti l-kriterji fil-Kapitolu A (b) sa (e) għal seba' snin, jew

(ii) iż-żamma ta' għoti bħala ikel lir-ruminanti ta' laħam u *bonemeal* u qrieqeċ meħuda mir-ruminanti ma jkunx ġie inforzat b'mod effettiv għal tmien snin;

2. JEW fejn l-aħħar każ indiġenu jkun ġie rrapurtat inqas minn seba' snin ilu, r-rata ta' inċidenza tal-BSE, kalkulata fuq il-bażi ta' każijiet indiġeni, jkun inqas minn każ wieħed kull miljun matul kull waħda mill-aħħar erba' perjodi konsekuttivi ta' tnax-il xahar ġewwa l-popolazzjoni ta' annimali bovini ta' 'l fuq minn 24 xahar fil-pajjiż jew reġjun jew meta f'pajjiż jew reġjun il-

popolazzjoni ta' annimali bovini ta' 'l fuq minn 24 xahar ikun inqas minn miljun annimal każ wieħed kull numru reali ta' din il-popolazzjoni (kalkulat fuq il-bażi ta' statistiċi ta' *Eurostat),* u fejn -

(i) iż-żamma ta' għoti ta' laħam u *bonemeal* u qrieqeċ bħala ikel lir-ruminanti li jkunu meħudin mir-ruminanti tkun ġiet infurzata b'mod effettiv għal mill-anqas tmien snin;

(ii) ikunu ġew segwiti l-kriterji fil-Kapitolu A (b) sa (e) għal mill-anqas seba' snin;

(iii) l-annimali bovini affettwati kif ukoll -

- jekk dawn ikunu annimali ta' sess femminili, l-aħħar wild tagħhom imwieled fil żmien sentejn qabel, jew wara l-ewwel sinjali kliniċi ta' meta tfaċċat il-marda,

- l-annimali bovini kollha mill-*cohort,* jekk ħajjin fil-pajjiż jew fir-reġjun, ikunu nqatlu u nqerdu kompletament.

Għal din il-klassifikazzjoni jista' jittieħed rendikont, permezz ta' deroga minn punt (iii), dwar l-eżistenza ta' miżuri oħra li joffru livell ta' protezzjoni ekwivalenti f'relazzjoni mal-qtil ta' annimali li jkunu f'riskju.

D. KATEGORIJA 4 -

Pajjiżi jew reġjuni b'rata baxxa ta' inċidenza tal-BSE -

Kull pajjiż jew reġjun fejn -

1. il-kriterji elenkati fil-Kapitolu A jkunu ġew segwiti u r-rata ta' inċidenza tal-BSE, kalkulata fuq l-aħħar 12-il xahar, tkun aktar minn jew daqs każ indiġenu wieħed kull miljun u anqas minn jew daqs mitt każ kull miljun tal-popolazzjoni ta' annimali bovini ta' 'l fuq minn 24 xahar fil-pajjiż jew fir-reġjun; jew

2. Il-kriterji elenkati fil-Kapitolu A jkunu ġew segwiti u r-rata ta' inċidenza tal-BSE, kalkulata kif speċifikat f'punt 1 tkun inqas minn każ indiġenu wieħed f'kull miljun għal anqas minn erba' perjodi konsekuttivi ta' 12-il xahar, u l-merħla affettwata kif ukoll -

- jekk dawn ikunu annimali ta' sess femminili, l-aħħar wild tagħhom li jkun twieled fi żmien sentejn qabel, jew wara l-ewwel sinjali kliniċi ta' meta tfaċċat il-marda,

- l-annimali bovini kollha mill-*cohort*,

- jekk ħajjin fil-pajjiż jew reġjun, jinqatlu u jinqerdu kompletament.

Għal din il-klassifikazzjoni jista' jittieħed kont, permezz ta' deroga minn dan il-punt, ta' l-eżistenza ta' miżuri oħra li joffru livell ta' protezzjoni ekwivalenti f'relazzjoni mal-qatla ta' l-annimali f'riskju.

Pajjiżi jew reġjuni fejn ir-rata ta' nċidenza tal-BSE kalkulata fuq l-aħħar 12-il xahar, kienet anqas minn każ indiġenu wieħed kull miljun fil-popolazzjoni tal-merħla ta' 'l fuq minn 24 xahar fil-pajjiż jew reġjun, imma fejn ikun ġie kondott analiżi ta' riskju kif deskritt fil-Kapitolu A li juri li ta' l-anqas wieħed mill-kriterji li jippermettu li pajjiż jew reġjun ikun klassifikat fil-Kategorija 2 jew 3 ma ġiex segwit, għandhom jitqiesu bħala pajjiżi jew reġjuni li jappartjenu għall-Kategorija 4.

E. KATEGORIJA 5 -

Pajjiż jew reġjun b'inċidenza għolja ta' BSE -

Kull pajjiż jew reġjun fejn -

1. il-kriterji elenkati fil-Kapitolu A ġew segwiti, u r-rata ta' incidenza tal-BSE, kalkulata fuq l-aħħar 12-il xahar, tkun ta' aktar minn mitt każ kull miljun fil-popolazzjoni ta' annimali bovini ta' 'l fuq minn 24 xahar fil-pajjiż jew fir-reġjun; jew

2. ir-rata ta' inċidenza tal-BSE, kalkulata fuq l-aħħar tnax-il xahar, tkun ogħla jew daqs każ wieħed kull miljun u inqas minn jew daqs mitt każ kull miljun ġewwa l-popolazzjoni ta' annimali bovini ta' 'l fuq minn 24 xahar fil-pajjiż jew fir-reġjun, u ta' l-anqas ma kienx segwit wieħed mill-kriterji elenkati fil-Kapitolu A.

SKEDA III

Sistema ta' Monitoraġġ

KAPITOLU A

I. MONITORAĠĠ TA' ANNIMALI BOVINI

1. Ġenerali

Monitoraġġ ta' annimali bovini għandu jsir skond il-metodi tal-laboratorju stabbiliti fl-Iskeda X, Kapitolu Ċ, punt 3.1 (b).

2. Monitoraġġ ta' annimali maqtula għall-konsum uman.

2.1. L-annimali kollha bovini ta' 'l fuq minn 24 xahar -

- soġġetti għal "qtil speċjali ta' emerġenza" kif definit fl-artikolu 2 (n) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, jew

- maqtula skond l-Anness I, Kapitolu VI, punt 28 (ċ), tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, barra annimali mingħajr sinjali kliniċi ta' mard maqtula fil-kuntest ta' mard fil-kampanja ta' eradikazzjoni,

għandhom ikunu ttestjati għall-BSE.

2.2. L-annimali bovini kollha ta' 'l fuq minn 30 xahar -

- soġġetti għal qtil normali għall-konsum uman, jew

- magħmula fil-kuntest ta' kampanja ta' eradikazzjoni ta' marda skond l-Anness I, Kapitolu VI, punt 28 (ċ), tad-Direttiva 64/433/EEC, imma li ma juru l-ebda sinjal kliniku tal-marda,

għandhom ikunu eżaminati għal BSE.

3. Monitoraġġ ta' annimali mhux imbiċċra għall-konsum uman

3.1. L-annimali bovini kollha ta' 'l fuq minn 24 xahar li mietu jew inqatlu imma li ma kinux -

- inqatlu għall-qerda skond il-miżuri tar-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 716/96,

- inqatlu fis-servizz ta' epidemija, bħalma hi l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer,

- inqatlu għall-konsum uman,

għandhom ikunu eżaminati għall-BSE.

3.2. Stati Membri jistgħu jiddeċidu li jidderogaw mill-proviżjonijiet tal-punt 3.1 f'żoni mwarba b' densita ta' annimali baxxa, fejn ma tiġiex organizzata il-kollezzjoni ta' annimali mejtin. Stati Membri li jużaw din id-deroga għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea, u jissottomettu lista taż-żoni derogati. Id-deroga ma tistax tkopri aktar minn 10% tal-popolazzjoni bovina ta' l-Istat Membru.

4. Monitoraġġ f'annimali mixtrija għad-distruzzjoni skond ir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 716/96

4.1. L-annimali kollha soġġetti għall-qtil jew misjuba morda fi spezzjoni ante mortem għandhom jkunu ittestjati għall-BSE.

4.2. L-annimali li għandhom aktar minn 42 xhar li twieldu qabel l-ewwel ta' Awissu 1996 għandhom ikunu ttestjati għall-BSE.

4.3. Kampjun meħud bl-addoċċ li jikkomprendi ta' l-inqas 10000 annimali kull sena li jagħmlu parti minn annimali li mhumiex koperti mill-punti 4.1 jew .2 għandhom jiġu ttestjati għal-BSE.

5. Monitoraġġ ta' annimali oħra

B'żieda mat-testijiet riferiti f'punt 2 u 4, Stati Membri jistgħu fuq bażi voluntarja jiddeċidu li jittestjaw annimali bovini fuq it-territorju tagħhom b'mod partikulari fejn dawk l-annimali li joriġinaw minn pajjiż b'BSE indiġenu, jkunu kkunsmaw prodotti ta' l-ikel li jkunu potenzjalment ikkontaminati jew twieldu jew ġew meħuda minn *dams* infettati fil-BSE.

6. Miżuri wara li jkunu eżaminati

6.1. Fejn annimal maqtul għall-konsum uman ikun magħżul biex ikun eżaminat għall-BSE, il-marka ta' saħħa provdut fil-Kapitolu XI ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC ma għandux jitwettaq fuq il-karkass ta' dak l-annimal sakemm ma jkunx inkiseb riżultat negattiv għat-test rapidu.

6.2. Jista' jkun hemm deroga għad-disposizzjonijiet ta' punt 6.1. fejn sistema uffiċjali tkun fis-seħħ fil-biċċerija li tiżgura li l-ebda parti mill-annimal eżaminat li jkollu fuqu l-marka tas-saħħa, ma jinħareġ mill-biċċerija sakemm jinkiseb riżultat negattiv għat-test rapidu.

6.3. Il-partijiet kollha tal-ġisem ta' xi annimal eżaminat għall-BSE inkluża l-ġilda għandhom jinżammu taħt kontroll uffiċjali sakemm ma jkunx għadu nkiseb riżultat negattiv għat-test rapidu, sakemm jinqerdu skond l-Iskeda V, punt 3 u 4.

6.4. Il-partijiet kollha tal-ġisem ta' xi annimal misjub pożittiv għat-test rapidu inkluża l-ġilda għandhom jinqerdu skond l-Iskeda V, punt 3 jew 4, apparti mill-materjal li għandu jinżamm flimkien mar-*records* provduti fil-Kapitolu B, sezzjoni III.

6.5. Fejn annimal maqtul għall-konsum uman jinstab pożittiv għat-test rapidu, ta' l-anqas il-karkass immedjatament wara li jkun sarlu test pożittiv u żewġ karkassi mmedjatament, wara l-karkass tat-test pożittiv fuq l-istess *slaughter line*, għandhom jinqerdu skond punt 6.4., b'żieda mal-karkass tat-test pożittiv.

6.6. Tista' tingħata deroga mid-disposizzjonijiet ta' punt 6.5. meta fil-biċċerija tkun fis-seħħ sistema li tevita l-kontaminazzjoni bejn il-karkassi.

II. MONITORAĠĠ TA' ANNIMALI OVINI U KAPRINI

1. Ġenerali

Monitoraġġ ta' annimali ovini u kaprini għandu jitwettaq skond il-metodi tal-laboratorji stabbiliti fl-Iskeda X, Kapitolu Ċ, punt 3.2(b).

2. Monitoraġġ ta' annimali maqtula għall-konsum uman.

Annimali ta' 'l fuq minn 18-il xahar jew li għandhom iktar minn żewġ inċiżjonijiet permanenti ħerġin minn ġol-ħanek u li jinqatlu għall-konsum uman għandhom jkunu testjati skond id-daqs tal-kampjun imniżżel fit-tabella. It-teħid ta' kampjuni għandu jkun rappreżentattiv għall kull reġjun u staġun. L-għażla tal-kampjun għandha tkun maħsuba bi skop li tkun evitata rappreżentanza żejda ta' kull grupp rigward l-oriġini, l-ispeċi, l-età, ir-razza, it-tip ta' produzzjoni jew kull karatteristika oħra. L-età ta' l-annimali għandha tkun stmata fuq il-bażi tad-destinazzjoni, sinjali ovvji ta' maturità jew informazzjoni oħra ta' min joqgħod fuqha. Il-multiplikar ta' teħid ta' kampjuni fl-istess merħla għandu fejn ikun possibbli jiġi evitat.

Stat Membru

Daqs ta' kampjun minimu annwali

Annimali maqtula

Belgju
3, 750

Danimarka
3, 000

Ġermanja
60, 000

Greċja
60, 000

Spanja
60, 000

Franza
60, 000

Irlanda
60, 000

Italja
60, 000

Lussemburgu
250

il-Pajjiżi Baxxi
39, 000

Awstrija
8, 200

Portugall
22, 500

Finlandja
1, 900

Svezja
5, 250

Renju Unit
60, 000

(1) Id-daqs tal-kampjun li ġie kkalkulat sabiex isib prevalenza ta' 0,005% b' affidabitita ta' 95% f'annimali maqtula ġewwa Stati Membri li joqtlu numru kbir ta' nagħaġ. F'dawk l-Istati Membri li joqtlu numru iżgħar ta' nagħaġ, id-daqs tal-kampjun huwa kkalkulat bħala 25% tan-numru ta' nagħaġ mill-merħla li huwa stmat jew rikordjat li ġew maqtula fl-2000.

Stat Membru jista jagħmel test fuq numru ta' annimali inqas minn dawk imniżżla fit-tabella jekk l-aħħar statistika uffiċjali dwar il-qtil tindika li dan in-numru huwa ekwivalenti għal 25% ta' nagħaġ mill-merħla li jiġu maqtula kull sena fl-Istat Membru.

3. Monitoraġġ f'annimali mhux maqtula għall-konsum uman.

Annimali ta' 'l fuq minn 18-il xahar jew li jkollhom aktar minn żewġ inċiżjonijiet permanenti ħerġin minn ġol-ħanek li jkunu mietu jew inqatlu, imma li ma kinux -

- maqtula fil-kuntest ta' kampanja ta' eradikazzjini ta' mard;

- maqtula għall-konsum uman,

għandu jkun kalkulat skond id-daqs tal-kampjun mniżżel fit-tabella. It-teħid ta' kampjuni għandu jkun rappreżentattiv ta' kull reġjun u staġun. L-għażla tal-kampjun għandha ssir biex tkun evitata r-rappreżentazzjoni żejda ta' kull grupp rigward l-oriġini, l-ispeċi, l-età, ir-razza, it-tip ta' produzzjoni jew kull karatteristika oħra. L-età ta' l-annimal għandha tkun stmata fuq il-bażi ta' l-istudju tas-snien, sinjali ovvji ta' maturità jew informazzjoni oħra li ta' min joqgħod fuqha. Il-multiplikar ta' teħid ta' kampjuni fl-istess merħla għandu fejn ikun possibbli jkun evitat.

Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu żoni remoti b'densita' ta'annimali baxxa, fejn mhux organizzata il-kollezzjoni ta' annimali mejta, mill-kampjuni. Stati Membri li jużaw din id-deroga għandhom jinfurmaw li Kummisjoni Ewropea, u jissottmettu lista ta' żoni li għandhom id-deroga. Din id-deroga ma għandhiex tkopri aktar minn 10% tal-popolazzjoni ovina u kaprina fl-Istat Membru.

Stat Membru

Daqs annwali ta' kampjun minimu

Annimali mejta

Belġju
450

Danimarka
400

Ġermanja
6, 000

Greċja
6, 000

Spanja
6, 000

Franza
6, 000

Irlanda
6, 000

Italja
6, 000

Lussemburgu
30

Il-Pajjiżi Baxxi
5, 000

Awstrija
1, 100

Portugall
6, 000

Finlandja
250

Svezja
800

Renju Unit
6, 000

(1) Id-daqs tal-kampjun għandu jkun ikkalkulat biex jsib prevalenza ta' 0, 05% b'affidabilita' ta' 95% dwar annimali mejta fi Stati Membri li għandhom popolazzjlin kbira ta' nagħaġ. F'dawk l-Istati

Membri li għandhom popolazzjoni żgħira ta' nagħaġ, id-daqs tal-kampjun huwa kkalkulat b'50% tan-numru stmat ta' annimali mejta (mortalita' stmata 1%).

4. Monitoraġġ ta' merħliet infettati

Mill-ewwel ta' Ottubru 2003, annimali ta' aktar minn 12-il xahar jew li għandhom inċiżjoni permanenti maħruġa minn ġol-ħanek, li huma maqtula skond ir-regoli mniżżla fl-Iskeda VII, punt 2(b)(i) jew(ii) jew punt 2(c), għandu jkun ittestjat skond is-selezzjoni ta' kampjun magħżul bl-addoċċ, skond id-daqs tal-kampjun imniżżel fit-tabella.

Numru ta' annimali mill-qata' li għandhom aktar minn 12-il xahar u li jagħmlu parti mill-merħla

Daqs ta' kampjun minimu (1)

70 jew anqas
68

80
73

100
78

120
86

140
92

160
97

180
101

200
105

250
112

300
117

350
121

400
124

450
127

500 jew aktar
150

(1) Id-daqs tal-kampjun huwa kkalkulat b' 95% u għandu jinkludi ta' l-anqas waħda pożittiva jekk marda hija preżenti bi prevalenza minima ta' 2% fit-test tal-popolazzjoni.

5. Monitoraġġ ta' annimali oħra.

B'żieda mal-programm ta' monitoraġġ imniżżel fil-punti 2, 3 u 4, Stati Membri jistgħu b'mod volontarju jwettqu monitoraġġ f'annimali oħra b'mod partikolari –

- annimali wżati għall-produzzjoni tal-ħalib;

- annimali li joriġinaw minn pajjiżi b'TSEs indiġeni;

- annimali li jkunu kkunsmaw prodotti ta' l-ikel li jkunu potenzjalment kontaminati;

- annimali li twieldu jew ġew minn imqajel li kienu infettati bit-TSE;

- annimali minn merħliet infettati b'TSE.

6. Miżuri wara li jkun sar test fuq annimali ovini u kaprini.

6.1. Fejn annimal maqtul għall-konsum uman ikun intagħażel għat-test tat-TSE, ma għandhiex titwettaq il-marka tas-saħħa provduta fil-Kapitolu XI ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC fuq il-karkassa ta' dak l-annimal sakemm jinkiseb riżultat negattiv għat-test rapidu.

6.2. Tista' tingħata deroga mid-disposizzjonijiet ta' punt 6.1 fejn sistema uffiċjali tkun fis-seħħ fil-biċċerija li tiżgura li l-ebda parti mill-annimali eżaminati li jkun fihom il-marka tas-saħħa ma jinħarġu mill-biċċerija sakemm ikun inkiseb riżultat negattiv għat-test rapidu.

6.3. Il-partijiet kollha tal-ġisem ta' annimal ittestjat inkluża l-ġilda għandhom jinżammu taħt kontroll uffiċjali sakemm jinkiseb riżultat negattiv għat-test rapidu, ħlief jekk ikunu nqerdu skond l-Iskeda V, punt 3 jew 4.

6.4. Il-partijiet kollha tal-ġisem ta' xi annimal li jkun instab pożittiv għat-test rapidu inklużi l-ġilda għandhom jinqerdu skond l-Iskeda V, punt 3 jew 4, apparti mill-materjal li għandu jinżamm b'rabta mar-*records* provduti fil-Kapitolu B, Sezzjoni III.

7. *Genotyping*

7.1. Il-*prion protein genotype* għandu jkun determinat għal kull każ ta' TSE pożittiv fin-ngħaġ. Każijiet ta' TSE misjubin f'ġenotipi reżistenti (ngħaġ ta' ġenotipi li jikkodifikaw *alanin* fuq iż-żewġ *alleles* f'*codon* 136, *arginin* fuq żewġ *alleles* f'*codon* 154 u *arginin* fuq żewġ *alleles* f'*codon* 171) għandhom immedjatament ikunu rappurtati lill-Kummissjoni Ewropea. Fejn ikun possibbli, każijiet bħal dawn għandhom ikunu sottomessi għal *strain-typing.* Fejn ma jkunx possibbli *strain-typing* ta' każijiet bħal dawn, il-merħla ta' oriġini u l-merħliet l-oħrajn kollha fejn l-annimal ikun ġie soġġett għall-moniterġġ (*enhanced)* bil-għan li jinstabu każijiet oħrajn ta' TSE għal *strain-typing.*

7.2. B'żieda ma' annimali ġenotipati taħt id-disposizzjonijiet ta' punt 7.1., il-*prior protein genotype* ta' *random subsample* ta' l-annimali ovini eżaminati taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu A, sezzjoni II, punt 2 għandu jkun determinat. Dan is-*subsample* għandu jirrappreżenta ta' l-anqas

perċentwal wieħed tal-kampjun totali għal kull Stat Membru, u ma għandux ikun ta' inqas minn 100 annimal. Permezz ta' deroga, jista' jintgħażel li jsir *genotype* fuq numru ekwivalenti ta' annimali ħajjin ta' eta' simili.

III. MONITORAĠĠ FI SPEĊI TA' ANNIMALI OHRA

Stati Membri fuq bażi voluntaja għandhom jwettqu monitoraġġ għat-TSE fi speċi ta' annimali oħra li mhumiex bovini, ovini u kaprini.

KAPITOLU B

I. INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN PREŻENTATA MINN STATI MEMBRI FIR-RAPPORT TAGĦHOM

1. In-numru ta' każijiet suspettati kull speċi ta' annimal imqiegħed taħt restrizzjoni ta' ċaqlieq skond ir-regolament 12 (1).

2. In-numru ta' każijiet suspettati kull speċi ta' annimal suġġett għal eżaminazzjoni fil-laboratorju skond ir-regolament 12 (2) u dak li joħroġ minn dak l-eżami.

3. In-numru ta' merħliet fejn kienu ġew rappurtati u investigati każijiet suspettati ta' annimali ovini u kaprini skond ir-regolament 12 (1) u (2).

4. Id-daqs kalkulat ta' kull subpopolazzjoni riferita fil-Kapitolu A sezzjoni I, punti 3 u 4.

5. In-numru ta' annimali bovini ttestjati f'kull subpopolazzjoni riferita fil-Kapitolu A, Sezzjoni I, punt 2 sa 5, il-metodu għas-selezzjoni tal-kampjun u dak li joħroġ mit-testijiet.

6. Id-daqs kalkulat ta' dawk is-subpopolazzjonijiet riferiti fil-Kapitolu A, Sezzjoni II, punti 2 sa 3 li kienu magħżula biex iservu bħala kampjuni.

7. In-numru ta' annimali ovini u kaprini u merħliet eżaminati f'kull subpopolazzjoni riferita fil-Kapitolu A, Sezzjoni II, punti 2 sa 5, il-metodu ta' selezzjoni ta' kampjun u dak li joħroġ mit-testijiet.

8. Numru, distribuzzjoni ta' l-eta' ġeografika ta' każijiet pożittivi ta' BSE u *scrapie.* Il-pajjiż ta' oriġini, jekk ma jkunx l-istess bħal dak tal-pajjiż li rraporta, ta' każijiet pożittivi ta' BSE u *scrapie*. In-numru u d-distribuzzjoni ġeografika ta' merħliet pożittivi għal *scrapie.* Is-sena u, fejn hu possibbli, ix-xahar tat-twelied għandhom jingħataw għal kull każ ta' BSE.

9. Każijiet pożittiv ta' TSE konfermati f'annimali oħra li mhumiex ovini, bovini u kaprini.

10. Il-ġenotip u fejn hu possibbli r-razza ta' kull annimal meħud bħala kampjun f'kull sotto-popolazzjoni riferita fil-Kapitolu A, parti II, punt 7.1. u 7.2.

II. INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN IPPREZENTATA MILL-KUMMISSJONI FIS-SOMMARJU TAGĦHA

Is-sommarju għandu jkun ippreżentat f'forma ta' tabella li tkopri l-informazzjoni għal kull Stat Membru mniżżla f'Parti I.

III. *RECORDS*

1. Is-Servizz Veterinarju għandu jżomm għal seba' snin ir-*records* ta' -

- n-numru u t-tipi ta' annimali mqegħdin taħt restrizzjonijiet ta' moviment kif riferit fir-regolament 12 (1),

- in-numru u dak li joħroġ mill-investigazzjonijiet kliniċi u epidemjoloġiċi kif riferit fir-regolament 12 (1),

- in-numru u dak li joħroġ mill-eżami fil-laboratorju kif riferit fir-regolament 12 (2),

- in-numru, l-identità u l-oriġini ta' annimali meħuda bħala kampjun fil-*framework* ta' programmi ta' monitoraġġ kif riferit fil-Kapitolu A u, fejn ikun possibbli, l-età, ir-razza u l-informazzjoni anamnestika,

- il-*prion protein genotype* ta' każijiet ta' TSE pożittiv f'ngħaġ.

2. Il-laboratorju investigattiv għandu jżomm, għal seba' snin, ir-*records* kollha tat-testing, b'mod partikolari *workbooks* tal-laboratorju u, fejn ikun xieraq, *paraffin blocks* u ritratti ta' *western blots.*

SKEDA IV
IKEL TA' L-ANNIMALI

Estensjoni tal-projbizzjoni mniżżla fir-regolament 7(1)

1. Il-projbizzjoni riferita fir-regolament 7 (1) għandha tkun estiża għal għoti ta' l-ikel lill- -

(a) annimali misjuba fuq il-*farm,* bl-eċċezjoni ta' annimali karnivori li jipproduċu l-*fur*; ta' -

(a) proteina pproċessata ta' l-annimali;
(b) ġelatina ġejja minn ruminanti;
(ċ) prodotti tad-demm;
(c) proteina idrolizzata;
(d) *dicalcium phosphate* u *tricalcium phosphate* ta' oriġini mill-annimali;
(e) prodotti ta' l-ikel li jikkontjenu l-proteini mniżżla fil-punti (a) sa (e);

(b) lil-ruminanti ta' proteina ġejja minn annimali u prodotti ta' l-ikel li jinkludu din il-proteina.

2. I. Deroga mill-projbizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 7 (1) u (2) u kundizjonijiet speċifiċi għall-applikazzjoni ta' derogi bħal dawn -

A. Il-projbizzjoni misjuba taħt ir-regolament 7(1) u (2) ma għandhiex tapplika għal -

(a) Proteini mniżżla taħt (i), (ii) u (iii) mogħtija bħala ikel lill-annimali li ma humiex ruminanti, u ta' l-ikel li ġej minn proteini bħal dawn, jekk dawn il-proteini jew ipproċessati skond l-artikolu 19 tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002 -

(i) *fishmeal*, skond il-kundizzjonijiet mniżżla f' punt B;

(ii) proteini idrolizzati ġejjin minn annimali li ma humiex ruminanti u glud ta' ruminanti, skond il-kundizzjonijiet imniżżla f'punt Ċ;

(iii) *dicalcium phosphate* u *tricalcium phosphate*, skond il-kundizzjonijiet mniżżla f' punt D;

(b) it-tmiegħ lil ruminanti tal-proteini mniżżla fi (i), (ii) u (iii), u ta' prodotti derivati minn dawk il-proteini, jekk il-proteini ġew ipproċessati skond kif imniżżel taħt l-artikolu 19 tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002 -

(i) ħalib u prodotti tal-ħalib u *colostrum*;

(ii) bajd u prodotti tal-bajd;

(iii) ġelatina ġejja minn annimali li ma humiex ruminanti;

(ċ) it-tmiegħ ta' prodotti ta' demm lill-ħut u *bloodmeal* derivati minn annimali li ma humiex ruminanti, jekk dawn kienu pproċessati skond l-artikolu 19 tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002 u ta' ikel li huwa derivat minn proteini bħal dawk, skond il-kundizzjonijiet mniżżla fi punt E.

B. Kundizzjonijiet għall-użu ta' *fishmeal* u ikel li fih il-*fishmeal* fit-tmiegħ ta' annimali li ma humiex ruminanti mkabbra f'razzett, bl-eċċezjoni ta' annimali karnivori li jipproduċu l-*fur.*

(a) Il-*fishmeal* għandha tiġi prodotta fil-postijiet ta' proċessar li huma esklussivi għall-produzzjoni ta' prodotti tal-ħut, dawn l-istabilimenti għandhom jkunu approvati għal dan il-għan mill-awtorita' kompetenti skond l-artikolu 17 tar-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002.

(b) Qabel jiġu mogħtija għaċ-ċirkolazzjoni fil-Kommunita Ewropea, kull kunsinna ta' *fishmeal* importata għandha tkun analizzata skond id-Direttiva tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 98/88/EC.

(ċ) Ikel li fih il-*fishmeal* għandhu jiġi magħmul fi stabbilimenti li ma jipproduċux ikel għal annimali ruminanti u li jiġu awtorizzati għal dan il-għan mill-awtorita kompetenti.

Madankollu, b'deroga minn din il-kundizzjoni -

(i) *home compounders* ma għandhomx bżonn awtorizzazzjoni speċifika għall-produzzjoni ta' ikel komplut li ġej minn ikel li fih il-*fishmeal* jekk -

- huwa reġistrat mill-awtorita' kompetenti;

- jzommu biss annimali li ma humiex ruminanti;

- jipproduċu ikel li jintuża biss fl-istess stabbiliment; u

- jipprovdu li l-ikel li fih il-*fishmeal* użat fil-produzzjoni fih inqas minn 50% ta' proteina nejja;

(ii) il-produzzjoni ta' ikel għal ruminanti fi stabbilimenti li jipproduċu ukoll ikel li fih il-*fishmeal* għal annimali ta' speċi oħra, jistgħu jkunu awtorizzati mill-awtorita' kompetenti b'kundizzjoni li jimxu ma dan li ġej -

- ikel bil-*bulk* u ppakjat għal ruminanti jrid jkun magħmul f'faċilitajiet separati fiżikament minn faċilitajiet fejn jiġi manifatturat l-ikel li fih il-*fishmeal,*

- ikel bil-bulk għal ruminanti jiġu miżmuma fi faċilitajiet separati fiżikament minn faċilitajiet fejn *fishmeal* bil-bulk u ikel bil-bulk li fih il-*fishmeal* huma miżmuma, trasportati jew ippakettjati,

-testijiet ta' rutina għandhom isiru fuq ikel għal-ruminanti biex jiżguraw li proteini projbiti li jinkludi *fishmeal* ma humiex preżenti.

(d) It-tikketta u d-dokument li jakkumpanja l-ikel li fih il-*fishmeal* għandu jindika b'mod ċar il-kliem **"jikkontjeni l-fishmeal - ma jistax jingħata lil ruminanti".**

(e) Ikel bil-bulk li fih il-*fishmeal* għandhu jkun trasportat b'vetturi li ma jittrasportawx ikel għal ruminanti fl-istess ħin. Jekk wara, il-vettura tittrasporta ikel għal-ruminanti, jiġi mnaddaf sewwa skond il-proċedura approvata mil awtorita' kompetenti sabiex ma sseħħ l-ebda *cross contamination.*

(f) L-użu u ħżiem ta' ikel li fih il-*fishmeal* għandu jkun projbit fi rziezet fejn hemm miżmuma r-ruminanti.

B'deroga minn dik il-kundizzjoni, l-awtorita' kompetenti tista' tippermetti l-użu u l-ħżin ta' ikel li fih il-*fishmeal* fi rziezet fejn jinżammu ruminanti, jekk ikunu ġew implimentati miżuri fl-irziezet biex ma jitħalliex li ruminanti jiġu mitmugħa ikel li jkun fih il-*fishmeal*.

Ċ. Kundizzjonijiet għal użu ta' proteini idrolizzati ġejjin minn annimali mhux ruminanti jew minn ġlud, u ikel li fih dan it-tip ta' proteini, fit-tmiegħ ta' annimali mhux ruminanti miżmuma f'razzett, bl-eċċezzjoni ta' tmiegħ lil annimali karnivori għall-produzzjoni tal-*fur*.

(a) Il-proteini idrolizzati għandhom jiġu magħmula minn stabbilimiment ta' l-ipproċessar li huwa approvat mill-awtorita' kompetenti skond l-artikolu 17 tar-Regolament (EC) Nru. 1774/2002 ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) Ikel li fih proteini idrolizzati għandhu jkun magħmul fi stabbilimenti li ma jagħmlux ikel għal ruminanti u li huma awtorizzati għal dan l-iskop mill-awtorita' kompetenti.

Madanakollu, b'deroga għal din il-kundizzjoni -

(i) *Home compounders* ma għandhomx bżonn awtorizzazzjoni speċifika għall-produzjoni ta' ikel komplet minn ikel li fih proteini idrolizzati jekk -

- huma reġistrati mill-awtorita' kompetenti,

- jzommu biss annimali li ma humiex ruminanti;

- li jipproduċu ikel li jintuża biss fl-istess stabbiliment; u

- jipprovdu li l-ikel li fih il-proteina idroliżżata użata fil-produzzjoni fih inqas minn 50% ta' proteina nejja;

(ii) il-produzzjoni ta' ikel għal ruminanti fi stabbilimenti li jipproduċu ukoll ikel li fih il-proteina idrolizzata għal annimali ta' speċi oħra, jistgħu jkunu awtorizzati mill-awtorita kompetenti b'kundizzjoni li jimxu ma' dan li ġej -

- ikel bil-*bulk* u ppakkjat għal ruminanti jrid ikun magħmul f'faċilitajiet separati fiżikament minn faċilitajiet fejn jiġi manifatturat l-ikel li fih il-proteina idrolizzata,

- ikel bil-bulk għal ruminanti jiġu miżmuma f'faċilitajiet separati fiżikament minn faċilitajiet fejn proteina idrolizzata bil-*bulk* u ikel bil-*bulk* li fih il-proteina idrolizzata huma miżmuma, trasportati jew ippakettjati,

- *records* li jżommu id-dettalji tax-xiri u l-użu tal-proteina idrolizzata, u l-bejgħ ta' ikel li fih il-proteina idrolizzata għandhom jinżammu għall-awtorita' kompetenti għal mill-inqas hames snin.

(ċ) It-tiketta u d-dokument li jakkumpanja l-ikel li fih il-il-proteina idrolizzata għandu jindika b'mod ċar il-kliem **"jikkontjeni l-proteina idrolizzata - ma jistax jingħata lil ruminanti".**

(d) Ikel bil-*bulk* li fih il-proteina idrolizzata għandhu jkun trasportat b'vetturi li ma jittrasportawx ikel għal ruminanti fl-istess ħin. Jekk wara, il-vettura tittrasporta ikel għal-ruminanti, din għandha tiġi mnaddfa sew skond il-proċedura approvata mill-awtorita kompetenti sabiex ma sseħħ ebda *cross contamination.*

(e) L-użu u l-ħżin ta' ikel li fih il-proteina idrolizzata għandu jkun projbit fi rziezet fejn huma miżmuma r-ruminanti.

B'deroga minn dik il-kondizzjoni, l-awtorita' kompetenti tista tippermetti l-użu u l-ħżin ta' ikel li fih il-proteina idrolizzata fi rziezet fejn jinżammu ruminanti, jekk ikunu ġew implimentati miżuri fl-irziezet biex ma jitħalliex li ruminanti jiġu mitmugha ikel li fih il-proteina idrolizzata.

D. Kundizzjonijiet għal użu ta' *dicalcium phosphate, tricalcium phosphate* u ikel li fih dan it-tip ta' proteini, fit-tmiegħ ta' annimali mhux ruminanti miżmuma f'razzett, bl-eċċezzjoni ta' tmiegħ lil annimali karnivori għall-produzzjoni tal-*fur*.

(a) *Dicalcium phosphate* u *tricalcium phosphate* għandhom jiġu magħmula minn stabbilimiment ta' ipproċessar li huwa approvat mill-awtorita kompetenti skond l-artikolu 17 tar-Regolament (EC) Nru. 1774/2002 ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) Ikel li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate* għandu jkun magħmul fi stabbilimenti li ma jagħmlux ikel għal ruminanti u li huma awtorizzati għal dan l-iskop mill-awtorita' kompetenti.

Madanakollu, b'deroga għal din il-kundizzjoni -

(ii) *Home compounders* ma għandhomx bżonn awtorizzazzjoni speċifika għall-produzjoni ta' ikel komplet minn ikel li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate* jekk -

- huma reġistrati mill-awtorita' kompetenti,

- jzommu biss annimali li ma humiex ruminanti;

- li jipproduċu ikel li jintuża biss fl-istess stabiliment; u

- jipprovdu li l-ikel li fih *dicalcium phosphate*jew *tricalcium phosphate* użata fil-produzzjoni fih inqas minn 10% totali ta' fosfru;

(ii) il-produzzjoni ta' ikel għal ruminanti fi stabbilimenti li jipproduċu ukoll ikel li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate* għal annimali ta' speċi oħra, jistgħu jkunu awtorizzati mill-awtorita' kompetenti b'kundizzjoni li jimxu ma' dan li ġej -

- ikel bil-*bulk* u ppakkjat għal ruminanti għandu jkun magħmul f'faċilitajiet separati fiżikament minn faċilitajiet fejn jiġi manifatturat l-ikel li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate,*

- ikel bil-*bulk* għal ruminanti jiġu miżmuma f'faċilitajiet separati fiżikament minn faċilitajiet fejn *dicalcium phosphate* u *tricalcium*

phosphate bil-*bulk* u ikel bil-*bulk* li fih *dicalcium phosphate* u *tricalcium phosphate* huma miżmuma, trasportati jew ippakkettati,

- *records* li jżommu id-dettalji tax-xiri u l-użu tad-*dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate*, u l-bejgħ ta' ikel li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate* għandhom jinżammu għall-awtorita kompetenti għal mill-inqas hames snin.

(ċ) It-tikketta u d-dokument li jakkumpanja l-ikel li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate* għandu jindika b'mod ċar il-kliem **"jikkontjeni *dicalcium, tricalcium phosphate* ta' origini annimali - ma jistax jingħata lil ruminanti".**

(d) Ikel bil-bulk li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate* għandhu jkun trasportat b'vetturi li ma jittrasportawx ikel ħal ruminanti fl-istess ħin. Jekk wara, il-vettura tittrasporta ikel għal-ruminanti, din tiġi mnaddfa sew skond il-proċedura approvata mill-awtorita' kompetenti sabiex ma sseħ ebda *cross contamination.*

(e) L-użu u ħżin ta' ikel li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate* għandu jkun projbit fi rziezet fej hemm miżmuma ir-ruminanti.

B'deroga minn dik il-kundizzjoni, l-awtorita' kompetenti tista' tippermetti l-użu u l-ħżin ta' ikel li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate* fi rziezet fejn jinżammu ruminanti, jekk miżuri għal fuq l-irziezet ġew implimentati sabiex ma jitħalliex li ruminanti jiġu mitmugħa ikel li fih *dicalcium phosphate* jew *tricalcium phosphate.*

E. Kundizzjonijiet għal użu ta' prodotti ta'demm, *bloodmeal* u ikel li fih proteini ta' dan it-tip ġejjin minn annimali mhux ruminanti fit-tmiegħ ta' ħut fil-vaski *(farmed fish)* -

(a) id-demm għandu jiġi minn biċċeriji approvati mill-EU li ma joqtlux ruminanti u li huma registrati li ma joqtlux ruminanti u għandhom jkunu trasportati direttament għall-istabbiliment ta' proċessar f'vetturi li jintużaw biss għal dan il-għan. Jekk din il-vettura kienet użata għat-trasport ta' demm ta' ruminanti, din għandha, wara li titnaddaf sew, tiġi spezzjonata mill-awtorita kompetenti qabel ma jiġi trasportat demm li mhux ġej minn ruminanti;

B'deroga minn dik il-kundizzjoni, l-awtorita' kompetenti tista' tagħti lok għall-qtil ta' ruminanti f'biċċeriji li jżommu demm ta' annimali li m'humiex ruminanti intiż għall-produzzjoni ta' *bloodmeal* u prodotti ta' demm għal użu bħala għalf tal-ħut jekk dawn il-biċċerijii għandhom sistema ta' kontroll rikonoxxuta. Din is-sistema ta' kontroll għandha tinkludi mill-anqas -

- il-qtil ta' annimali li mhumiex ruminanti fiżikament separati mill-qtil ta' ruminanti,

- il-ġbir, ħażna, trasport u ppakjar ta' demm ta' oriġini ta' annimali li mhumiex ruminanti f'faċilitajiet separati fiżikament fejn demm ta' origini ta' ruminanti huwa miġbur, maħżun, trasportat u ippakjat, u

- it-teħid ta' kampjuni regolarment u analiżi ta' demm oriġinat minn annimali li m'humiex ruminanti għall-preżenza ta' proteini ta' ruminanti;

(b) Prodotti tad-demm u l-*bloodmeal* għandhom jiġu magħmula fi stabbiliment esklussiv li jipproċessa demm li mhux ta' ruminanti u approvat mill-awtorita kompetenti skond l-artikolu 17 tar-Regolament (EC) Nru. 1774/2002 tal-Unjoni Ewropea.

B'deroga minn dik il-kundizzjoni, l-awtorita' kompetenti tista' tippermetti il-produzzjoni ta' prodotti tad-demm għall-użu fl-ikel tal-ħut fi stabilimenti li jipproċessaw demm li ġej minn ruminanti, u li għandhom sistema ta' kontroll rikonoxxuta fil-post li jipprevjeni il-*cross contamnination*. Is-sistema ta' kontroll għandha tinkludi mill-anqas -

- l-ipproċessar ta' demm li mhux ta' ruminanti fi sistema magħluqa u li hija fiżikament separata mill-ipproċessar ta' demm ta' ruminanti,

- it-trasport, ħżin u l-ippakkettar ta' materjal bil-*bulk* li mhux maħdum u prodotti mlestija tad-demm bil-*bulk* li mhux ġej minn ruminanti f'faċilitajiet li huma fiżikament separati mill-faċilitajiet fejn materjal mhux maħdum bil-bulk u prodotti mlestija bil-*bulk* li ġejjin minn ruminanti huma miżmuma waqt it-ħżin, trasport u ippakettar, u,

- it-teħid ta' kampjuni u l-analiżi ta' prodotti tad-demm li mhux ġej minn ruminanti għall-preżenza ta' proteini li ġejjin minn ruminanti;

(ċ) ikel li fih prodotti tad-demm jew *bloodmeal* għandu jkun prodott fi stabilimenti li jimmanifatturaw l-ikel tal-ħut u li ma jippreparawx ikel għal annimali ta' rziezet oħra, bl-eċċezzjoni ta' annimali karnivori li jipproduċu il-*fur*, u li huma awtorizzati mill-awtorita' kompetenti għal dan il-għan;

(d) it-tiketta li takkumpanja d-dokument kummerċjali jew iċ-ċertifikat ta' saħħa, kif suppost, ta' l-ikel li fih prodotti tad-demm jew *bloodmeal* għandha turi biċ-ċar il-kliem **"jikkontjeni prodotti tad-demm - jista' jingħata biss lill-ħut"** jew **"jikkontjeni *bloodmeal* – għandu jingħata biss lill-ħut"**, skond kif suppost;

(e) il-vetturi ta' trasport li jintużaw għat-trasport ta' ikel ta' ħut bil-*bulk* u li fih prodotti tad-demm jew *bloodmeal* ma għandhomx ikunu użat għat-trasport ta' ikel għal annimal miżmuma fl-irziezet, bl-eċċezzjoni ta' annimali karnivori li jiproduċu l-*fur* , sakemm dan il-vettura, wara li tittnaddaf, tiġi spezzjonata mill-awtorita' kompetenti;

(f) l-użu u l-ħżin ta' ikel għall-ħut li fih prodotti tad-demm jew *bloodmeal* għandu jkun projbit fi rziezet fejn annimali miżmuma fi rziezet oħra huma miżmuma bl-eċċezzjoni ta' annimali karnivori li jipproduċu l-*fur*.

3. II. Kundizzjonijiet generali dwar l-implimentazzjoni

A. Stati Membri għandhom jagħmlu aċċessibli lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni Ewropea l-aħħar lista ta' biċċeriji approvati mill-UE u li huma registrati li ma joqtlux ruminanti u stabbilimenti ta' ipproċessar approvati u li jipproduċu proteini idrolizzati, *dicalcium phosphate*, *tricalcium phosphate*, *fishmeal*, prodotti tad-demm jew *bloodmeal*, kif ukoll stabilimenti, bl-eċċezzjoni ta' *home compounders* awtorizzati għall-manufattura ta' ikel li fih il-proteini, u li jopperaw skond il-kundizzjonijiet mniżżla f'dawn ir-regolamenti fi żmien 60 ġurnata mid-data ta' meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti. L-emendi kollha li jsiru fil-lista għandhom ikunu immedjatament aċċessibli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummisjoni Ewropea.

B. (a) Proteina ta' l-annimali pproċessata bil-*bulk*, bl-eċċezjoni ta' *fishmeal*, u ikel bil-*bulk* li fih din il-proteina, għandu jkun maħżun u trasportat ġewwa faċilitajiet għal ta' l-apposta. Il-maħżen jew il-vettura jistgħu jintużaw għal raġunijiet oħra, wara li jitnaddaf, u wara li jkun spezzjonat mill-awtorita' kompetenti.

(b) *Fishmeal* bil-*bulk*, proteini idroliżżati bil-*bulk* u mniżżla f' punt A(a)(ii) jew parti I, *dicalcium phosphate* bil-*bulk* u *tricalcium phosphate* bil-*bulk* kif imniżżel f'punt A(a)(iii) jew parti I, u *bloodmeal* u prodotti tad-demm kif mniżżla f'punt A (ċ) jew parti I għandhom ikunu maħżuna u trasportati fi mħażen u vetturi dedikati għal dak il-għan.

(ċ) B'deroga minn punt (b) -

(i) mħażen u vetturi jistgħu jiġu wżati għall-ħżin u trasport ta' ikel li fih l-istess proteina;

(ii) mħażen u vetturi, wara li dawn jitnaddfu, jistgħu jiġu wżati għal għanijiet oħra wara li jiġu spezzjonati mill-awtorita kompetenti; u,

(iii) vetturi li jittrasportaw *fishmeal* jistgħu jintużaw għal għanijiet oħra jekk il-kumpannija ikollha sistema ta' kontroll sewwa, li hija rikonoxuta mill-awtorita kompetenti, sabiex tipprevjeni il-*cross contamination.* Din is-sistema ta' kontroll għandha mill-anqas tinkludi -

- *records* dwar il-materjal trasportat u tindif tal-vettura, kif ukoll

- it-teħid ta' kampjuni regolarment u analiżi ta' ikel li kien trasportat sabiex ikun magħruf jekk hemmx preżenza ta' *fishmeal.*

L-awtorita' kompetenti għandha tħarreġ *spot checks* frekwenti sabiex tivverifika l-applikazzjoni tal-pjan ta' kontroll.

Ċ. Ikel, li jinkludi *petfood*, u li fih proteini ġejjin minn annimali li ġew proċessati, u li mhumiex *fishmeal* jew *bloodmeal* li mhux ġejjin minn ruminanti, jew prodotti tad-demm li ġejjin minn ruminanti, ma għandhomx jkunu manifatturati fi stabbilimenti li jipproduċu ikel għal-annimali miżmuma fi rziezet, bl-eċċezzjoni ta' annimali karnivori li jipproduċu l-*fur*.

Petfood u ikel intiz għal annimali karnivori li jipproduċu l-fur li fihom il-*fishmeal*, proteini idrolizzati skond kif imniżżel fil-punt A(a)(iii) ta' parti I, *dicalcium phosphate* u *tricalcium phosphate* skond kif imniżżel fil-punt A(a)(iii) ta' parti I, u *bloodmeal* u prodotti tad-demm kif imniżżel fil-punt A(ċ) ta' parti I għandhom ikunu manifatturati u trasportati skond kif riferit f'punti B(ċ) u (e), Ċ(b) u (d), D(b) u (d) u E(ċ) u (e), rispettivament ta' parti I.

D. L-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ta' proteina proċessata li ġejja minn annimali ruminanti, u ta' prodotti li fihom proteina ġejja minn annimali ta' dan it-tip, għandha tkun projbita.

L-esportazzjoni ta' proteini oħra li ġejjin minn annimali u prodotti tad-demm u prodotti li fihom dawn it-tip ta' proteini għandha tiġi permessa biss fil-kundizzjonijiet li ġejjin -

- huma destinati għall-użu li mhux projbit fl-artikolu 7,

- ftehim bil-miktub ma' pajjiż terz li hu magħmul qabel l-esportazzjoni, li jinkludi rabta minn pajjiż terz dwar l-użu finali u mhux l-esportazzjoni mill-ġdid ta' proteina pproċessata ta' l-annimali, prodotti tad-demm u prodotti li fihom dawn it-tip ta' proteini għal użu projbit fl-artikolu 7.

Stati Membri li jawtorizzaw din l-esportazzjoni għandhom jinformaw il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Memri l-oħra tat-termini u l-kundizzjonijiet kollha li ġew miftemha mal-pajjiż terz konċernat, għall-implimentazzjoni effettiva ta' dawn ir-regolamenti, fil-kuntest ta' l-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali u saħħa ta' l-annimali.

Il-miżuri ta' dan il-punt għandhom japplikaw għal-*fishmeal*, jekk isegwu il-kundizzjonijiet mniżżla f'punt B, prodotti li fihom dan it-tip ta' *fishmeal* u *petfood*.

E. L-awtorita' kompetenti għandha tħarreġ dokumentarju u verifiki fiżiċi li jinkludu testijiet fuq l-ikel matul il-katina ta' distribuzzjoni u produzzjoni skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 95/53/EC, sabiex jiġu kkontrollat li r-regoli ta' dik id-Direttiva u dawn ir-regolamenti jkunu qed jiġu segwiti. Fejn tiġi misjuba il-preżenza ta' proteina ġejja minn annimali li hija projbita, id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 95/53/EC għandha tapplika.

F. Id-disposizzjonijiet dwar il-produzzjoni u l-użu ta' proteina pproċessata ġejja minn annimali skond kif imniżżel fir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002 għandhom japplikaw għall-ikel skond kif mniżżel f'din l-Iskeda.

SKEDA V

Materjali b'riskju speċifiku

1. It-tessuti li ġejjin għandhom jsemmew bħala materjal b'riskju speċifiku skond ma jiddependi mill-kategorija li fiha jkunu ġew klassifikati fl-Istat Membru jew pajjiż terz ta' oriġini jew residenza ta' l-annimal, determinat skond ir-regolament 5.

KATEGORIJI 1 U 2

Xejn

KATEGORIJI 3 U 4

(a) l-iskutella tar-ras inklużi l-moħħ u l-għajnejn, it-tunsilli u l-korda spinali ta' l-annimali bovini ta' 'l fuq minn 12 -il xahar, u l-intestini mid-*duodenum* sar-*rectum* ta' annimali bovini ta' l-etajiet kollha;

(b) l-iskutella tar-ras inklużi l-moħħ u l-għajnejn, it-tunsilli u l-korda spinali ta' annimali ovini u kaprini ta' 'l fuq minn 12 -il xahar jew li jkollhom inċiżjoni permanenti ħierġa minn ġol-ħanek, u l-milsa ta' annimali ovini u kaprini ta' l-etajiet kollha;

KATEGORIJA 5

(a) ir-ras sħiħa (ħlief l-ilsien), inkluż il-moħħ, l-għajnejn it-*trigeminal ganglia* u t-tunsilli; it-*thymus;* il-milsa u l-korda spinali ta' annimali bovini ta' 'l fuq minn sitt xhur, u l-intestini mid-*duodenum* sar-*rectum* ta' annimali ta' kull età

(b) il-kolonna vertebrali, inkluż id-*dorsal root ganglia,* ta' annimali bovini ta' 'l fuq minn 30 xahar;

(ċ) l-iskutella tar-ras inklużi l-moħħ u l-għajnejn, it-tunsilli, l-korda spinali ta' annimali ovini u kaprini ta' 'l fuq minn 12-il xahar jew li jkollhom inċiżjoni permanenti ħierġa minn ġol-ħanek, u l-milsa ta' annimali ovini u kaprini ta' kull eta'.

2. Materjal b'riskju speċifiku jrid jinteħħa -

(a) f'biċċeriji;

(b) f'impjanti ta' tqattigħ, impjanti bi proċessar b'riskju għoli jew bini riferit fir-regolamenti 3 u 7 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/667/EEC, taħt is-superviżjoni ta' aġent maħtur appuntat mill-awtorita kompetenti. Dawk l-istabbilimenti għandhom ikunu approvati għal dak l-iskop mill-awtorita' kompetenti.

Madanakollu, il-*vertebral column* tista' titneħħa f'postijiet fejn isir il-bejgħ lill-konsumaturi li jkunu jinstabu fit-teritorju ta' l-Istat Membru.

Fejn materjal b'riskju għoli ma jitneħħiex mill-annimali mejtin u li ma jkunux għadhom tbiċċru għall-konsum uman, il-partijiet tal-ġisem li jkun fihom materjal b'riskju speċifiku jew il-ġisem sħiħ għandu jkun trattat bħala materjal b'riskju għoli.

3. Il-materjal b'riskju speċifiku kollu jrid jittebba' b'kulur u kif ikun xieraq immarkat b'*marker* immedjatament kif jitneħħa u jinqered kompletament -

(a) permezz ta' inċinerazzjoni mingħajr proċess minn qabel; jew,

(b) basta l-kulur u l-*marker* jibqgħu jidhru, wara li jkun sar il-proċess ta' qabel -

(i) skond is-sistemi deskritti fil-Kapitolu I sa IV, VI u VII ta' l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea 92/562/EEC:

- permezz ta' inċinerazzjoni;

- permezz ta' koinċinerazzjoni;

(ii) ta' l-anqas skond l-*istandards* riferiti fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea 1999/534/EC, billi jkunu midfuna f'*landfill site* approvat.

4. Stati Membri jistgħu jidderogaw mid-disposizzjonijiet ta' punt 2 u 3 biex tippermetti l-inċinerazzjoni jew id-difna ta' materjal b'riskju speċifiku jew iġsma sħaħ, mingħajr ma jitgħabbew minn qabel, jew, kif ikun xieraq, it-tneħħija tal-materjali b'risjku speċifiku, fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 3 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/667/EEC u permezz ta' metodu li jevita kull riskju ta' trażmissjoni ta' TSE u jkun awtorizzat u taħt superviżjoni mis-Servizz Veterinarju, b'mod partikolari meta

l-annimali jkunu mietu jew inqatlu fil-kuntest tal-miżuri ta' kontroll tal-marda u mingħajr preġudizzju għall-artikoli 12 u 13.

5. L-użu ta' test alternattiv biex jitneħħa materjal b'riskju speċifiku taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin -

(a) għandhom jitwettqu testijiet f'biċċeriji fuq l-annimali kollha eliġibbli għat-tneħħija ta' materjal b'riskju speċifiku;

(b) l-ebda prodotti bovini, ovini jew kaprini maħsuba għall-ikel għall-bnedmin jew ikel ta' l-annimali jista' joħroġ mill-biċċerija qabel ma l-awtorita kompetenti tkun iddeċiediet u aċċetta tir-riżultati tat-testijiet fuq l-annimali mbiċċra kollha potenzjalment kontaminati jekk ikun konfermat li hemm BSE f'wieħed minnhom;

(ċ) meta test alternattiv jagħti riżutat pożittiv, il-materjal tal-bovini, l-ovini u l-kaprini kollha li kienu ġew potenzjalment kontaminati fil-biċċerija, jinqered skond punt 3, ħlief jekk il-partijiet kollha tal-ġisem inklużi l-ġlud ta' l-annimal affettwat jistgħu jkunu identifikati u jinżammu separati.

6. Stati Membri għandhom jwettqu spezzjonijiet uffiċjali ta' spiss biex jivverifikaw l-applikazzjoni ta' din l-Iskeda u jiżgura li jittieħdu l-miżuri biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni b'mod partikolari fil-biċċeriji, l-impjanti ta' tqattiegħ, l-impjanti ta' *animal waste processing,* impjanti ta' proċessar ta' riskju għoli jew bini awtorizzat skond l-artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/667/EEC, postijiet ta' bejgħ lill-konsumatur, *landfill sites*, u faċilitajiet oħra għall-ħażna jew l-inċinerazzjoni.

7. Stati Membri għandhom b'mod partikulari jwaqqfu sistema biex jiżguraw u jivverifikaw li -

(a) materjal b'riskju speċifiku użat fil-produzzjoni ta' prodotti riferiti fir-regolament 1 (2) ikunu wżati biss għal skop awtorizzat;

(b) fejn annimali bovini, ovini jew kaprini jidħlu ġewwa Stat Membru meta din tkun tqegħdet f'kategorija numerikament baxxa, li tindika *status* aħjar ta' BSE, minn dak ta' l-annimali li jiddaħħlu; dawk l-annimali jibqgħu taħt is-superviżjoni uffiċjali sakemm jitbiċċru jew jintbagħtu mit-territorju tiegħu;

(ċ) materjal b'riskju speċifiku, b'mod partikolari fejn dawn jinqerdu fl-istabbilimenti jew bini ieħor barra mill-biċċeriji, jkun kompetament separat minn skart ieħor mhux maħsub għall-

inċinerazzjoni, jinġabar separatament u jinqered skond punti 2, 3 u 4. Stati Membri jista' jippermettu li jinġarru l-irjus jew karkassi li fihom materjal b'riskju speċifiku lejn Stat Membru wara ftehim ma' l-awtorita' kompetenti ta' dak l-Istat Membru kemm li dan jirċievi l-materjal kemm li japplika l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal ċaqlieq bħal dan.

8. Stati Membri jistgħu jibagħtu materjal b'riskju speċifiku jew il-materjal proċessat minnu jista' jintbagħat lejn Stati Membri oħra għall-inċinerazzjoni biss taħt kundizzjonijeit imniżżlin fl-artikolu 4 (2) tad-Deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea 97/735/EC, fejn japplika. Dawn il-punti jistgħu jkunu emendati fuq talba minn Stat Membru biex jippermettu ġarr ta' materjal b'riskju speċifiku jew il-materjal proċessat minn hemm lejn pajjiżi terzi għall-inċinerazzjoni. Il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-esportazzjoni għandhom ikunu adottati fl-istess ħin, permezz ta' l-istess proċedura.

SKEDA VI

Standards għal Ċerti Prodotti ta' Oriġini ta' Annimal Meħuda minn jew li jkun fihom Materjal ta' Ruminanti

L-użu ta' materjal ta' ruminant għall-produzzjoni tal-prodotti ta' oriġini ta' annimal li ġejjin, hu projbit kif riferit fir-regolament 9 (1) -

(a) laħam rikoverat b'mod mekkaniku;

(b) *dicalcium phosphate* maħsub bħala prodotti ta' l-ikel għal *livestock;*

(ċ) ġelatina, ħlief jekk din tkun ġiet prodotta għall-ġlud tar-ruminanti;

(d) derivattivi magħmula minn *rendered ruminant fat;*

(e) *rendered ruminant fat,* ħlief jekk dan kien fi prodott minn -

(i) *adipose tissue* diskret li jkun ġie dikjarat tajjeb għall-konsum uman;

(ii) materjal nej proċessat skond *standardsi* riferiti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/667/EEC.

SKEDA VII

Eradikazzjoni ta' *Spongiform Encephalopathy* li jittieħed

1. L-inkjesta riferita fir-regolament 13 (1) (b) trid tidentifika -

(a) fil-każ ta' annimali bovini -

- ir-ruminanti l-oħrajn kollha fil-fondi ta' l-annimal li fih tkun ġiet konfermata l-marda;

- fejn il-marda tkun ġiet konfermata f'annimal mara, il-wild tagħha li twieled fi żmien sentejn qabel, jew wara, li tfaċċat il-marda b'mod kliniku;

- l-annimali kollha tal-*cohort* ta' l-annimal li fih tkun ġiet konfermata l-marda,

- l-oriġini possibbli tal-marda,

- annimali oħrajn fil-fondi ta' l-annimal li fih tkun ġiet konfermata l-marda jew fuq fondi oħrajn, li setgħu ġew infettati b'aġent TSE jew ġew esposti għall-istess ikel jew sors ta' kontaminazzjoni;

- il-moviment ta' prodotti ta' l-ikel li jkunu potenzjalment kontaminati, ta' materjal ieħor jew kull mezz ieħor li jista' jwassal li tiġi trażmessa l-marda,li setgħu ittrażmettew l-aġent TSE lejn jew mill-fondi in kwistjoni;

(b) fil-każ ta' annimali ovini u kaprini -

- ir-ruminanti kollha barra mill-annimali ovini u kaprini fuq il-fondi ta' l-annimal li fih il-marda kienet konfermata,

- sakemm ikunu identifikabbli, l-ġenituri, l-embrijoni kollha, l-ova kollha u l-aħħar wild ta' l-annimal li fih kienet konfermata l-marda,

- l-annimali ovini u kaprini l-oħrajn kollha fuq il-fondi ta' l-annimal li fih il-marda kienet konfermata b'żieda ma' dawk imsemmija fit-tieni u fit-tieni inċiż;

- l-oriġini possibbli tal-marda u l-identifikazzjoni ta' fondi oħrajn li fihom ikun hemm annimali, embrijoni jew ova li setgħu ġew infettati b'aġent tat-TSE jew ġew esposti għall-istess ikel jew għall-istess sors ta' kontaminazzjoni,

- iċ-ċaqlieq ta' prodotti ta' l-ikel li kienu potenzjalment kontaminati, materjal ieħor jew kull mezz ieħor ta' trażmissjoni, li setgħu ittrażmettew l-aġent BSE lejn jew minn ġewwa l-fond in kwistjoni.

2. Il-miżuri stabbiliti fir-regolament 13 (1) (ċ) għandhom ikopru ta' l-anqas -

(a) fil-każ li tkun konfermata BSE f'annimal bovin, il-qatla u l-qerda sħiħa ta' annimali bovini identifikati permezz ta' l-inkjesta riferita f'punt 1 (a), l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiż. L-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma joqtolx u ma jeqridx l-annimali bovini kollha fil-fond ta' l-annimal li fih tkun ġiet konfermata l-marda kif riferit fl-ewwel indent ta' punt 1 (a), skond ma jiddependi mis-sitwazzjoni epidemijoloġika u t-traċċabilita' ta' l-annimali f'dawk il-fondi;

(b) fil-każ li tkun ġiet konfermata TSE f'annimal ovin jew kaprin, skond id-deċiżjoni ta' l-awtorita' kompetenti -

(i) jew il-qatla u l-qerda sħiħa ta' l-annimali kollha, l-embrijoni u l-ova kollha identifikati permezz ta' l-inkjesta riferita f'punt 1 (b); jew

(ii) il-qtil u il-qirda ta' l-annimali kollha, embrijoni u ova identifikati mill-inkjesta mniżżla fit-tieni u t-tielet inċIż ta' punt 1(b), bl-eċċezzjoni ta' -

- it-trobbija ta' imtaten tal-ġenotip ARR/ARR,

- it-trobbija ta' nagħaġ li għandhom mill-anqas 1 ARR *allele* u l-ebda VRQ *allele*, u,

- nagħaġ li qed jġorru mill-anqas wieħed ARR allele li huma intiżi biss għall-qatla,

(iii) jekk l-annimal infettat ġie introdott minn fond ieħor, Stat Membru jista jiddeċiedi, skond l-istorja tal-każ, sabiex japplika miżuri ta' eradikazzjoni fil-fond ta' l-oriġini, barra minn, jew minflok, il-fond fejn kienet konfermata nfezzjoni. Fil-każ ta' art li kienet użata għall-riġi komuni għall-aktar minn merħla waħda, Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li

jillimitaw l-applikazzjoni ta' miżuri għal-merħla singola, ibbażata fuq kunsiderazzjoni tal-fatturi epidemjoloġiċi kollha,

(ċ) fil-każ ta' konferma tal-BSE fi annimal ovini jew kaprini, il-qtil u il-qerda totali ta' l-annimali kollha, embrijoni u ova identifikati mill-inkjesta mniżżla fit-tieni u t-tielet inċiżi f'punt 1(b),

3.1. L-annimali li ġejjin biss jistgħu jiġu introdotti fil-fondi fejn id-distruzzjoni ġiet magħmula skond punt 2(b)(i) jew (ii) -

(a) mtaten li għandhom ġenotip ARR/ARR;

(b) nagħaġ li għandhom ta' mill-anqas 1 ARR allele u l-ebda VRQ allele;

(ċ) annimali kaprini, jekk -

- l-ebda annimali ovini li ma jkunux dawk ta' ġenotip ARR/ARR ma jkunu preżenti fil-fond,

- it-tindif u disinfettar tal-post kollu fejn jinżammu l-annimali jkun sar wara li jkun tneħħa l-istokk,

- il-fond għandu jkun soġġett għall-monitoraġġ intens tal-BSE, inkluż l-ittestjar ta' l-annimali kaprini kollha li mietu fir-razzett jew li tnaqqsu mill-merħla u li kellhom aktar minn 18-il xahar.

3.2. Il-prodotti ġerminali ta' l-ovini li ġejjin, jistgħu jiġu wżati ġewwa fondi fejn il-qerda tkun saret skond il-punt 2(b)(i) jew (ii) -

(a) semen minn mtaten tal-ġenotip ARR/ARR;

(b) embrijoni li għandhom ta' l-anqas 1 ARR u l-ebda VRQ allele.

4. Waqt il-perjodu transitorju, sa ta' l-aktar l-1 ta' Jannar 2006, u b'deroga minn *set* restrittiv imniżżel f'punt 3(b), fejn hu diffiċli biex tikseb il-bdil ta' annimali ovini ta' ġenotip magħruf, Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li jħallu ħrief tan-nagħaġ li ma jkunux tqal u ta' ġenotip mhux magħruf li jkunu introdotti fil-fondi mniżżla fil-punt 2(b)(i) u (ii).

5. Wara li tkun saret l-applikazzjoni fil-fond tal-miżuri mnizzla fi punt 2(b)(i) u (ii) -

(a) il-moviment ta' nagħaġ ARR/ARR mill-fondi, ma għandu ikunu soġġett għal ebda restrizzjoni;

(b) nagħaġ li għandhom biss ARR allele waħda jistgħu jiċċaqalqu mill-fond biex jittieħdu biss biex imorru direttament għall-qatla għall-konsum uman jew bil-għan ta' qerda;

(ċ) nagħaġ ta' ġenotip ieħor jistgħu jiċċaqalqu mill-fond bil-għan tal qerda tagħhom.

6. Ir-restrizzjonijiet mniżżla fi punti 3 u 5 għandhom jibqgħu japplikaw għall-fond għall-żmien tlett snin -

(a) mid-data fejn jinkiseb l-istat ta' l-ARR/ARR mill-annimali ovini fil-fond; jew

(b) mill-aħħar data meta annimal ta' razza ovina jew kaprina kien miżmum fil-post; jew

(ċ) f'każ, bħal ma hemm imniżżel fi punt 3.1(ċ), mid-data ta' meta beda l-monitoraġġ intentensifiku tat-TSE.

7. Fejn il-frekwenza tal-ARR allele fil-batan u fil-fond huwa baxx, jew fejn huwa meqjus neċessarju sabiex ma jkunx hemm tnissil ta' annimali minn bhejjem qrib xulxin mid-demm *(inbreeding)*, Stat Membru jista jiddeċiedi li -

(a) jkun hemm dewmien fil-qerda ta' l-annimali, kif imniżżel fi punt 2(b)(i) u (ii) sa sentejn mit-trobbija;

(b) jħallu annimali ta' razza ovina li mhumiex mniżżla taħt punt 3 jiġu introdotti fil-fond imniżżel f'punt 2(b)(i) u (ii), iżda ma jridtx jkollhom allele ta' VRQ.

8. Stati Membri li japplikaw għad-derogi mniżżla fil-punti 4 u 7 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea b'akkont tal-kundizzjonijiet u l-kriterji użati sabiex dawn jingħataw.

SKEDA VIII

It-tqegħid fis-suq u l-esportazzjoni

KAPITOLU A

Kundizzjonijiet għall-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali ħajjin

I. Kundizzjonijiet li japplikaw irrispettivament mill-kategorija ta' l-Istat Memru jew pajjiż terz ta' oriġini jew ir-residenza ta' l-annimal

Il-kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-kummerċ f'annimali ovini u kaprini -

(a) annimali ovini u kaprini għat-tgħammir għandhom -

(i) jiġu minn fond li jissodisfa l-ħtiġijiet li ġejjin għal mill-anqas tlett snin -

- jkun soġġetti għal verifiki veterinarji uffiċjali li jkunu regolari,

- l-annimali jkunu markati,

- l-ebda każ ta' *scrapie* ma kien konfermat għal mill-anqas tliet snin;

- ikun twettaq verifikar permezz ta' teħid ta' kampjuni ġewwa l-fondi fuq annimali nisa xjuħ maħsuba għall-*culling*,

- l-annimali ta' sess femminili jiġu mdaħħla ġewwa dak il-fond biss jekk ikunu ġejjin minn fond li jsegwi l-istess ħtiġiet; jew

(ii) ikunu nżammu kontinwament ġewwa fond jew fondi li jsegwu l-ħtiġiet stabbiliti f'punt (i) mit-twelid jew għal ta' l-anqas tliet snin; jew

(iii) jkunu annimali tal-ġenotip tal-proteina *prion* ARR/ARR, kif imfisser fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2002/1003/EC.

Jekk ikunu destinati għal Stat Membru li jieħu benefiċċju minn kif hemm mniżżel fil-punti (b) u (ċ) għat-territorju kollu tiegħu jew għal parti minn dak it-territorju, għandhom ukoll iseġwu l-garanzijii addizzjonali, ġenerali jew speċifiċi skond kif imniżżel fir-regolament 24(2).

(b) Stat Membru li għandu programm ta' kontroll nazzjonali dwar *scrapie*, obbligatorju jew volontarju, għall-parti kollha jew għal parti mit-territorju tiegħu -

(i) jista jissottometti il-programm imsemmi lill-Kummissjoni Ewropea u għandu jfisser b'mod partikulari -

- id-distribuzzjoni tal-marda fl-Istat Memru;

- ir-raġunijiet għall-programm, waqt li tieħu in konsiderazzjoni l-importanza tal-marda u l-*cost/benefit ratio;*

- iż-żona ġeografika li fiha għandu jkun implimentat il-programm,

- il-kategoriji ta' l-*istatus* li għandhom ikunu applikati ġewwa l-fondi, l-*istandards* li jridu jinkisbu f'kull kategorija,

- il-proċeduri tat-test li għandhom jintużaw,

- il-programm ta' monitoraġġ tal-proċedura;

- l-azzjoni li għandha tittieħed jekk, għal kull raġuni, fond jitlef l-*istatus* tiegħu;

- il-miżuri li għandhom jittieħdu jekk ir-riżultati tal-verifika li twettqu skond id-disposizzjoniet tal-programm ikunu pożittivi;

(ii) il-programm msemmi fil-punt (i) jista' jiġi approvat jekk iseġwi l-kriterji mniżżla f'dak il-punt, skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2). Il-garanziji addizzjonali, ġenerali jew speċifiċi, li jistgħu jkunu mitluba fil-kummerċ intra-komunitarju, għandhom ikunu definiti fl-istess żmien jew ta' l-aktar tlett xhur wara li jiġi approvat il-programm

skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2). Dawn il-garanziji ma jridux jeċċedu dawk li jkunu mplimentati fuq livell nazzjonali mill-Istat Membru;

(iii) il-programmi ta' kontroll li huma sottomessi mill-Istati Membri jistgħu jkunu emendati jew supplimentati skond il-proċedura riferita fir-regolament 24(2). Emendi fil-garanziji li ġew definiti skond punt (ii) jistgħu jiġu approvati f'dik l-istess proċedura;

(ċ) fejn Stat Membru jikkonsidra li t-territorju tiegħu jew parti minnu huwa ħieles mill-*iskrapie* -

(i) għandu jissottometti lill-Kummissjoni Ewropea dokumentazzjoni siewja ta' support li tħarreġ b'mod partikulari dan li ġej -

- l-istorja ta' kemm il-darba faqqet din il-marda f'dak it-territorju;

- ir-riżultati tat-testijiet ta' sorveljanza bażati fuq investigazzjoni seroloġika, mikrobijoloġika, patoloġika u epidemjoliġika,

- il-perjodu ta' żmien fih tkun saret is-sorveljanza,

- l-arrangamenti sabiex jiġi verifikat in-nuqqas tal-marda,

(iii) il-ġaranziji addizzjonali , ġenerali u speċifiċi, li jistgħu jiġu mitlula fil-kummerċ intra-komunitarju għandhom ikunu definiti skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2). Dawn il-garanzijii ma jistgħu jeċċedu dawk li l-Istat Membru jimplimenta nazzjonalment,

(iv) l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea b'kull bidla fid-dettalji mniżżla fi punt (i) dwar il-marda. Il-garanzijii skond kif misjub fil-punt (ii), jistgħu, wara li ssir din in-notifika, jkunu emendati jew mneħħija skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2).

3. Fil-Parti D, punt 1 ta' l-Iskeda XI il-kliem li ġejjin għandhom jiġu mneħħija -

"Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 92/290/EEC ta' l-14 ta' Mejju 1992 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni dwar embrijoni ta' annimali ovini dwar il-*bovine spongiform encephalopathy (BSE)* fir-Renju Unit."

II. Kundizzjonijiet li japplikaw skond il-kategorija ta' l-Istat Memru ta' oriġini jew ir-residenza ta' l-annimal determinati skond l-Iskeda II, Kapitolu Ċ.

1. Ġarr lejn Stati Membri għandu jsegwi r-regoli tar-regolament 15 (1).

2. Il-kategorija ta' BSE l-Istat Membru ta' oriġini dwar annimali bovini, ovini u kaprini għandha tkun komunikata lill-Istat Membru ta' destinazzjoni.

3. Il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għaċ-ċaqlieq kif riferit f'punt 1 ta' annimali bovini ġejjin minn jew li kienu joqogħdu fl-Istat Membru jew waħda mir-reġjuni meta tqegħdu f' -

F'KATEGORIJI 3 U 4

L-annimali kellhom jkunu -

(a) twieldu, trabbew u baqgħu f'merħliet li fihom l-ebda każ ta' BSE ma kien konfermat għal mill-anqas seba' snin; jew,

(b) twieldu wara d-data li fiħ ż-żamma ta' l-ikel ta' ruminanti bi proteini meħudin minn mammiferi tkun ġiet infurzata effettivament.

F'KATEGORIJA 5

L-annimali jridu jkunu -

(a) twieldu wara d-data meta l-projbizzjoni ta' tmigħ ta' l-ikel bi proteini miksubin minn mammiferi, lil annimali ta' fl-irziezet, tkun ġiet infurzata effettivament; u

(b) twieldu, trabbew u baqgħu fil-merħliet li fihom l-ebda każ ta' BSE ma kien konfermat għal mill-anqas seba' snin, u, li fihom biss annimali bovini li twieldu ġewwa razzett jew li ġejjin minn merħla ta' *status* ekwivalenti.

KAPITOLU B

Kundizzjonijiet relatati mal-wild ta' annimali suspettati jew konfermati b'TSE, riferiti fir-regolament 15 (2)

Għandu jkun projbit li jitqiegħed fis-suq l-aħħar wild li jkun twieled lill-annimali bovini nisa nfettati b'TSE jew annimali ovini jew kaprini konfermati bil-BSE u li welldu matul il-perjodu ta-sentejn preċedenti jew matul il-perjodu li jsegwi d-dehra ta' l-ewwel sinjali kliniċi meta tkun tfaċċat il-marda.

KAPITOLU Ċ

Kundizzjonijiet għal kummerċ intra-komunitarju f'ċerti prodotti ta' oriġini ta' annimal

I. Il-prodotti ta' oriġini ta' annimal li ġejjin huma eżentati mill-projbizzjoni riferita fir-regolament 16 (3), kemm-il darba jkunu meħudin minn annimali bovini li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' Partijiet II jew III ta' hawn taħt -

- laħam frisk;

- laħam kapuljat;

- preparazzjonijiet tal-laħam;

- prodotti tal-laħam;

- ikel tal-*pets* li jkun destinat għal karnivori domestiċi.

II.

SKEMA *DATE-BASED*

Laħam frisk dissussat li minnu tneħħew it-tessuti aderenti kollha, inklużi tessuti nervużi u linfatiċi ovvji, u prodotti ta' oriġini ta' annimal riferiti f'Parti I meħuda minnhom miksuba minn annimali eliġibbli minn pajjiżi jew reġjuni klassifikati fil-Kategorija 5 jista' jkun imqiegħed fis-suq skond it-tieni sotto-paragrafu tar-regolament 16 (3) meta jkunu nkisbu minn annimali li twieldu wara d-data li fiha l-*istandards* ta' ikel

għall-annimali mniżżlin fir-regolament 7 (2) kienu nfurzati effettivament u ċertifikati bħala li jsegwu l-kundizzjonijiet stabbiliti f'punt 1 u kienu ġew prodotti fl-istabbilimenti li jsegwu l-kundizzjoni stabbilita f'punt 9. L-awtorita' kompetenti għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet rigward il-kontrolli mniżżla f'punti 2 sa 8 u punt 10 kienu segwiti.

1. Annimal ta' razza bovina għandu jkun eliġibbli għall-iskema tad-*date-based* jekk ikun twieled u trabba fl-Istat Membru konċernat u jekk fil-ħin tat-tbiċċir ikun wera li ġew segwiti l-kundizzjonijiet li ġejjin -

(a) l-annimal ikun ġie identifikat b'mod ċar matul ħajtu, li jippermetti li jkun traċċat lura lejn id-*dam* tiegħu u lejn il-merħla ta' oriġini tiegħu; in-numru uniku ta' l-*ear tag* tagħhom, id-data u l-fond fejn twieled u l-movimenti kollha wara t-twelid ikunu rekordjati jew fil-passaport uffiċjali ta' l-annimal jew ta' identifikazzjoni komputerizzata uffiċali u sistema ta' *tracing* tkun magħrufa l-identità tad-*dam* tiegħu;

(b) l-annimal ikollu aktar minn sitt xhur imma inqas minn 30 xahar, kif stabbilit b'referenza għal *record* uffiċjali tal-kompjuter tad-data tat-twelid tiegħu, jew għall-passaport uffiċjali ta' l-annimal;

(ċ) l'awtorita' kompetenti tkun kisbet u vverifika evidenza pożittiva li d-*dam* ta' l-annimal ikun għex għal ta' l-anqas sitt xhur wara t-twelid ta' l-annimal eliġibbli;

(d) id-*dam* ta' l-annimal ma jkunx żviluppa l-BSE u mhux suspettat li jkun iltaqa' mal-BSE.

KONTROLLI

2. Jekk kull annimal preżentat għat-tbiċċir jew kull ċirkostanza li għandha x'taqsam mat-tbiċċir tiegħu ma jsegwix ir-rekwiżiti kollha ta' dawn ir-regolamenti, l-annimal għandu jkun awtomatikament rifjutat u l-passaport tiegħu konfiskat. Jekk din l-informazzjoni ssir disponibbli wara t-tbiċċir, l-awtorita kompetenti trid iżomm immedjatament milli jinħarġu ċertifikati u jikkanċella ċertifikati li jkunu nħarġu. Jekk ikun seħħ ġarr, l-awtorita kompetenti jrid jinnotifika lill-awtorita' kompetenti tad-destinazzjoni. L-awtorita kompetenti tal-post ta' destinazzjoni trid tieħu l-miżuri meħtieġa.

3. It-tbiċċir ta' annimali eliġibbli għandu isir f'biċċeriji li ma jkunux użati għat-tbiċċir ta' annimali bovini barra minn dawk imbiċċrin taħt l-Iskema tad-*Date based* jew taħt skema ta' *certified herd*.

4. L-awtorita kompetenti għandha jissodisfa ruħu li l-proċeduri użati fl-impjanti tat-tqattiegħ ikunu jiżguraw li jkunu tneħħew il-*lymph nodes* li ġejjin -

popliteal, ischiatic, superficial inguinal, deep inguinal, iliac medji u laterali, renali, prefemorali, lumbari, *costocervial, sternal, prescapular, axilliary, caudal* u *deep cervical.*

5. Il-laħam għandu jkun tali li jista' jkun traċċat lura mal-annimal eliġibbli, jew wara t-tqattigħ, ma' l-annimali mqattgħin fl-istess *batch* permezz ta' sistema ta' *tracing* uffiċjali sal-ħin tat-tbiċċir. Wara t-tbiċċir, il-*labels* iridu jkunu kapaċi li jitraċċaw il-laħam frisk u prodotti riferiti f'Parti I lura lejn l-annimal eliġibbli biex ikunu jistgħu jagħrfu l-kunsinna konċernata. Fil-każ ta' ikel għall-*pets*, id-dokumenti akkumpanjanti u r-*records* iridu jippermettu li jsir *tracing*.

6. Il-karkassi eliġibbli approvati kollha għandu jkollhom numru ndividwali li jikkorrispondu man-numru ta' l-*ear-tag*.

7. L-Istat Membru għandu jkollu protokolli dettaljati li jkopru -

(a) rintraċċar u kontrolli qabel it-tbiċċir;

(b) kontrolli waqt it-tbiċċir;

(ċ) kontrolli waqt li jkun qed jiġi proċessat il-*petfood;*

(d) il-*labelling* kollu u l-ħtiġiet ta' ċertifikazzjoni wara t-tbiċċir sal-punt fejn isir il-bejgħ.

8. L-awtorita kompetenti jrid ifassal sistema biex jirreġistra verifiki dwar qbil biex ikun jista' jintwera l-kontroll.

L-ISTABBILIMENT

9. Biex jikseb approvazzjoni, l-istabbiliment irid joħloq u jimplimenta sistema li permezz tagħha l-laħam eliġibbli u, jew il-prodotti eliġibbli jkunu identifikati u l-laħam kollu jista' jkun traċċat lura ma' l-annimali mqattgħin fl-istess *batch.* Is-sistema trid tippermetti traċċabilita' sħiħa tal-laħam jew tal-prodotti ta' oriġini ta' annimal fl-istadji kollha u jridu jinżammu *records* għal ta' l-anqas sentejn. Dettalji tas-sistema li tkun qed tintuża jridu jingħataw bil-miktub, mill-*management* ta' l-istabbiliment lill-awtorita kompetenti.

10. L-awtorita kompetenti għandha tivvalwa, tapprova u tagħmel monitoraġġ tas-sistema provduta mill-istabbiliment sabiex jiġu żgurat li tipprovdi segregazzjoni u rintraċċar kompleti kemm b'lura u bil-quddiem.

III

SKEMA TA' ĊERTIFIKAR TAL-MERĦLA

Laħam frisk dissussat li minnu t-tessuti aderenti kollha, inkluż it-tessut limfatiku u nervuż ovvju, jkunu tneħħew, u prodotti ta' oriġni ta' annimal riferiti f'Parti I, ġejjin minnhom li kienu nkisbu minn annimali eliġibbli minn pajjiżi jew reġjuni meta jkunu ġew klassifikatI fil-kategorija 5 jista' jitqiegħed fis-suq skond it-tieni sotto-Paragrafu tar-regolament 16 (3) meta jkun inkiseb minn annimali li jkunu ċertifikati li jsegwu l-kundizzjonijiet stabbiliti f'punt 2 u ġejjin minn merħliet li fihom l-ebda każ ta' BSE ma jkun seħħ fl-aħħar seba' snin u li jkunu ċertifikati li jsegwu l-kundizzjonijiet stabbiliti f'punt 1 u prodotti fl-istabbilimenti li jsegwu l-kundizzjonijiet stabbiliti f'punt 11.

L-awtorita kompetenti għanda tiżgura li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'punti 3 sa 10 u 12 rigward is-sistema komputeriZZata ta' rintraċċar u l-kontrolli qed jiġu segwiti.

Kundizzjonijiet dwar il-merħliet -

1. (a) Merħla hija grupp ta' annimali li jiffurmaw unità separata u distinta, li hija grupp ta' annimali li jkunu maniġġati, miżmuma u jitqiegħdu separatament minn kull grupp ieħor ta' annimali u li hi identifikata b'numri ta' identifikazzjoni uniċi ta' merħla u annimal.

   (b) Merħla hi eliġibbli meta għal ta' l-anqas seba' snin ma jkun ġie konfermat l-ebda każ ta' BSE, l-anqas każ suspettat li għaliħ id-dijanjożi ta' BSE tkun twarrbet għal kollox, fi kwalunkwe annimal li kien għadu fil-merħla jew li jkun għadda jew tneħħa minnha.

   (ċ) Bħala eċċezzjoni għad-disposizzjonijiet f'punt (b), merħla li tkun eżistiet għal inqas minn seba' snin tista' tkun kunsidarata eliġibbli, wara investigazzjoni sħiħa permezz tal-awtorita kompetenti, b'kundizzjoni li -

      (i) l-annimali kollha li twieldu jew li ddaħħlu ġewwa l-merħla stabbilita ġdida jsegwu l-kundizzjonijiet imfassla f'punt (2) (a), (d) u (e);

u,

(ii) il-merħla tkun segwiet il-kundizzjonijiet imfassla f'punt (b) matul l-eżistenza sħiħa tagħha.

(d) Jekk merħla tkun għaddiet kif tpoġġiet ġewwa fond li jkun esperjenza każ konfermat ta' BSE f'xi annimal li kien, għadu jew li jkun għadda minn jew ġie minn merħla f'dak il-fond, il-merħla li titpoġġa ġdida tista' tkun eliġibbli biss wara investigazzjoni sħiħa mill-awtorita kompetenti, li jiċċertifika qbil ma' kull waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għas-sodisfazzjon ta' dik l-awtorità -

(i) l-annimali kollha tal-merħla affetwata li tkun inżammet qabel fl-istess fond ikunu tneħħew jew inqatlu;

(ii) l-ikel kollu jkun tneħħa u nqered u l-kontenituri ta' l-ikel ikunu tnaddfu sew;

(iii) il-bini kollu jkun tbattal u tnaddaf sew qabel iddaħħlu l-annimali l-ġodda;

(iv) ikunu ġew segwiti l-kundizzjonijiet imfassla f'punt (ċ).

Kundizzjonijiet dwar l-annimali

2. (a) ir-*records* kollha tat-twelid ta' l-annimal, l-identità u ċ-ċaqlieq kollu jkunu reġistrati f'sistema komputeriżżata uffiċjali ta' rintraċċar,

(b) l-annimal ikun akbar minn sitt shur imma inqas minn 30 tletin xahar, determinati permezz ta' referenza għal *record* uffiċjali bil-kompjuter għad-data tat-twelid tiegħu;

(ċ) id-*dam* tiegħu ikun għex għal ta' l-anqas sitt xhur wara t-twelid tiegħu;

(d) id-*dam* tiegħu ma jkunx żviluppa BSE u ma jkunx suspettat li ltaqa' mal-BSE;

(e) il-merħla tat-twelid ta' l-annimal u l-merħliet kollha li minnhom ikun għadda huma eliġibbli.

Sistema komputerizzata ta' rintraċċar

3. Is-sistema uffiċjali komputerizzata ta' rintraċċar riferita f'punt 2 (a) għandha tkun approvata fejn tkun operata għal żmien suffiċjenti biex ikollha fiha l-informazzjoni, li tirrelata mat-tul tal-ħajja u ċ-ċaqlieq ta'

l-annimali, meħtieġa biex jiġi ċċekkjat li hemm qbil mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, u tikkonċerna biss annimali li twieldu wara li bdiet topera s-sistema. Data storika li tkun qegħda fuq il-kompjuter għal kull perjodu qabel ma bdiet topera s-sistema ma jkunux aċċettati għal dan l-iskop.
Kontrolli

4. Jekk xi annimal ippreżentat għat-tbiċċir jew kull ċirkostanza marbuta mal-qtil tiegħu ma jsegwux ir-rekwiżiti kollha ta' dawn ir-regolamenti, l-annimal irid ikun rifjutat b'mod awtomatiku u l-passaport tiegħu konfiskat. Jekk dik l-informazzjoni tkun disponibbli wara t-tbiċċir, l-awtorita kompetenti għandha immedjatament iżomm iċ-ċertifikati milli jinħarġu, u tikkanċella ċ-ċertifikati li jkunu nħarġu. Jekk ikun diġa' sar il-ġarr, l-awtorita kompetenti għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni. L-awtorita kompetenti tal-post ta' destinazzjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa.

5. It-tbiċċir ta' l-annimali eliġibbli għandha jsir f'biċċeriji użata esklussivament għat-tbiċċir ta' annimali taħt l-iskema ta' *date-based* jew taħt skema ta' Merħla Ċertifikata.

6. L-awtorita kompetenti għandha tissodisfa ruħha li l-proċeduri użati fl-impjanti ta' tqattigħ ikunu iżguraw li l-*lymph nodes* ikunu tneħħew -

popliteal, ischiatic, superficial inguinal, deep inguinal, iliac tan-nofs u laterali, *renal,* prefemorali, lumbari*, costocervical, sternal, prescapular, axilliary, caudal* u *deep cervical.*

7. Il-laħam għandu ikun traċċabbli lura lejn il-merħla ta' l-annimal eliġibbli, jew wara t-tqattigħ, lejn l-annimali mqattgħin fl-istess *batch,* permezz tas-sistema komputerizzata ta' rintraċċar sal-ħin tat-tbiċċir. Wara t-tbiċċir, il-*labels* iridu jkunu jistgħu jintraċċaw il-laħam frisk u l-prodotti riferiti f'Parti I lura lejn il-merħla biex tippermetti li l-kunisnna konċernata tkun magħrufa. Fil-każ ta' *petfood*, id-dokumenti akkumpanjanti u r-*records* għandhom jippermettu r-rintraċċar.

8. Il-karkassi eliġibbli kollha approvati għandu jkollhom numri individwali li jikkorrispondu man-numru ta' l-*ear tag.*

9. Fl-Istat Membru għandhom jeżistu protokolli li jkopru -

(a) rintraċċar u kontrolli qabel it-tbiċċir;

(b) kontrolli matul it-tbiċċir;

(ċ) kontrolli waqt li jkun qed jiġi proċessat il-*petfood;*

(d) il-*labelling* kollu u l-ħtiġiet ta' ċertifikazzjoni kollha wara t-tbiċċir sal-punt tal-bejgħ.

10. L-awtorita kompetenti tista' tfassal sistema biex ikunu reġistrati verifiki dwar il-konformità biex ikun jista' jintwera kontroll.

L-istabbiliment

11. Biex jikseb approvazzjoni, stabbiliment irid joħloq u jimplimenta sistema li permezz tagħha l-laħam eliġibbli u, jew il-prodott eliġibbli jkun identifikabbli u l-laħam kollu jista' jkun traċċat lura lejn il-merħliet ta' oriġini, jew wara tqattigħ, lejn l-annimali mqattgħin fl-istess *batch.* Is-sistema trid tiffaċilita' traċċabilita' sħiħa tal-laħam jew tal-prodotti tal-laħam ta' oriġini fl-istadji kollha u r-*records* għandhom jinżammu għal ta' l-anqas sentejn. Għandhom jingħataw dettalji tas-sistema mħaddma, bil-miktub, mill-amministrazzjoni ta' l-istabbiliment lill-awtorita kompetenti.

12. L-awtorita kompetenti għandha tevalwa, tapprova u twettaq monitoraġġ tas-sistema provduta mill-istabbiliment sabiex jiżgura li tipprovdi l-firda u rintraċċar kemm b'lura kif ukoll bil-quddiem.

KAPITOLU D

Kundizzjonijiet applikabbli għal esportazzjoni ta' annimali bovini ħajjin u prodotti ta' oriġini ta' annimal meħudin minnhom ikunu suġġett - rigward esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi - għar-regoli stabbiliti f'dawn ir-regolamenti għal kummerċ intra-komunitarju.

SKEDA IX

Importazzjoni fil-Komunita ta' annimali ħajjin, embrijoni, ova u prodotti ta' oriġini ta' annimal

KAPITOLU A

Meta jkun qed jimporta minn pajjiżi jew reġjuni mqiegħda fil-kategorija 1, l-awtorita kompetenti għandha, għall-annimali bovini u l-akkomodazzjonijiet kollha ta' oriġini tal-bovini li għalihom dawn ir-regolamenti ifisser regoli speċifiċi, jieħdu kont tal-preżentazzjoni taċ-ċertifikat internazzjonali tas-saħħa ta' l-annimali li jkun juri li l-pajjiż jew reġjun isegwi l-kundizzjonijiet fl-Iskeda II, Kapitolu Ċ, li għandhom jitqiegħdu f'dik il-kategorija.

KAPITOLU B

Importazzjonijiet ta' annimali bovini

A. Importazzjonijiet ta' annimali bovini minn pajjiż jew reġjun imqiegħda fil-kategorija 2 għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali tas-saħħa ta' l-annimali li jikkonferma li -

(a) l-ikel mogħti lir-ruminanti magħmul minn proteini meħuda minn mammiferi kien projbit u li l-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata;

(b) l-annimali bovini maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita' Ewropea jkunu identifikati permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermettilhom li jkunu traċċati lura sad-*dam* u l-merħla ta' oriġini u ma humiex il-wild ta' annimali ta' sess femminili suspettati li jsofru mill-BSE.

B. Importazzjonijiet ta' annimali bovini minn pajjiżi jew reġjuni mqiegħda fil-kategoija 3 għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali li jikkonferma li -

1. l-ikel mogħti lir-ruminanti magħmul minn proteini meħuda minn mammiferi kien projbit u li l-projbizzjoni ġiet effettivament infurzata;

2. annimali bovini maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita' Ewropea -

- huma identifikati permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermettilhom li jkunu rintraċċati sad-*dam* u sal-merħla ta' oriġini u tagħmilha possibbli li jkun stabbilit li mhumiex il-wild ta' annimali ta' sess femminili suspettati jew konfermati li jsofru mill-BSE;

- twieldu, trabbew u nżammu f'merħliet li fihom ma kien ġie konfermat l-ebda każ ta' BSE għal ta' l-anqas seba' snin;

jew

- li twieldu wara d-data li fiha tkun saret il-projbizzjoni dwar l-għoti bħala ikel lir-ruminanti ta' ikel magħmul minn proteini meħudin minn mammiferi u tkun ġiet infurzata din il-projbizzjoni;

Ċ. Importazzjonijiet ta' annimali bovini minn pajjiżi jew reġjuni mqegħdin f'kategorija 4 għandhom ikunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali li jikkonferma li -

1. l-ikel ta' ruminanti magħmul minn proteini meħudin minn mammiferi jkun ġie projbit u din il-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata;

2. annimali bovini maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita' Ewropea -

(a) ikunu identifikati permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermettilhom ikunu rintraċċati sad-*dam* u l-merħla ta' oriġini u tagħmilha possibbli li jkun stabbilit li ma jkunx hemm wild ta' sess femminili suspettati jew konfermati li jsofru mill-BSE;

u

(b) twieldu, trabbew u baqgħu f'merħliet li fihom ma kien konfermat l-ebda każ ta' BSE għal ta' l-anqas seba' snin,

jew

(ċ) twieldu wara d-data li fiha tkun ġiet effettivament infurzata l-projbizzjoni ta' l-ikel lir-ruminanti magħmul minn proteini meħuda minn mammiferi.

D. Importazzjonijiet ta' annimali bovini minn pajjiżi jew reġjuni mqegħdin f'kategorija 5 huma soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali li jikkonferma li -

1. l-għoti ta' l-ikel ta' l-annimali li jgħixu fil-*farm,* magħmul minn proteini meħudin minn mammiferi, kien ġie projbit u li l-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata;

2. l-annimali bovini milqutin jinqatlu u jinqerdu kompletament kif ukoll -

(a) jekk dawn ikunu annimali ta' sess femminili, l-aħħar wild tagħhom li jkun twieled sentejn qabel, u wara l-ewwel sinjali kliniċi meta tfaċċat il-marda;

(b) l-annimali bovini kollha mill-istess *cohort* jekk annimali bħal dawn ikunu għadhom ħajjin fil-pajjiż jew fir-reġjun;

3. l-annimali maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita Ewropea -

(a) twieldu wara d-data li fiha bdiet tkun infurzata effettivament il-projbizzjoni fuq l-għoti ta' ikel lil annimali tar-razzett bi proteini meħuda minn mammiferi;

(b) ikunu identifikati permezz ta' sistema permanenti ta' identifikazzjoni li tippermettilhom ikunu rintraċċati sad-*dam* u l-merħla ta' oriġini u ma jkunux il-wild ta' annimali ta' sess femminili suspettati jew konfermati li jbatu bil-BSE;

u

(ċ) jew twieldu, trabbew u baqgħu fl-istess merħliet li fihom ma kien konfermat l-ebda każ ta' BSE għal ta' l-anqas seba' snin, u li jkun fihom biss annimali bovini li twieldu ġewwa l-*farm* jew li jkunu ġejjin minn merħla ta' *status* ta' saħħa daqshom;

jew

(d) twieldu, trabbew u baqgħu fil-merħliet li fihom ma kien konfermat l-ebda każ ta' BSE għal ta' l-anqas seba' snin, u li fihom biss annimali li jkunu twieldu fir-razzett jew li jkunu ġejjin minn merħla ta' *status* ta' saħħa daqshom.

KAPITOLU Ċ

Importazzjonijiet ta' laħam frisk u prodotti ta' oriġini ta' annimal bovin

A. Importazzjonijiet ta' laħam frisk (bl-għadam jew dissusat), u prodotti ta' oriġini ta' annimal bovin ġejjin minn pajjiżi jew reġjuni mqegħdin fil-kategorija 2 għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa li jikkonferma li l-għoti ta' ikel lir-ruminanti ta' proteini ġejjin minn mammiferi kien ġie projbit u li din il-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata.

B. Importazzjonijiet ta' laħam frisk (bl-għadam jew dissusat) u prodotti ta' oriġini ta' annimal bovini minn pajjiżi jew reġjuni mqegħdin f'kategorija 3 huma suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa internazzjonali li jikkonferma li -

(a) l-għoti ta' ikel lir-ruminanti bi proteini meħudin minn mammiferi kien projbit u li l-projbizzjoni kienet effettivament infurzata;

(b) il-laħam frisk u l-prodotti ta' oriġini ta' annimal bovin maħsubin għall-esportazzjoni lejn il-Komunita Ewropea ma jkunx fihom jew ma jkunux ġejjin minn materjal b'riskju speċifiku riferit fl-Iskeda V jew li hu laħam rikoverat mekkanikament miksub mill-għadam tar-ras jew tal-kolonna vertebrali.

Ċ. Importazzjonijiet ta' laħam frisk (bl-għadam jew dissussat) u prodotti tal-laħam ta' oriġini tal-bovini minn pajjiżi jew reġjuni mqegħdin fil-kategorija 4 ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali tas-saħħa li jikkonferma li -

1. l-għoti ta' ikel lir-ruminanti ta' proteini meħudin minn mammiferi kien ġie projbit u li din il-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata;

2. il-laħam frisk u l-prodotti ta' oriġini ta' annimal bovin maħsubin għall-esportazzjoni lejn il-Komunita' Ewropea ma jkunx fihom jew ma jkunux ġejjin minn materjal b'riskju speċifiku riferit fl-Iskeda V jew ikun laħam rikoverat mekkanikalment miksub mir-ras jew mill-kolonna vertebrali.

D. Importazzjonijiet ta' laħam frisk u prodotti ta' oriġini minn pajjiżi jew reġjuni mqegħdin fil-kategorija 5 għandhom ikunu projbiti ħlief għall-prodotti ta' oriġini ta' annimal elenkati f'sezzjoni I tal-Kapitolu Ċ, Skeda VIII. Dawn l-importazzjonijiet għandhom ikunu suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa li jikkonferma li -

1. Isegwu l-kundizzjonijiet tar-regolament 16 (2) u dawk imfassla f'sezzjonijiet II jew III tal-Kapitolu Ċ ta' l-Iskeda VIII;

2. Il-prodotti tal-laħam maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita Ewropea ma jkunx fihom jew ma jkunux meħuda minn kull prodott riferit fil-Kapitolu F, lanqas minn kull materjal b'riskju speċifiku kif definit fl-Iskeda V;

3. Tkun qed tiġi operata sistema li tippermetti li laħam frisk u prodotti ta' oriġini ta' annimal bovin maħsubin għall-esportazzjoni lejn il-Komunita' Ewropea jistgħu jkunu rintraċċati lura lejn l-isabbiliment li minnu jkunu ttieħdu;

4. L-annimali bovini li minnhom joriġinaw il-laħam jew il-prodotti tal-laħam maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita' Ewropea -

(a) kienu identifikati permezz ta' sistema permanenti ta' identifikazzjoni li tippermettihom ikunu traċċati lura sad-*dam* u l-merħla ta' oriġini;

(b) ma kinux wild ta' nisa suspettati jew konfermati li jsofru mill-BSE;

u lanqas -

- twieldu wara d-data li fiha tkun ġiet effettivament infurzata l-projbizzjoni fuq l-għoti ta' ikel lill-annimali fir-razzett bi proteini meħudin minn mammiferi;

jew

- twieldu, trabbew u baqgħu fil-merħliet li fihom l-ebda każ ta' BSE ma kien konfermat għal mill-anqas seba' snin;

5. L-għoti ta' ikel lill-annimali ta' fir-razzett ta' proteini meħuda minn mammiferi ikun ġie projbit u li l-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata;

6. L-annimali bovini milqutin jkunu mbiċċra u meqruda kompletament kif ukoll -

(a) jekk dawk ikunu ta' sess femminili, l-aħħar wild tagħhom twieled fi żmien sentejn qabel, jew wara, l-ewwel sinjali kliniċi meta tfaċċat il-marda;

(b) l-annimali bovini kollha mill-istess *cohort* jekk ikunu għadhom ħajjin fil-pajjiż jew fir-reġjun.

KAPITOLU D

Importazzjonijiet ta' embrijoni u ova ta' bovini

A. Importazzjonijiet ta' embrijoni, ova tal-bovini minn pajjiżi jew reġjuni mqiegħda fil-kategorija 2 ikunu suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali li jikkonferma li -

1. l-għoti ta' ikel lil ruminanti bi proteini meħuda minn mammiferi ikun ġie projbit u li din il-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata;
2. l-embrijoni, ova ġew miġbura, proċessati u maħżuna f'konformità mad-disposizzjonijiet ta' l-Annessi A u B tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/556/EEC.

B. L-importazzjonijiet ta' ova, embrijoni tal-bovini ġejjin minn pajjiżi jew reġjuni mqegħdin fil-kategorija 3 huma soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali li jikkonferma li -

1. l-għoti ta' ikel lir-ruminanti ta' proteini meħuda minn mammiferi jkun ġie projbit u li din il-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata;

2. ova, embrijoni destinati għall-esportazzjoni lejn il-Komunita' Ewropea huma meħuda minn annimali femminili li -

(a) ikunu identifikati permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermettilhom ikunu rintraċċati lura lejn id-*dam* u l-merħla ta' oriġini u ma jkunux il-wild ta' nisa konfermati li jbatu mill-BSE;

(b) mhumiex il-wild ta' nisa suspettati u konfermati li jsofru bil-BSE;

(ċ) ma kinux suspettati li huma affettwati mill-BSE fil-ħin ta' meta jkunu nġabru l-embrijoni;

3. l-ova, embrijoni kienu miġbura, proċessati u maħżuna skond id-disposizzjonijiet ta' l-Annessi A u B tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/556/EEC.

Ċ. Importazzjonijiet ta' ova, embrijoni minn pajjiżi jew reġjuni mqiegħda fil-kategorija 4 huma soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali li jikkonferma li -

1. l-għoti ta' ikel lil ruminanti ta' proteini meħuda minn mammiferi kien ġie projbit u li din il-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata;

2. l-ova, embrijoni maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita Ewropea huma meħuda min-nisa li -

(a) huma identifikati permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermettilhom ikunu traċċati lura lejn id-*dam* u l-merħla ta' oriġini, u li mhumiex il-wild ta' nisa affettwati jew suspettati li jsorfu mill-BSE;

(b) mhumiex affettwati bil-BSE;
(c) ma kinux suspettati li kienu affettwati bil-BSE fil-ħin li fih sar il-ġbir ta' l-embrijoni;

u

(i) jew twieldu wara d-data li fiha ġiet effettivament infurzata l-projbizzjoni ta' għoti ta' ikel lil ruminanti bi proteini meħuda minn mammiferi;

jew

(ii) twieldu, trabbew u baqgħu fil-merħliet li fihom l-ebda każ ta' BSE ma kien konfermat għal ta' l-anqas seba' snin;

3. l-ova, embrijoni nġabru, ġew proċessati u maħżuna f'konformità mad-disposizzjonijiet ta' l-Annessi A u B tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/556/EEC.

D. Importazzjonijiet ta' ova, embrijoni ta' bovini ġejjin minn pajjiżi jew reġjuni mqegħdin f'kategorija 5 huma suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali li jikkonferma li -

1. l-għoti ta' ikel lill-annimali għat-tgħammir bi protejini ġejjin minn mammiferi kien ġie projbit u li din il-projbizzjoni ġiet effettivament infurzata;

2. l-annimali bovini affettwati, u, jekk dawn kienu nisa, l-aħħar wild tagħhom li twieled fi żmien sentejn qabel, jew wara, li tfaċċat kliniklament il-marda, jekk ħajjin fil-pajjiż jew reġjun, ikunu maqtula u meqruda kompletament;

3. ova, embrijoni maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita Ewropea jkunu meħuda min-nisa li -

(a) huma identifikati permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermettilhom ikunu rintraċċati lura sad-*dam* u l-merħla ta' oriġini u li mhumiex il-wild ta' annimali ta' sess femminili suspettati jew konfermati li jsofru bil-BSE;

(b) mhumiex affettwati bil-BSE;

(ċ) ma kinux suspeettati li kienu affettwati bil-BSE fil-ħin tal-ġbir ta' l-embrijoni;

u

(i) jew twieldu wara d-data li fiha ġiet effettivament infurzata l-projbizzjoni dwar l-għoti bħala ikel lill-animali għat-tnissil bi proteini meħuda minn mammiferi,

(ii) jew, qatt ma kienu ingħataw ikel bi proteini meħuda minn mammiferi u twieldu, trabbew u baqgħu fil-merħliet li fihom ma kien ġie konfermat l-ebda każ ta' BSE għal ta' l-anqas seba' snin,u li fihom biss annimali bovini li twieldu fil-*farm* jew li ġejjin minn merħla ta' *status* ta' saħħa ugwali;

4. l-ova, embrijoni nġabru, ġew proċessati u maħżuna strettament f'konformità mad-disposizzjonijiet ta' l-Annessi A u B tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/556/EEC.

KAPITOLU E

Importazzjonijiet ta' annimali ovini u kaprini

Annimali ovini u kaprini mportati ġewwa l-Komunita Ewropea għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimali li jipprovdi -

(a) jew twieldu fi u tkabbru ġewwa fondi fejn qatt ma kien djanjostikat kaz ta' *scrapie*, u fil kaz ta' annimali ovini u kaprini għat-tgħammir, jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-subparagrafi (i) u (ii) ta' punt (a) tal-Kapitolu A(I) ta' l-Iskeda VIII;

(b) jew jekk ikunu nagħaġ ta' ġenotip ta' proteina prijoni ARR/ARR, kif imniżżel fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2002/1003/EC, li ġej minn fond fejn l-ebda każ ta' *scrapie* ġie rappurtat fl-aħħar sitt xhur.

Jekk jkunu destinati għal Stat Membru benefikanti, għat-territorju kollu jew parti minnu, mir-rekwiżiti mniżżla fi punt (b) jew (ċ) tal-Kapitolu A(I) ta' l-Iskeda VIII, għandhom jseġwu mal-garanziji addizjonali, ġenerali u speċifiċi, li kienu definiti skond l-Att tas-Servizzi Veterinarji u l-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2).

KAPITOLU F

Importazzjonijiet ġewwa il-Komunita' Ewropea minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, imqiegħda fil-kategorija 5, tal-prodotti ta' oriġini ta' annimali riferiti fl-Iskeda VIII, Kapitolu Ċ, skond ir-regolament 16 (3) għandhom ikunu projbiti jekk ikun fihom jew ikunu meħudin mill-prodotti li ġejjin jew minn materjal meħud minn annimali ruminanti -

- laħam rikoverat mekkanikament;

- *dicalcium phospate* maħsub biex jitma' *livestock;*

- ġelatina ħlief jekk tkun ġiet prodotti minn ġlud;

- *rendered ruminant fat* u derivattiva magħmula minnu ħlief jekk dawn kienu prodotti minn *adipose tissue* diskret li hu stess kien dikjarat tajjeb għall-konsum uman, jew minn materjali mhux maħduma li kienu proċessati skond l-*istandards* riferiti fid-Deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea 1999/534/EC.

KAPITOLU G

Meta jkunu qegħdin jiġu mportati prodotti ta' oriġini ta' annimal minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li ma tqiegħdux fil-kategorija 1, iċ-ċertifikati ta' l-apposta, għandhom ikunu supplimentati b'dikjarazzjoni ffirmata mill-awtorita' kompetenti tal-pajjiż tal-produzzjoni, kif meħtieġ mill-leġislazzjoni tal-Komunita Ewropea, u li jkun fihom dawn il-kliem li ġejjin -

"Il-prodott ta' oriġini ta' annimal ma fihx, u mhuwiex meħud minn materjal b'riskju speċifiku kif definit fl-Anness V tar-Regolament (EC) Nru 999/2001tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti *spongiform encephalopathies* li jittieħdu jew laħam rikoverat b'mod mekkaniku miksub minn għadam tar-ras jew tal-kolonna vertebrali ta' annimali bovini. L-annimali ma kinux ġew imbiċċra wara li ġew sturduti permezz ta' gass injettat fil-kavità tar-ras jew maqtula b'mod istantaneju permezz ta' l-istess metodu jew imbiċċrin permezz ta' qatgħa wara li ġew sturduti fit-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument twil f'forma ta' virga għal ġewwa l-kavità tar-ras."

SKEDA X

Laboratorji ta' referenza, teħid ta' kampjuni u metodi ta' analiżi fil-laboratorji

KAPITOLU A

Laboratorji nazzjonali ta' referenza

1. Il-laboratorju nazzjonali ta' referenza maħtur għandu -

(a) ikollu għad-disposizzjoni tiegħu faċilitajiet u ħaddiema esperti li jippermettu li juru f'kull ħin, u speċjalment meta l-marda in kwistjoni titfaċċa għall-ewwel darba, it-tip u l-*istrain* ta' l-aġent tat-TSE, u possibilment jikkonfermaw ir-riżulatati miksubin permezz ta' laboratorju dijanjostiku ieħor. Fejn ma jkunux kapaċi jidentifikaw it-tip ta' *strain* ta' l-aġent, għandu jfassal proċedura biex jiżgura li l-identifikazzjoni ta' l-*istrain* tkun riferita lil-laboratorju ta' referenza tal-Komunità Ewropea;

(b) jivverifika metodi ta' dijanjożi possibbli użati f'laboratorji dijonjostiċi oħrajn;

(ċ) ikun responsabbli għad-dijanjożi u għal ko-ordinament possibbli ta' *standards* u metodi dijanjostiċi fi ħdan l-Istat Membru. Għal dan il-għan, jista' -

- jista jipprovdi dawn ir-reaġenti dijanjostiċi lil-laboratorji approvati mill-Istat Membru;

- jikkontrolla l-kwalità tar-reaġenti dijanjostiċi kollha użati fl-Istat Membru;

- jirranġa perjodikament testijiet komparattivi;

- jżomm iżolati ta' l-aġenti tal-marda in kwistjoni, jew *tissues* korrispondenti li jkun fihom aġenti bħal dawn, gejjin minn każijiet konfermati fl-Istat Membru;

- jiżgura l-konferma tar-riżultati miksuba possibilment f'laboratorji dijanjostiċi maħtura fl-Istat Membru;

(d) jikkopera mal-laboratorju ta' referenza tal-Komunità Ewropeja;

2. Iżda, b'deroga mill-punt 1, Stati Membri li ma għandhomx laboratorju nazzjonali ta' referenza għandhom jużaw is-servizzi tal-laboratorju tal-Komunita' Ewropea jew il-laboratorji ta' referenza ta' l-Istati Membri l-oħra.

3. Il-laboratorju ta' referenza nazzjonali huma -

Awstrija -
Bundesanstalt für Tierseuchenbekämpfung, Mödling Robert Koch Gasse 17 A2340 Mödling

Belġju -
CERVACODAVAR Centre d'Étude et de Recherches Vétérinaires et Agrochimiques Centrum voor Onderzoek in Diergeneeskunde en Agrochemie Veterinary and Agrochemical Research Centre Groeselenberg 99 B1180 Bruxelles.

Danimarka -
Danish Veterinary Laboratory Bülowsvej 27 DK1790 Copenhagen V.

Finlandja -
Eläinlääkintä- ja elintarvikelaitos Hämeentie 57 FIN00550 Helsinki.

Franza -
Agence Française de Sécurité, Sanitaire des Aliments Laboratoire de pathologie bovine 31, avenue Tony Garnier BP 7033 F69342 Lyon Cedex.

Ġermanja -
Bundesforschungsanstalt für Viruskrankheiten der Tiere Anstaltsteil Insel Riems Boddenblick 5A D17498 Insel Riems.

Greċja -
Greece Ministry of Agriculture; Veterinary Laboratory of Larisa; 7th km of Larisa — Trikala Highway GR-411 10 Larisa (rapid tests and immunological tests).

Laboratory of Gross Pathology; Faculty of Veterinary Medicine; Aristotelian University of Thessaloniki; Giannitson & Voutyra St. GR-546 27 Thessaloniki (histopathology).

Irlanda -
Central Veterinary Research Laboratory, Abbotstown, Castleknock, Dublin 15, Ireland.

Italja -
Istituto Zooprofilattico Sperimentale del Piemonte Liguria e Valle d'Aosta CEA Via Bologna I14810150 Torino.

Lussemburgu -
CERVACODAVAR Centre d'Étude et de Recherches Vétérinaires et Agrochimiques Centrum voor Onderzoek in Diergeneeskunde en Agrochemie Veterinary and Agrochemical Research Centre Groeselenberg 99 B1180 Bruxelles.

Il-Pajjiżi Baxxi -
Instituut voor Dierhouderij en Diergezondheid, IDDLO Lelystad Edelhertweg 15 Postbus 65 8200 AB Lelystad Netherlands.

Portugall -
Laboratório Nacional de Investigação Veterinária Estrada de Benfica, 701 P1500 Lisboa.

Spanja -
Laboratorio de la Facultad de Veterinaría Departamento de Patología Animal (Anatom¡a Patológíca) Zaragoza Spain (BSE and scrapie, methods other than rapid tests) Laboratorio Central de Veterinaria de Algete Madrid Spain (rapid tests) Centro de Investigacion en Sanidad An¡mal (CISA) Crta, De Algete al Casar de Talamanca 28130 Valdeolmos (Madrid) Spain (TSEs other than BSE or scrapie).

Svezja -
National Veterinary Institute S751 89 Uppsala.

Renju Unit –
United Kingdom Veterinary Laboratories Agency Woodham Lane New Haw Addlestone Surrey KT15 3NB.

KAPITOLU B

Laboratorju ta’ referenza tal-Komunita

1. Il-laboratorju ta’ referenza tal-Komunita’ Ewropea għat-TSE huwa -

The Veterinary Laboratories Agency
Woodlane
New Haw
Addlestone
Surrey
KT15 3N
United Kingdom

2. Il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-laboratorju ta’ referenza ta’ l-Unjoni Ewropea huma –

(a) il-koordinazzjoni fil-konsulta mal-Kummissjoni Ewropea, il-metodi meħuda mill-Istati Memri għad-dijanjosi tal-BSE, aktar fiċ-ċar bi -

- ħżin u għotja li tikkorrispondi mat-tessuti li jġorru dan l-aġent, għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tat-testijiet dijanjostiċi rilevanti jew għat-*typing strains* ta' l-agent;

- li jissuplixxu *sera* standard u re-aġenti ta' riferenza oħra lill-laboratorji nazzjonali ta' referenza saiex jagħtu standard lit-testijiet u re-aġenti użati fl-Istati Membri;

- issir, titkabbar u tinżamm kollezzjoni tat-tessuti korrispondenti li jġorru aġenti u *strains* tat-TSE;

- torganizza testijiet komparattivi perjodiċi ta' proċeduri dijanjostiċi fuq livell Komunitarju Ewropew;

- tikkollezzjona u tqigħed fi gruppi *data* u informazzjoni fuq il metodi ta' dijanjosi użati u r-riżultati tat-testijiet maħruġa fil-Komunita Ewropea;

- tikkaratterizza l-isolament ta' l-aġent tat-TSE mill-aktar metodi *up-to-date* sabiex ikun hemm aktar ftehim fuq l-epidemjoloġija tal-marda;

- iżżomm mat-tendenzi ta' sorveljanza, epidemjoloġika u prevenzjoni tat-TSE madwar id-dinja;

- tinżamm l-esperjenza fuq il-marda tal-prioni sabiex issaħħaħ dijanjosi differenzjata mill-aktar fiss;

- jinġieb tagħrif sħieħ dwar il-preparazzjoni u użu ta' metodi dijanjostiċi wżati għall-kontroll u l-eradikazzjoni tat-TSE;

(b) li jassissti attivament fid-dijanjosi tat-tfaqqiegħ tat-TSE fl-Istati Membri l-istudju ta' kampjuni minn annimali nfettati it-TSE mibgħuta sabiex tikkonferma d-dijanjosi, il-karatteristika u l-istudju epidemjoloġiku;

(ċ) il-faċilitazzjoni ta' l-istħarriġ jew l-istħarriġ mill-ġdid ta' l-esperti fil-laboratorju ta' dijanjosi sabiex issaħħaħ l-armonizzazzjoni ta' teknika dijanjostika madwar il-Komunita Ewropea.

KAPITOLU Ċ

Teħid ta' kampjuni u testijiet fil-laboratorju

1. Teħid ta' kampjuni

Kull kampjun maħsub biex ikun eżaminat għall-preżenza ta' TSE għandu jinġabar billi jintużaw il-metodi u l-protokolli stabbiliti fl-aħħar edizzjoni tal-Manwal ta' standards għal testijiet dijanjostiċi u tilqim ta' l-Uffiċċju Internazzjonali għal Epizooties (IOE/OIE) (minn hawn 'il quddiem msejjaħ 'il-Manwal'). Fin-nuqqas ta' metodi u protokolli bħal dawn, il-kampjuni għandhom jinġabru b'manjiera xierqa għall-applikazzjoni korretta tat-testijiet. Il-kampjuni għandhom ikunu markati b'mod korrett skond l-identità ta' l-annimal li minnu ttieħed il-kampjun.

2. Laboratorji

Kull eżami fil-laboratorju għat-TSE għandu jitwettaq f'laboratorji approvati għal dak l-iskop.

3. Metodi u protokolli

3.1. Testijiet fil-laboratorju għall-preżenza ta' BSE f'annimali bovini

(a) Każi suspettati

Tessuti ġejjin minn annimali bovini mibgħuta biex ikunu eżaminati fil-laboratorju skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 12 (2) għandhom ikunu soġġetti għal eżami ħistopatoloġiku kif imniżżel fl-aħħar edizzjoni tal-Manwal, ħlief fejn il-materjal ikun awtoliżżat. Fejn ir-riżultati ta' l-eżami ħistopatoloġiku jkun inkonklussiv jew negattiv jew fejn il-materjal ikun awtoliżżat, it-tessuti għandhom ikunu soġġetti għal eżami permezz ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi l-oħra stabbiliti fil-Manwal (*immuno-cytochemistry, immuno-blotting* jew wirja tal-fibrili karatteristiċi permezz ta' *electron microscopy)*. Madanakollu, ma jistgħux jintużaw testijiet rapidi għal dan l-iskop.

Jekk ir-riżultat ta' l-eżamijiet t'hawn fuq ikunu pożittivi, l-annimali għandhom jitqiesu bħala każ pożittiv ta' BSE.

(b) Monitoraġġ għall-BSE

Tessuti ġejjin minn annimali bovini mibgħuta għal eżami fil-laboratorju skond id-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda III, Kapitlu A, Sezzjoni I (Monitoraġġ ta' annimali bovini) għandhom ikunu eżaminati permezz ta' eżami rapidu.

Meta r-riżultat ta' l-eżami rapidu jkun inkonklussiv jew pożittiv, it-tessuti għandhom immedjatament ikunu soġġetti għall-eżamijiet ta' konferma f'laboratorju uffiċjali. L-eżami ta' konferma għandu jibda permezz ta' eżami ħistopatoloġiku tal-*brainstem* kif stabbilit fl-aħħar edizzjoni tal-Manwal, ħlief fejn il-materjal ikun awtolizzat jew inkella mhux adatt għall-eżami permezz ta' ħistopatoloġija. Meta r-riżultat ta' l-eżami ħistopatoloġiku jkun inkonklussiv jew negattiv jew fejn il-materjal ikun awtolizzat, it-tessuti għandhom ikunu soġġetti għal eżami permezz ta' metodi dijanjostiċi oħra imsemmijin taħt (a).

Annimal għandu jitqies każ pożittiv ta' BSE jekk ir-riżultat tat-test rapidu jkun pożittiv jew inkonklussiv, u,

- r-riżultat ta' eżami ħistopatoloġiku sussegwenti jkun pożittiv, jew

- ir-riżultat ta' metodu dijanjositku ieħor imsemmi taħt (a) jkun pożittiv.

3.2. Testijiet fil-laboratorju għall-preżenza ta' *scrapie* f'annimali ovini u kaprini

(a) Każijiet suspettati

Tessuti minn annimali ovini u kaprini mibgħuta għal eżami fil-laboratorju skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 12 (2) għandhom ikunu soġġetti għal eżami ħistopatoloġiku kif stabbilit fl-aħħar edizzjoni tal-Manwal, ħlief fejn il-materjal ikun awtolizzat. Meta r-riżultati ta' l-eżami ħistopatoloġiku jkun inkonklussiv jew negattiv jew fejn il-materjal ikun awtolizzat, it-tessuti għandhom ikunu soġġetti għal eżami permezz ta' *immuno-cytochemistry* jew *immuno-blotting,* kif imniżżel fil-Manwal. Madanakollu ma jistgħux jintużaw it-testijiet rapidi għal dan l-iskop.

Jekk ir-riżultat ta' wieħed mill-eżamijiet ta' hawn fuq ikun pożittiv, l-annimal għandu jitqies bħala każ pożittiv ta' *scrapie.*

(b) Monitoraġġ ta' *scrapie*

Tessuti minn annimali ovini u kaprini mibgħuta għal *testing* fil-laboratorju skond id-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda III, Kapitolu A, Sezzjoni II (Monitoraġġ ta' annimali ovini u kaprini) għandhom ikunu eżaminati permezz ta' test rapidu. Meta r-riżultat tat-test rapidu jkun inkonklussiv jew pożittiv, il-*brainstem* għandu immedjatament jintbagħat fil-laboratorju uffiċjali għal eżamijiet ta' konferma permezz ta' *immuno-cytochemistry* jew *immuno-blotting* kif riferit taħt (a).

Annimal għandu jitqies bħala każ pożittiv ta' *scrapie* jekk ir-riżultat ta' l-eżami ta' konferma jkun pożittiv.

3.3. *Testing* fil-laboratorju għall-preżenza ta' TSEs oħrajn barra minn dawk riferiti f'punti 3.1. u 3.2.

It-testijiet magħmula sabiex jikkonfermaw is-suspett tal-preżenza tal-TSE differenti minn dawk mniżżla taħt il-punti 3.1 u 3.2 għandhom jinkludu ta' l-anqas eżami ħistopatoloġiku tal-*brain tissues.* L-awtorita' kompetenti tista' wkoll jitlob testijiet fil-laboratorju bħalma huma *immuno-cytochemistry, immuno-blotting,* wirja tal-karatteristiċi fibrili permezz ta' *electron microscopy* jew metodi oħrajn maħturin biex jagħżlu l-forma assoċjata tal-marda tal-*prion protein.* F'kull każ, ta' l-anqas għandu jitwettaq eżami wieħed ieħor tal-laboratorju jekk l-eżami ħistopatoloġiku inizjali jkun negattiv jew inkonklussiv. Ta' l-anqas tliet eżamijiet differenti għandhom jitwettqu fl-eventwalità ta' l-ewwel dehra tal-marda.

B'mod partikulari fejn ikun suspettat każ ta' BSE fi speċi oħrajn barra mill-annimali bovini, għandhom fejn ikun possibbli, jiġu sottomessi kampjuni għal *strain-typing.*

4. Testijiet rapidi

Bl-iskop li jitwettqu testijiet skond ir-regolament 5 (3) u ir-regolament 6 (1), għandhom jintużaw il-metodi li ġejjin bħala testijiet rapidi -

- *immuno-blotting test* ibbażat fuq proċedura magħrufa bħala (*western blotting* biex isir tiftix tal-*protease resistant fragment* PrPRes (*Prionics Check Western test),*

- *Chemiluminescent ELISA Test* li jinvolvi proċedura ta' estrazzjoni u teknika ELISA, billi jintuża *enhanched chemiluminescent reagent (Enfer test),*

- *sandwich immunoassay* għal PrPRes imwettaq wara proċedura ta' denaturazzjoni u konċentrazzjoni (*BroRad Platelia test*). Iżda l-istokk eżistenti li għandu l-isem ta "Bio-Rad TeSeE test" jista jkun użatt fi żmien sitt xhur mid-data tad-dhul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti,

- *microplate* ibbażat fuq *immunoassay* (ELISA) li jinduna *protease-resistant* PrPRes bi *monoclonal antiodies* (test tal-*Prionics-Check LIA*),

- *automated conformation-dependent immunoassay* li jikkompara r-reattivita' ta' *detection antibody* għall-forom *protease-sensitive* u *protease-resistant* ta' PrPSc(ftit mill-*protease-resistant* PrPSc hija ekwivalenti għal PrPRes) u għall-PrPC (InPro CDI-5 test).

Dak li jipproduċi t-testijiet rapidi għandu jkollhom sistema żgurata ta' kwalitaċ fil-post miftiehem mill-laboratorju ta' riferenza tal-Komunita' Ewropea, li jiżgura li it-test tal-*performance* ma jinbidilx. Il-produttur għandu jipprovdi t-*test protocol* lill-laboratorju ta' riferenza tal-Komunita' Ewropea.

Bdil fit-test rapidu jew fit-*test protocol* jista biss jiġi magħmul wara notifika avvanzata lill-laboratorju ta' riferenza tal-Komunita' Ewropea u biss jekk il-laboratorju ta' riferenza tal-Komunita' Ewropea jsib li dan il-bdil ma tnaqqax is-sensitivitaċ, u dak li huwa speċifiku u ta' min jafda fuqu fit-test rapidu. Dan ghandu jiġi komunikat lill-Kummissjoni Ewropea u lill-laboratorji ta' riferenza nazzjonali.

5. Testijiet alternattivi.

SKEDA XI

Miżuri transitorji riferiti fir-Regolamenti 22 u 23

A. Dwar materjal b'riskju speċifiku, laħam rikoverat mekkanikament u tekniċi ta' biċċir

1. (a) It-tessuti li ġejjin huma magħżula bħala materjal b'risjku speċifiku -

(i) l-iskutella tar-ras li tinkludi l-moħħ u l-għajnejn, it-tunsilli, l-kolonna vertebrali barra l-vertebra tad-denb u l-proċessi transversi tal-*lumbar* u t-*thoracic vertebral* u l-ġwienaħ tas-*sacrum,* imma teskludi d-*dorsal root ganglia* u l-korda spinali ta' annimali bovini ta' 'il fuq minn 12 -il xahar, u l-intestini mid-*duodenum* sar-*rectum* u l-*mesentery* ta' annimali bovini ta' kull eta';

(ii) l-iskutella tar-ras li tinkludi l-moħħ u l-għajnejn, it-tunsilli u l-korda spinali ta' annimali ovini u kaprini ta' 'il fuq minn 12-il xahar jew li jkollhom inċiżjoni permanenti ħierġa mill-ħanek, u l-milsa ta' annimali ovini u kaprini ta' kull età.

L-eta mniżżla hawn fuq għat-tneħħija tal-kolonna verterali tal-bovin tista tiġi mibdula permezz ta' emendi lil dawn ir-regolamenti wara probabilitaċ statistika meta sseħħ il-BSE fil-gruppi ta' etaċ rilevanti tal-popolazzjoni bovina tal-Komunita' Ewropea, ibbażata fuq il-monitoraġġ tal-BSE kif imniżżel fil-Kapitolu A.I. ta' l-Iskeda III.

(b) B'żieda mal-materjal ta' riskju speċifiku mniżżel fi (a), it-tessuti li ġejjin għanghom jiġu disinjati bħala materjal ta' riskju speċifiku fir-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq u fil-Portugall, l-eċċezzjoni tar-Reġjun Awtonomu ta' l-Azzorri -

- ir-ras kollha barra l-ilsien, li jinkludi l-moħħ, l-għajnejn u l-ganglia triġeminali,

- *it-thymus*,

- il-milsa/marrara u l-ispina *(spinal cord),*

ta' annimali bovini li għandhom aktar minn 6 xhur.

2. Permezz ta' deroga minn punt 1 (a)(i) tista' tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura riferita fl-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u l-proċedura mniżżla fir-regolament 24(2), li tippermetti l-użu tal-kolonna vertebrali u d-*dorsal root ganglia* minn annimali bovini -

(a) li twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru fi Stati Membri li għalih evalwazzjoni xjentifika stabbiliet li l-okkorrenza ta' BSE f'annimali bovini nativi tkun improbabbli ħafna, jew mhux probabbli iżda mhux eskluża, jew

(b) li twieldu wara d-data ta' infurzar effettiv tal-projbizzjoni fuq l-għoti ta' ikel ta' proteini mammaljani lir-ruminanti fi Stati Membri b'BSE rappurtat f'annimali nativi jew li għalihom evalwazzjoni xjentifika tkun stabbiliet li l-okkorrenza ta' BSE f'annimali bovini nativi hi probabbli.

Ir-Renju Unit, il-Portugall u l-Iżvezja jistgħu jibbenefikaw minn din id-deroga abbażi ta' evidenza evalwata u mogħtija minn qabel. Stati Membri oħra jistgħu japplikaw għal din id-deroga billi jissottomettu evidenza konklussiva lill-Kummissjoni Ewropea dwar punt (a) jew (b), kif meħtieġ.

Meta Stati Membri qed jibbenefikaw minn din id-deroga, b'żieda mal-ħtiġjiet stabbiliti fl-Iskeda III, Kapitolu A, sezzjoni I, jiżgura li wieħed mit-testijiet rapidi approvati elenkati fl-Iskeda X, Kapitolu Ċ, punt 4, jkun applikat lill-annimali bovini kollha ta' 'il fuq minn tletin xahar li -

(a) jkunu mietu fir-razzett jew waqt il-ġarr, imma li ma ġewx imbiċċra għall-konsum uman, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-annimali mejta f'postijiet remoti b'densita' ta' annimali baxxa ġewwa Stati Membri fejn huwa difficli li jseħħ il-BSE;

(b) kienu soġġetti għal tbiċċir normali għall-konsum uman.

Din id-deroga ma tistax tiġi mogħtija sabiex tintuza l-kolonna vertebrali u d-*dorsal root ganglia* minn annimali bovini li għandhom aktar minn 30 xahar mir-Renju Unit jew mill-Portugall, bl-eċċezzjoni tar-Reġjun Awtonomu ta' l-Azzorre.

Esperti mill-Kummissjoni Ewropea jistghu jagħmlu verifiki fuq il-post sabiex jivverifikaw aktar mill-qrib l-evidenza mogħtija skond ir-regolament 21.

3. Għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini ma għandhomx ikunu użati għall-produzzjoni ta' laħam rikoverat mekkanikament.

4. Laċerazzjoni tat-tessut ċentrali nervuż permezz ta' *elongated rod-shaped instrument* introdott fil-kavità tar-ras wara li jiġu sturduti ma għandhomx jitwettqu fuq annimali bovini, ovini jew kaprini li l-laħam tagħhom hu maħsub għall-konsum uman jew mill-annimali.

5. Materjal b'riskju speċifiku għandu jitneħħa minn -

(a) biċċeriji jew, kif xieraq, postijiet oħrajn użati għat-tbiċċir;

(b) impjanti ta' tqattigħ, fil-każ tal-kolonna vertebrali ta' annimali bovini;

(ċ) fejn meħtieġ, fondi intermediarji mniżżla fir-Regolament (EC) Nru. 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew, artikolu 10 jew dawk li jużaw dawn il-fondi u ċentri ta' kollezzjoni awtorizzati u reġistrati skond ir-Regolament (EC) Nr. 1774/2002, artikolu 23(2)(c)(iv), (vi) u (vii).

Il-punti li ġejjin ma japplikawx għall-materjal għall-ikel ta' tjur nekrofaġi (li jieklu laħam ta' annimali mejtin) taħt il-kategorija 1, skond l-artikolu 23(2)(d) tar-Regolament (EC) Nru. 1774/2002.

6. Ilsna tal-annimali bovini ta' kull eta li huma intiżi għall-konsum uman jew għall-konsum ta' l-annimali għandu jseħħ go biċċerija minn *transverse cut rostral* sal proċess ta' l-ilsien tal-*basihyoid bone*.

7. Il-laħam tar-ras ta' annimali bovini li għandhom aktar minn 12-il xahar għandu jseħħ ġewwa biċċeriji, skond sistema ta' kontroll, magħrufa mill-awtorita kompetenti, sabiex tinżgura il-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni tal-laħam tar-ras bi tessuti ġejjin mis-sistema nervuża ċentrali. Din is-sistema għandha tinkludi ta' mill-anqas il-punti li ġejjin -

- il-ħsad għandu jseħħ fi żona dedikata, separata fiżikament minn partijiet oħra fuq il-linja tat-tbiċċir,

- fejn l-irjus huma mneħħija mill-*conveyor* jew ganċijiet qabel il-ħsad tal-laħam ta' l-irjus, il-*frontal shot hole* u *foramen magnum* għandhom ikunu siġillati bi *stopper* impermeabbli u b'saħħtu. Fejn kampjun huwa meħud mill-*brainstem* għal-*testing* fil-laboratorju għall-BSE, il-*foramen magnum* għandu jkun siġillat immedjatament wara li jittieħed il-kampjun.

- laħam tar-ras ma għandux jkun maħsud minn irjus fejn l-għajnejn huma mhassra jew mitlufa sew qabel jew wara l-qatla, jew li kienu mhassra b'certu mod li jista' jirriżulta fil-kontaminazzjoni tar-ras bit-tessuti tan-nervituri ċentrali.

- Laħam tar-ras ma innciz għandux jinħasad minn irjus li ma ġewx siġillati sew skond kif imniżżel fit-tieni inċiż,

- Mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali dwar l-iġene, struzzjonijiet speċifiċi dwar ix-xogħol għandhom ikunu lesti sabiex jipprevjenu il-kontaminazzjoni tal-laħam tar-

ras waqt il-ħsad, b'mod partikolari fil-każ meta s-siġill kif riferit fit-tieni inċiż huwa mitluf jew l-għajnejn mħassra waqt l-attivita',

- Il-pjan dwar it-teħid ta' kampjuni fejn jintuża test tal-laboratorju ta' l-apposta sabiex isib it-tessuti tas-sistema nervuża ċentrali għandha tkun imħejjija sabiex ikun verifikat li l-miżuri li jnaqqsu l-kontaminazzjoni huma implimentati b'mod xieraq.

8. B'deroga mir-regolamenti tal-punt 7, Stati Membri jistghu jiddeċiedu li jużaw fil-biċċerija sistema ta' kontroll alternattiva għall-ħsad ta' laħam ġej mir-ras ta' annimal bovin, sabiex jkun hemm tnaqqis ekwivalenti fil-livell ta' kontaminazzjoni ta' laħam mir-ras li għandu tessuti tas-sistema nervuża ċentrali. Pjan ta' teħid ta' kampjuni li juża test ta' laboratorju ta' l-apposta sabiex jimmarka t-tessuti tas-sistema nervuża ċentrali għandu jkun lest sabiex jivverifika li miżuri li jnaqqsu l-kontaminazzjoni huma implimentati. Stati Membri li jużaw din id-deroga għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra fl-isfond ta' l-S*tanding Committee of the Food Chain and Animal Health* dwar is-sistema ta' kontroll u ir-riżultati tal-kampjuni meħuda.

9.Id-dispozzjonijiet imniżżla fil-punti 7 u 8 ma għandhomx japplikaw għall-ħsad ta' l-ilsien skond il-punt 6 u l-anqas għall-ħsad tal-laħam tal-ħuġbejn fil-biċċerija, jekk dan iseħħ mingħajr ma titneħħa r-ras tal-bovin mill-*conveyor* jew minn mal-ganċijiet.

10. B'deroga minn punti 5 u 7, Stati Membri jistghu jiddeċiedu li jħallu -

(a) it-tneħħija tas-sinsla tal-annimali ovini jew kaprini fil-fondi fejn jsir it-tqattigħ li huma awtorizzati għal-dan il-proċess;

(b) it-tneħħija tal-kolonna vertebrali mill-karkassi jew parti mill-karkassi fil-ħwienet tal-laħam li huma awtorizzati, u li jsirilhom monitoraġġ, kif ukoll li huma reġistrati għal dan il-għan;

(ċ) il-ħsad tal-laħam tar-ras minn annimali bovini ġewwa fondi fejn isir it-tqattigħ li huma awtorizzati għal-dan il-proċess skond dan li ġej -

- irjus ta' bovini intiżi għat-trasport lejn fondi fejn isir it-tqattigħ u li huma awtorizzati għall-ħsad tal-laħam tar-ras, għandhom jsegwu l-punti li ġejjin -

- l-irjus għandhom ikunu sospiżi fuq xkaffa *(rack)* waqt iż-żmien tal-ħażna u t-trasport mill-biċċerija għal fondi tat-tqattigħ awtorizzati;

- it-toqba ta' l-isparatura li ssir frontalment u il-*foramen magnum* għandhom jkunu siġillati sewwa bi *stopper* impermeabbli u li ma jiddiżintegrax malajr. Dan għandu jseħħ qabel ma jiċċaqalqu mill-konvejor jew mill-ganċijiet għall-ixkaffi *(racks).* Fejn jittieħed kampjun mill-*brainstem* għal testijiet fil-laboratorju għall-BSE, il-*formen magnum* għandu jkun issiġillat immedjatament wara dak it-teħid ta' kampjuni;

- l-irjus li ma kienux siġillati sewwa skond kif imniżżel fit-tieni inċiż, fejn l-għajnejn kienu mħassra jew mitlufa eżatt qabel jew wara l-qatla jew li kienu mħassra b'xi mod ieħor li jista jikkaġuna l-kontaminazzjoni tal-laħam tar-ras it-tessuti nervużi ċentrali, għandhom jkunu eskluży mit-trasport għal-fondi tat-tqattigħ speċifikament awtorizzati;

- il-pjan tat-teħid ta' kampjuni li juża it-test speċifiku tal-laboratorju sabiex jimmarka it-tessuti tas-sistema nervuża ċentrali għandha tkun lesta sabiex tkun verifikata l-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex titnaqqas il-kontaminazzjoni;

il-ħsad tal-laħam tar-ras minn irjus ta' annimali bovini ġewwa fondi fejn jsir it-tqattigħ li huwa awtorizzati speċifikament għal dan il-għan, għandhom ikunu skond is-sistema ta' kontroll, awtorizzata mill-awtorita' kompetenti, sabiex tiżgura l-prevenzjoni ta' kontaminazzjoni tal-laħam tar-ras. Is-sistema għandha mill-anqas tinkludi -

- l-irjus kollha għandhom jiġu kontrollati b'mod viżiv għal sinjali ta' kontaminazzjoni jew dannu u li ġew siġillati sewwa qabel ma nbeda l-ħsad tal-laħam tar-ras;

- il-laħam tar-ras ma għandux jiġi maħsud minn irjus li ma ġewx siġillati sewwa, fejn l-għajnejn ġew mħassra jew kienu mħassra b'xi mod ieħor li jista jirriżula f'kontaminazzjoni tal-laħam tar-ras bit-tessuti nervuzi ċentrali. Laħam tar-ras ma jistax jiġi maħsud minn rjus fejn hemm suspett ta' kontaminazzjoni;

- mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali dwar l-iġene, istruzzjonijiet speċifiċi dwar ix-xogħol għandhom ikunu provduti sabiex jipprevjenu l-kontaminazzjoni tal-laħam tar-ras waqt it-trasport u l-ħsad, b'mod partikolari fejn is-siġill huwa mitluf jew l-għajnejn mħassra waqt l-attivita;

- pjan dwar it-teħid ta' kampjuni bl-użu ta' testijiet ta' laboratorju biex isib it-tessuti tas-sistema nervuża ċentrali għandha tkun imħejjija sabiex tivverifika li l-miżuri biex inaqsu l-kontaminazzjoni jiġu mplimentati sewwa.

11. Kull materjal speċifiku ta' riskju għandu jiġi mtebba bi zebgħa, jew kif xieraq, immarkat mill-ewwel wara it-tneħħija, u mormi skond kif imniżżel fir-Regolament (EC) Nru. 1774/2002, u b'mod partikolari l-artikolu 4(2).

12. Stati Membri għandhom jagħmlu spezzjonijet uffiċjali frekwenti sabiex jivverifikaw li din il-parti ta' din il-liġi qed tiġi applikata b'mod sewwa u tiżgura li miżuri huma meħuda sabiex ma jkun hemm l-ebda kontaminazzjoni, speċjalment fil-biċċeriji, fondi fejn isir it-tqattigħ jew postijiet oħra fejn materjal ta' riskju speċifiku huwa mneħħi, bħal fi ħwienet tal-laħam jew stabbilimenti mniżżla fi punt 5(ċ).

Stati Membri għandhom iħejju sistema biex jiżguraw u jivverifikaw li -

(a) materjal ta' riskju speċifikat użat għal għanjiet awtorizzati skond ir-regolament 1(3) u ir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002 huma wżati biss għal għaniet awtorizzati;

(b) materjal ta' riskju speċifikat għandu jintrema skond ir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002.

13. Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li jħallu li jintbagħtu l-irjus jew karkassi li fihom materjal ta' riskju speċifikat lejn Stat Membru ieħor wara li dak l-Istat Membru l-ieħor qabel li jirċievi l-materjal u approva l-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għal dan it-tip ta' trasport.

Iżda, karkassi, nofs karkassi u nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tlett qatgħat bl-ingrossa, u kwartijiet li ma fihom l-ebda materjal ta' riskju speċifikat barra mill-kolonna vertebrali, inkluż id-*dorsal root ganglia*, jista jkun impurtat fl-Istat Membru, jew mibgħut lejn Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun sar l-ebda qbil ma' l-Istat Membru ta' l-aħħar minn qabel.

14. Is-sistema ta' kontroll għandha tkun irranġata sabiex titneħħa l-kolonna vertebrali kif stabilit fil-punt 1(a)(i). Is-sistema għandha tinkludi mill-anqas il-miżuri li ġejjin -

(a) meta ma jkunx hemm bżonn it-tneħħija tal-kolonna vertebrali, karkassi jew qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi tal-annimali bovini li fihom il-kolonna vertebrali, għandhom ikunu identifikati minn strixxa blu fuq it-tabella kif riferit fir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1760/2000;

(b) indikazzjoni speċifika tan-numru ta' karkassi bovini jew qatgħat bl-ingrossa ta' karkassi , minn fejn it-tneħħija tal-kolonna vertebrali hija meħtieġa u minn fejn it-tneħħija tal-kolonna

vertebrali mhijiex meħtieġa, għandha tkun miżjuda mad-dokument kummerċjali riferit fl-artikolu 3(1)(A)(f)(ii) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC jew tad-dokument riferit fl-artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 93/13/EEC, kif tapplika;

(ċ) ħwienet tal-laħam għandhom jżommu, għal mill-anqas sena, id-dokumenti kummerċjali mniżżla fil-punt (b).

15. (a) Il-prodotti ta' oriġini ta' annimal elenkati hawn taħt għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet mniżżla fil-punt (b) dwar l-importazzjoni fil-Komunita Ewropea -

- il-materjal b'riskju speċifiku riferit f'punt 1 (a),

- laħam frisk - il-laħam definit permezz tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC,

- laħam kapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam: il-laħam kapuljat u l-produzzjonijiet tal-laħam definiti permezz tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 94/65/EEC;

- prodotti tal-laħam: il-prodotti tal-laħam definit fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC,

- prodotti oħrajn ta' oriġini ta' annimal: prodotti oħrajn ta' oriġini ta' annimal kif definiti permezz tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC,

- *rendered fats* kif riferit permezz tar-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002,

- ġelatina kif riferit permezz tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/118/EEC u r-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002,

- ikel tal-*pets* kif riferit permezz tar-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002,
- prodotti tad-demm skond kif imniżżel fir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002,
- il-proteini proċessati ta' l-annimali riferiti fir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002,

- għadam u prodotti ta' l-għadam kif riferiti permezz tar-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) 1774/2002,

- kategorija 3 materjal kif riferit permezz tar-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 1774/2002.

Kull riferenza għal "prodotti ta' oriġini ta' annimal", tagħżel prodotti ta' oriġini ta' annimal elenkati f'dan il-punt u ma tikkonċernax prodotti oħrajn ta' oriġini ta' annimal li jkun fihom jew ikunu ġejjin minn dawk il-prodotti ta' oriġini ta' annimal;

(b) Meta l-prodotti ta' oriġini ta' annimal imsemmija hawn fuq, li jkun fihom materjal minn annimali bovini, ovini jew kaprini jkunu mportati fil-Komunita' Ewropea minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, iċ-ċertifikati ta' saħħa għandhom ikunu akkumpanjati permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-produzzjoni, bil-kliem li ġej -

"Dan il-prodotti ma fihx u mhuwiex meħud minn -

jew

materjal b'riskju speċifiku kif definit fl-Anness XI, sezzjoni A, tar-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Nru. 999/2001 ipproduċut jew laħam mekkanikament rikoverat mill-għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini. L-annimali bovini, ovini u kaprini, li minnhom ikun meħud dan il-prodott, ma jkunux tbiċċru permezz ta' qatgħa wara li ġew sturduti bl-użu ta' gas mogħtija fil-*cranial cavity* jew maqtul bl-istess mod jew maqtul b'laċerazzjoni wara li s-sistema nervuża ċentrali kienet sturduta permezz ta' strument twil f'forma ta' virga introdott fil-kavità tar-ras.

Karkassi, nofs karkassi u kwarti ta' karkassi jista' jkun fihom kolonna vertebrali fl-importazzjoni;

jew

Materjali bovini, ovini u kaprini oħrajn barra minn dawk meħuda minn annimali li twieldu, kienu mrobbija kontinwament u mbiċċra fil-pajjiżi li ġejjin -
- Arġentina

- Awstralja

- Botswana

- Brażil

- Ċili

- El Salvador

- Iżlanda

- Namibia

- Territoire francaise de la Nouvelle Caledonie

- New Zealand

- Nikaragwa

- Panama

- Paragway

- Singapore

- Svizzera

- Urugwaj

- Vanuatu.”

B. Dak li jikkonċerna *surveys* statistiċi

Mneħħija minn (EC) No 1494/2002

Ċ. Jikkonċerna l-projbizzjoni ta’ l-ikel ta’ l-annimali

Mneħħija minn (EC) No. 1234/2003

D. Jikkonċerna t-tqegħid fis-suq u l-esportazzjoni

1. Il-punti li ġejjin għandhom jibqgħu fis-seħħ bħala miżuri transizjonali -

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 98/256/EC tas-16 ta' Marzu 1998 li jikkonċerna miżuri ta' emerġenza li jipproteġi kontra l-*bovine spongiform encephalopathy*, li temmenda d-Deċiżjoni 94/474/EC u tneħħi d-Deċiżjoni 96/239/EC.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 98/351/EC tad-29 ta' Mejju 1998 li jqiegħed data meta jintbagħtu prodotti bovini mill-Irlanda ta' Fuq taħt l-Iskema tal-Esportazzjoni ta' Merħliet Ċertifikati jista jintbeda bis-saħħa ta' l-artikolu 6(5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 98/256/EC.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 1999/514/EC tat-23 ta' Lulju 1999 li jistabbilixxi data meta jintbagħtu l-prodotti bovini mir-Renju Unit taħt l-iskema *date-based export* jista jibda bis-saħħa tal-artikolu 6(5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/256/EC.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2000/345 tat-22 ta' Mejju 2000 li jistabilixxi id-data meta jintbagħtu ċertu prodotti mill-Portugall sal-Ġermanja bil-għan ta' l-inċinerazzjoni tista tibda skond l-artikolu 3(6) tad-Deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea 98/653/EC.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2000/371/EC tas-6 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi data meta jintbagħtu barrin tal-ġlied mill-Portugall sa Franza jista jibda bis-saħħa ta' l-artikolu 3(7) tad-Deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea 98/653/EC.
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2000/371/EC tas-6 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi data meta jintbagħtu barrin tal-ġlied mill-Portugall sa Spanja jista' jibda bis-saħħa ta' l-artikolu 3(7) tad-Deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea 98/653/EC.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2001/376/EC tat-18 ta' April 2001 li jikkonċerna miżuri neċessarji jekk issemmħ il-Bovine spongiform encephalopathy fil-Portugall u timplimenta skema ta' *date-based export.*

2. Importazzjonijiet ta' annimali bovini huma soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat internazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali li jikkonferma li -

(a) l-għoti ta' ikel lir-ruminanti bi proteini meħudin minn mammiferi jkun ġie projbit u li din il-projbizzjoni tkun ġiet effettivament infurzata;

(b) l-annimali bovini maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita' Ewropea jkunu identifikati permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni permanenti u tippermettilhom li jkunu traċċati sad-*dam* u l-merħla ta' oriġini u mhumiex il-wild ta' annimali femminili suspettati li jsofru mill-BSE.

3. Punt 2 ma għandux japplika għal importazzjonijiet ta' annimali bovini li twieldu u kienu mrobbija kontinwament fil-pajjiżi li ġejjin -

- Arġentina

- Awstralja

- Botswana

- Brażil

- Ċili

- El Salvador

- Iżlanda

- Namibia

- Territoire francaise de la Nouvelle Caledonie

- New Zealand

- Nikaragwa

- Panama

- Paragway

- Singapore

- Svizzera

- Urugway

- Vanuatu.